MALTA

ATT Nru. XXIV ta' l-1995

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12

ACT No. XXIV of 1995

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Code of Organization and Civil Procedure, Cap. 12.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

UGO MIFSUD BONNICI
President

12 ta' Settembru, 1995

ATT Nru. XXIV ta' l-1995

ATT biex jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1995 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-liġi prinċipali". Kap. 12.

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet u għanijiet differenti ta' dan l-Att.

(3) Avviż maħruġ taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jista' jkun fih dawk id-dispożizzjonijiet transitorji li jistgħu jidhru lill-Ministru li jkunu meħtieġa jew spedjenti għar-rigward ta' dawk id-dispożizzjonijiet li jkunu qed jinġiebu fis-seħħ b'dak l-avviż.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 3 tal-liġi prinċipali.

2. Minflok l-artikolu 3 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Qrati Superjuri.

3. Il-qrati superjuri huma:

(a) Il-Qorti Ċivili;

(b) Il-Qorti ta' l-Appell; u

(ċ) Il-Qorti Kostituzzjonali.".

Emenda ta' l-artikolu 10 tal-liġi prinċipali.

3. Minflok il-kliem "lill-President tar-Repubblika." fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 10 tal-liġi prinċipali għandhom jidħlu l-kliem "lill-President ta' Malta.".

Emenda ta' l-artikolu 15 tal-liġi prinċipali.

4. Minflok il-kliem "qiegħed fil-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala qorti ta' istruttorja kriminali." fl-artikolu 15 tal-liġi prinċipali għandhom jidħlu l-kliem "qiegħed jagħmel kompilazzjoni taħt it-Titolu II tat-Taqsima I ta' It-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Kriminali.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 16 tal-liġi prinċipali.

5. Minflok l-artikolu 16 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Imħallfin u maġistrati ma jistgħux ikollhom karigi oħra bi ħlas. Eċċezzjonijiet.

16. L-imħallfin u l-maġistrati ma jistgħu ikollhom ebda kariga oħra bi ħlas ta' ebda xorta, lanqas temporanja, minbarra kariga ġudizzjarja f'Qorti internazzjonali jew f'korp ta' ġudikatura internazzjonali, jew il-kariga ta' eżaminatur fl-Università ta' Malta u, fil-każ ta' maġistrat, il-kariga ta' Reviżur ta' l-atti nutarili.".

Emenda ta' l-artikolu 18 tal-liġi prinċipali.

6. Fl-artikolu 18 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "ġurekonsult ieħor." jidħlu l-kliem "persuna li jkollha l-kwalifiki stabbiliti bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 100 tal-Kostituzzjoni.".

Emenda ta' l-artikolu 19 tal-liġi prinċipali.

7. Fl-artikolu 19 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "tal-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja" u l-kliem "ġurekonsult biex joqgħod, għal xi żmien, fil-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja" għandhom jidħlu l-kliem "tal-Qorti tal-Maġistrati" u l-kliem "persuna li jkollha l-istess kwalifiki stabbiliti bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 100 tal-Kostituzzjoni biex joqgħod, għal xi żmien, fil-Qorti tal-Maġistrati" rispettivament.

Emenda ta' l-artikolu 20 tal-liġi prinċipali.

8. Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 20 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "Il-ġurekonsult" għandhom jidħlu l-kliem "Min ikollu l-kwalifiki stabbiliti bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 100 tal-Kostituzzjoni u jiġi".

Emenda ta' l-artikolu 21 tal-liġi prinċipali.

9. Minnufih wara s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 21 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied dan is-subartikolu (3) ġdid li ġej:

"(3) Kull xiehda mogħtija b'affidavit għandha titniżżel fl-ilsien li l-persuna li tkun qed tagħmel l-affidavit tuża normalment. L-affidavit, meta ma jkunx bil-Malti, għandu jiġi ppreżentat flimkien ma' traduzzjoni bil-Malti, liema traduzzjoni għandha barra minn hekk tiġi kkonfermata bil-ġurament minn min jagħmilha.".

Emenda ta' l-artikolu 23 tal-liġi prinċipali.

10. Minflok l-artikolu 23 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Is-sentenzi għandhom jingħataw bil-miftuħ.

23. Is-sentenzi fil-każijiet kollha għandhom jingħataw fil-pubbliku. Il-qorti li tkun qegħda tagħti sentenza għandha taqra l-parti operattiva, li tkun inkluża fil-parti konklużiva tas-sentenza. Il-parti operattiva tas-sentenza għandha tinkludi talbiet jew l-eċċezzjonijiet li jkunu ġew deċiżi u kull dikjarazzjoni maħsuba li tkun konklusiva jew vinkolanti. Minnufih malli tingħata s-sentenza, l-imħallef jew il-maġistrat għandu jdaħħal traskrizzjoni ffirmata tas-sentenza fil-proċess tal-kawża.".

11. Minflok is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 27 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:— Emenda ta' l-artikolu 27 tal-liġi prinċipali.

"(3) Ir-reġistratur jinħatar mill-Prim Ministru, u l-uffiċjali tal-qorti l-oħra imsemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 57 għandhom ikunu l-magħżulin biex jaqdu d-dmirijiet tal-kariga tagħhom mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja.".

12. Minflok l-artikolu 29 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:— Sostituzzjoni ta' l-artikolu 29 tal-liġi prinċipali.

"Bord tar-Regoli.

29. (1) Għandu jkun hemm Bord, magħmul mill-Prim Imħallef, bħala president li jkollu wkoll *casting vote*, minn żewġ imħallfin u maġistrat maħtura mill-President ta' Malta, mill-Avukat Ġenerali u mill-President tal-Kamra ta' l-Avukati, li jkollu l-funzjoni li jagħmel regoli, msejħin Regoli tal-Qrati, għall-għanijiet imsemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu.

(2) Ir-Regoli tal-Qrati jistgħu b'mod ġenerali jintgħamlu għal kull ħaġa li tolqot it-tmexxija tal-qrati bil-għan li jassiguraw amministrazzjoni tal-ġustizzja xierqa u effiċjenti, u b'mod partikolari, iżda bla ħsara għas-sens ġenerali ta' dak imsemmi qabel —

(a) sabiex jiżguraw iż-żamma ta' l-ordni u d-dekor fil-bini tal-qrati;

(b) sabiex jiġu stabbiliti l-ġranet, il-ħinijiet, it-tul u l-għadd tas-seduti tal-qrati, u kif għandhom jitqassmu l-kawżi fost l-imħallfin u l-maġistrati maħtura biex joqogħdu f'qorti partikolari jew awla relattiva u sabiex jipprovdu dwar kull ħaġa imsemmija qabel skond kif il-Bord jista' jidhirlu xieraq;

(ċ) sabiex jirregolaw kull permess għal btala, għal kull raġuni, mogħti lill-imħallfin jew lill-maġistrati, magħduda l-ħtieġa ta' awtorizzazzjoni jew approvazzjoni ta' dak il-permess mill-awtoritajiet kompetenti;

(d) sabiex jagħmlu formuli li ma jinsabux f'dan il-Kodiċi;

(e) sabiex jingħata effett għad-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar Proċeduri Ġudizzjarji (Użu ta' l-Ilsien Ingliż) dwar l-ilsien li bih għandhom jitmexxew il-proċeduri; Kap. 189.

(f) sabiex jipprovdu dwar atti ġudizzjarji u ħwejjeġ ta' jew li għandhom x'jaqsmu mal-prattika u proċedura li m'humiex imsemmija f'dan il-Kodiċi jew f'liġijiet oħra:

Iżda, xejn f'dawn ir-regoli m'għandu jkun ma jaqbilx ma' jew imur kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġijiet oħra.

(3) Il-Bord jista' jaġixxi minkejja li l-post ta' xi membru tiegħu jisfa battal, iżda m'għandux jaġixxi jekk għall-inqas il-Prim Imħallef u membru ieħor ma jkunux preżenti.

(4) Regoli magħmulin bis-saħħa ta' dan l-artikolu huma suġġetti għall-approvazzjoni tal-President ta' Malta u jibdew iseħħu minn meta jiġu pubblikati fil-Gazzetta, skond kif jiġi speċifikat.

(5) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' permezz ta' regolamenti li jagħmel jagħti lill-Bord aktar setgħat u funzjonijiet li jwasslu għal titjib fl-amministrazjoni tal-ġustizzja.

(6) L-imħallfin u l-maġistrati għandhom jiltaqgħu, bħala korpi separati, sabiex jiddiskutu u jfittxu soluzzjonijiet prattiċi għall-problemi li jinqalgħu dwar l-amministrazzjoni tal-ġustizzja; sabiex jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwarhom lill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, u sabiex jikkordinaw it-tmexxija ta' proċedimenti u s-smigħ ta' kawżi u sabiex jiżguraw li t-tmexxija ta' proċedimenti u s-smigħ ta' kawżi f'kull qorti tkun taqbel ma' dawk tal-qrati l-oħra. Dawn il-laqgħat għandhom isiru kull meta jenħtieġu u jkun il-Prim Imħallef li jlaqqagħhom u jippresidihom, kif ukoll li jirregola l-proċedimenti. Għandhom jinżammu l-minuti ta' dawn il-laqgħat u tal-Bord b'mod regolari u ma' tmiem kull sena tal-qrati l-Prim Imħallef għandu jibgħat lill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja rapport dettaljat dwar id-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu, ir-rakkomandazzjonijiet li jkunu saru u s-soluzzjonijiet imfittxija.

(7) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' qabel dan l-artikolu, u għal kull regola jew regolament magħmulin bis-saħħa tiegħu, l-imħallfin u l-maġistrati għandhom is-setgħa li jirregolaw it-tmexxija tal-proċedimenti u tas-smigħ tal-kawżi fil-qrati rispettivi li fihom joqogħdu, u li jagħtu ordnijiet dwar il-bon ordni fis-seduti tal-qorti, skond il-liġi.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 32 tal-liġi prinċipali.

13. Minflok l-artikolu 32 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Prim Awla tal-Qorti Ċivili. Kif hija kkostitwita u l-ġurisdizzjoni tagħha.

32. (1) Wieħed mill-imħallfin joqgħod fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.

(2) Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili taqta' l-kawżi kollha ta' natura ċivili u kummerċjali, u dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom jew li s'issa dik il-Qorti, jew il-Qorti tal-Kummerċ, ħadet konjizzjoni tagħhom, sakemm dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra ma jkunux ipprovdew mod ieħor.

(3) Iżda din il-qorti ma tieħux konjizzjoni ta' kawżi ta' kompetenza tal-qrati inferjuri tal-Gżira ta' Malta ħlief meta dawn il-kawżi ma jkunux saru minn jew kontra l-Gvern ta' Malta, f'liema każ, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fil-limiti tal-kompetenza ta' dawn il-qrati inferjuri, għandha magħhom kompetenza konkorrenti, bla ħsara għal kull dispożizzjoni oħra tal-liġi.".

14. Fl-artikolu 34 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "Mis-sentenzi" għandhom jidħlu l-kliem "Ħlief meta jkun hemm provdut mod ieħor f'dan il-Kodiċi jew f'kull liġi oħra, mis-sentenzi". Emenda ta' l-artikolu 34 tal-liġi prinċipali.

15. L-artikoli 36, 37 u 38 tal-liġi prinċipali għandhom jitħassru. Tħassir ta' l-artikoli 36, 37 u 38 tal-liġi prinċipali.

16. Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 39A tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej: Emenda ta' l-artikolu 39A tal-liġi prinċipali.

"(1) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 32 u ta' l-artikolu 33, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u s-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili jistgħu jkunu komposti minn iktar minn sezzjoni waħda, skond kif il-President ta' Malta jista' b'ordni jistabbilixxi.".

17. L-artikolu 40 tal-liġi prinċipali għandu jitħassar. Tħassir ta' l-artikolu 40 tal-liġi prinċipali.

18. L-artikolu 41 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:— Emenda ta' l-artikolu 41 tal-liġi prinċipali.

(a) fis-subartikolu (5) tiegħu, il-kliem "tal-Qorti tal-Kummerċ;" u ", bla ħsara tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 51 u 52" għandhom jitħassru;

(b) fis-subartikolu (6) tiegħu, minflok il-kliem "tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Gudizzjarja għall-Gżira ta' Malta" għandhom jidħlu l-kliem "tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza inferjuri tagħha"; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (6) tiegħu, għandu jidħol dan is-subartikolu li ġej:

"(7) Meta l-Qorti ta' l-Appell tkun ser tisma' appelli mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza inferjuri tagħha, dik is-seduta għandha ssir fil-bini tal-Qrati ta' Għawdex, u għall-finijiet ta' dawk l-appelli r-reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għandu wkoll ikun ir-Reġistru tal-Qorti ta' l-Appell.".

19. L-artikolu 43 tal-liġi prinċipali għandu jitħassar. Tħassir ta' l-artikolu 43 tal-liġi prinċipali.

20. Minflok l-artikolu 46 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:— Sostituzzjoni ta' l-artikolu 46 tal-liġi prinċipali.

"Riserva.

46. Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 34 u tas-subartikolu (6) ta' l-artikolu 41 ikunu bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 46 u tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 95 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.".

Kap. 319.

Emenda ta' l-artikolu 47 tal-liġi prinċipali.

21. Fis-subartikoli (1) u (3) ta' l-artikolu 47 minflok il-kliem "mitejn u ħamsin lira Maltin" għandhom fiż-żewġ każi jidħlu l-kliem "elf lira".

Emenda ta' l-artikolu 48 tal-liġi prinċipali.

22. Fl-artikolu 48 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "mitejn u ħamsin lira Maltin" għandhom jidħlu l-kliem "elf lira".

Emenda ta' l-artikolu 49 tal-liġi prinċipali.

23. Fl-artikolu 49 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "fis-subartikolu (2)" għandhom jidħlu l-kliem "fis-subartikolu (6)".

Emenda ta' l-artikolu 50 tal-liġi prinċipali.

24. L-artikolu 50 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "bħala qorti ta' l-ewwel grad, u" għandhom jitħassru;

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem "bħala qorti ta' l-ewwel grad," għandhom jitħassru;

(ċ) minflok il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) attribuzzjoni superjuri, li bis-saħħa tagħha, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, tieħu konjizzjoni tal-kawżi kollha tax-xorta ta' dawk illi, skond l-artikolu 32, huma ta' kompetenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili."; u

Kap. 319.

(d) is-subartikoli (3), (4) u (5) tiegħu għandhom jitħassru.

Tħassir ta' l-artikoli 51 u 52 tal-liġi prinċipali.

25. L-artikoli 51 u 52 tal-liġi prinċipali għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 55 tal-liġi prinċipali.

26. Fl-artikolu 55 tal-liġi prinċipali minflok il-kelma "ġurekonsulti." għandhom jidħlu l-kliem "persuni li jkollhom il-kwalifiki stabbiliti bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 100 tal-Kostituzzjoni.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 56 tal-liġi prinċipali.

27. Minflok l-artikolu 56 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"56. Id-dispożizzjoni ta' l-artikolu 49 tkun mingħajr ħsara għad-dispożizzjoni tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 46 u tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 95 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.".

Kap. 319.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 57 tal-liġi prinċipali.

28. Minflok l-artikolu 57 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"Dmirijiet tar-Reġistratur fil-Qrati Superjuri u Inferjuri.

57. (1) Ir-Reġistratur ikollu l-funzjonijiet, setgħat u dmirijiet mogħtija lilu bid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi u jkollu taħt ir-responsabbiltà diretta tiegħu r-reġistru u l-uffiċjali ta' l-istess reġistru. L-uffiċjali msemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu u l-uffiċjali eżekuttivi tal-Qorti għandhom ikunu taħt il-kontroll amministrattiv tar-reġistratur.

(2) (a) Ir-reġistratur għandu jkun assistit fil-qadi ta' dmirijietu taħt dan il-Kodiċi minn dawn l-uffiċjali li ġejjin:

(i) assistent reġistratur prinċipali;

(ii) assistenti reġistraturi;

(iii) deputati reġistraturi;

(iv) skrivani ta' l-awla.

(b) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jagħmel regolamenti biex iżid jew iħassar mil-lista ta' uffiċjali li tinsab fil-paragrafu (a) ta' dan l-artikolu jew li jissostitwiha u jista' wkoll f'dawk ir-regolamenti jispeċifika d-dmirijiet li jistgħu jitwettqu mill-uffiċjali fil-lista kif tkun tinsab f'dawk ir-regolamenti jew tkun ġiet emendata bihom.

(3) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi u tar-regoli magħmulin taħt l-artikolu 29, ir-reġistratur għandu jieħu l-ordnijiet mingħand l-awtorità ġudizzjarja dwar kull proċediment ġudizzjarju u dwar kull att ġudizzjarju, jiġifieri:

(a) fil-qrati superjuri, fi ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' qorti partikolari, għandu jieħu l-ordnijiet mill-imħallef, jew mill-imħallfin, jekk ikunu tnejn jew iżjed, ta' dik il-qorti; f'każijiet oħra, għandu jieħu l-ordnijiet mill-Prim Imħallef;

(b) fil-qrati inferjuri, għandu jieħu l-ordnijiet mill-maġistrati tal-qorti partikolari, jew, jekk il-maġistrati maħtura biex joqogħdu f'qorti partikolari huma tnejn jew iżjed, u l-kwistjoni ma tkunx tirrigwarda l-affarijiet ta' wieħed minnhom partikolarment, mill-maġistrat anzjan.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 58 tal-liġi prinċipali.

29. Minflok l-artikolu 58 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Id-dmirijiet għandhom jiġu esegwiti f'parti mir-reġistratur innifsu u f'parti minn uffiċjali oħra tar-reġistru.

58. (1) Id-dmirijiet tar-reġistratur tal-Qrati Superjuri u Inferjuri għandhom jiġu esegwiti, f'parti minnu innifsu, u f'parti bħal ma jingħad fir-regoli magħmulin bis-saħħa ta' l-artikolu 29 ta' dan il-Kodiċi, jew, jekk ma jkunx hemm dawk ir-regoli, b'ordnijiet speċjali tal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, jew, fin-nuqqas ta' dawk u ta' dawn, b'ordni ta' l-istess reġistratur, minn kull uffiċjal tal-qorti ieħor imsemmi fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 57 illi jistgħu jesegwixxu kull wieħed mid-dmirijiet li għandu r-reġistratur.

(2) Id-dmirijiet tar-reġistratur f'kull waħda mill-qrati, waqt is-seduti tagħha, jiġu esegwiti, kemm-il darba fir-regoli hawn fuq imsemmija jew f'ordnijiet tal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja ma jkunx provdut xort'oħra, mill-assistent reġistratur prinċipali, assistent reġistratur jew deputat reġistratur.

(3) Ir-reġistratur u l-uffiċjali msemmija fis-subparagrafi (i) sa (iii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 57 ikollhom is-setgħa li jagħtu ġuramenti u għandhom, għall-finijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament, ikunu *ex officio* Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament.".

Kap. 79.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 60 tal-liġi prinċipali.

30. Minflok l-artikolu 60 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Ġurament tar-Reġistratur.

60. (1) Meta r-reġistratur jidħol għad-dmirijiet tal-kariga tiegħu, huwa għandu jieħu quddiem il-Qorti ta' l-Appell il-ġurament ta' lealtà imsemmi fl-artikolu 10, u l-ġurament tal-kariga skond il-formula li ġejja:

Jiena ..... naħlef li nagħmel bil-ħaqq u bis-sewwa u bir-reqqa kollha d-dmirijiet ta' Reġistratur tal-Qrati, mill-aħjar li nista' u li naf, u bl-aħjar ħila tiegħi. Hekk Alla jgħinni.

(2) Għal kull uffiċjal ieħor imsemmi fil-paragrafi (i) sa (iii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 57, tgħodd l-istess formula ta' ġurament, iżda fiha għandha tiġi msemmija l-kariga jew ħatra tagħhom.".

Emenda ta' l-artikolu 64 tal-liġi prinċipali.

31. L-artikolu 64 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) id-dispożizzjoni preżenti għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu;

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "wara li jagħlaq xahar." għandhom jidħlu l-kliem "wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti."; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli li ġejjin:—

"(2) Ir-rikorrent għandu jara li kopja tar-rikors għandha tiġi notifikata lil kull min ikollu interess fih, li mbagħad ikollu għoxrin jum li matulhom ikun jista' jippreżenta risposta.

(3) Il-proċeduri bil-miktub li għandhom x'jaqsmu mar-rikors għandhom jitqiesu magħluqin meta ssir ir-risposta jew jekk din ma ssirx, meta jagħlaq iż-żmien mogħti għaliha. Il-partijiet għandhom jiġu notifikati bid-data meta jkun ser jinstema' r-rikors.".

32. Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 66 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:— Emenda ta' l-artikolu 66 tal-liġi prinċipali.

"(1) Fil-każ ta' assenza jew impediment ieħor leġittimu tar-reġistratur, min ikun hemm bħala uffiċjal l-iktar anzjan minn fost l-uffiċjali msemmija fil-paragrafi (i) sa (ii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 57 jagħmel minflok ir-reġistratur, kemm-il darba l-Prim Ministru ma jaħtarx persuna oħra.".

33. L-artikolu 67 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:— Emenda ta' l-artikolu 67 tal-liġi prinċipali.

(a) is-subartikoli (1) u (2) tiegħu għandhom jiġu rispettivament enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (2) u (3) tiegħu; u

(b) dan is-subartikolu ġdid li ġej għandu jidħol bħala s-subartikolu (1) tiegħu:

"(1) L-uffiċjali esekuturi tal-qrati jkunu dawn li ġejjin:

(a) Marixxalli —

(i) marixxalli prinċipali;

(ii) marixxalli anzjani;

(iii) marixxalli;

(b) purtieri;

(ċ) messaġġiera tal-qorti:

Iżda fil-każ tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'ordni pubblikat fil-Gazzetta jaħtar lil kull uffiċjal ieħor biex iwettaq id-dmirijiet ta' uffiċjal esekutur tal-qrati.".

34. Minflok l-artikolu 68 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:— Sostituzzjoni ta' l-artikolu 68 tal-liġi prinċipali.

"Dmirijiet oħra tal-marixxalli.

68. (1) Il-marixxalli għandhom ukoll id-dmir li jżommu l-bon ordni u l-imġieba xierqa ġewwa l-edifizzju tal-qrati.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 72, kull marixxal għandu jkollu, fil-limiti ta' l-edifizzju tal-qrati u ta' kull uffiċċju, bini jew fond ieħor okkupat mir-Reġistratur tal-Qrati jew taħt is-sorveljanza tiegħu, is-setgħa li jwettaq dawk il-funzjonijiet, setgħat u dmirijiet kollha li skond il-liġi tista' twettaq il-Pulizija.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 990 u 992, meta Marixxall iżomm jew jarresta lil xi ħadd għal xi reat li jsir fil-limiti ta' edifizzju kif imsemmi fis-subartikolu ta' qabel dan, huwa għandu minnufih iġib lil min jikser il-liġi quddiem maġistrat filwaqt li jixlih bi ksur tal-bon ordni u mġieba mhux xierqa ġewwa l-edifizzju tal-Qorti u jekk il-qorti, wara li tisma' l-każ sommarjament, issib lil dik il-persuna ħatja ta' ksur tal-bon-ordni u l-imġieba xierqa ġewwa l-edifizzju tal-qrati, il-Qorti għandha tikkundanna lil dik il-persuna għal xi piena msemmija fl-artikolu 990.".

Emenda ta' l-artikolu 69 tal-liġi prinċipali.

35. Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 69 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"(1) Ħlief għad-dmirijiet imsemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 68, il-marixxalli jesegwixxu d-dmirijiet tagħhom huma nfushom jew bil-mezz ta' l-uffiċjali esekuturi tal-qorti imsemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 67 skond ir-regoli magħmula taħt l-artikolu 29, jew, fin-nuqqas ta' dawn ir-regoli, skond l-ordnijiet, ukoll bil-fomm, ta' l-imħallfin jew maġistrati kif jingħad fl-artikolu 57.".

Emenda ta' l-artikolu 70 tal-liġi prinċipali.

36. L-artikolu 70 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) l-artikolu 70 għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu; u

(b) għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu:

"(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 992, jekk persuna xjentement tevita, tfixkel jew tirrifjuta s-servizz ta' xi att jew ordni tal-qorti jew l-eżekuzzjoni ta' xi mandat jew ordni li ssir minn uffiċjal esekutur tal-qorti, ikun ħati ta' disprezz tal-qorti u jista' jeħel, meta jinstab ħati, il-pieni msemmija fl-artikolu 990.".

Emenda ta' l-artikolu 78 tal-liġi prinċipali.

37. Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 78 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"(1) Sakemm ma jinħatarx uffiċjal ieħor mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, ir-reġistratur huwa *ex officio* l-Arkivist tal-Qrati Superjuri u Inferjuri.".

Emenda ta' l-artikolu 79 tal-liġi prinċipali.

38. L-artikolu 79 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikoli (2), (3) u (4) tiegħu għandhom jitħassru; u

(b) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu 79.

Emenda ta' l-artikolu 80 tal-liġi prinċipali.

39. Fl-artikolu 80 tal-liġi prinċipali minflok il-kelma "misjuba" għandha tidħol il-kelma "msemmija".

40. Fil-paragrafu (d) ta' l-artikolu 81 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "wara l-31 ta' Diċembru" għandhom jidħlu l-kliem "wara l-bidu". Emenda ta' l-artikolu 81 tal-liġi prinċipali.

41. Minflok il-kliem "L-avukati ma jistgħux" fl-artikolu 82 tal-liġi prinċipali għandhom jidħlu l-kliem "Ħlief kif jista' jiġi provdut f'regolamenti magħmula taħt l-artikolu 1004, l-avukati ma jistgħux". Emenda ta' l-artikolu 82 tal-liġi prinċipali.

42. Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 84 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "lir-reġistraturi tal-qrati tal-ġustizzja" għandhom jidħlu l-kliem "lir-reġistratur tal-qrati tal-ġustizzja". Emenda ta' l-artikolu 84 tal-liġi prinċipali.

43. Fl-artikolu 86 tal-liġi prinċipali minflok il-kelma "miġjuba" għandha tidħol il-kelma "msemmija". Emenda ta' l-artikolu 86 tal-liġi prinċipali.

44. Fil-paragrafu (d) ta' l-artikolu 87 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "wara l-31 ta' Diċembru" għandhom jidħlu l-kliem "wara l-bidu". Emenda ta' l-artikolu 87 tal-liġi prinċipali.

45. Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 89 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:— Sostituzzjoni ta' l-artikolu 89 tal-liġi prinċipali.

"(1) Għandu jkun hemm tliet gruppi, wieħed magħmul minn mhux inqas minn tnax-il avukat, ieħor magħmul minn mhux inqas minn sitt prokuraturi legali u ieħor magħmul minn mhux inqas minn sitt *accountants*, minbarra esperti oħra magħżulin mill-Ministru responsabbli għall ġustizzja sabiex jaqdu d-dmirijiet ta' kuraturi, avukati jew prokuraturi legali *ex officio*, u ta' *accountants* jew esperti oħra,. fil-qrati superjuri u fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), kull meta jkun meħtieġ skond dan il-Kodiċi.".

46. Minflok l-artikolu 91 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:— Emenda ta' l-artikolu 91 tal-liġi prinċipali.

"Pubblikazzjoni ta' l-elenku tal-kuraturi *ex officio*, eċċ.

91. Elenku tal-membri fil-gruppi maħturin kif imsemmi qabel għandu jitwaħħal fir-Reġistru tal-Qrati Superjuri u fir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), u għandu jiġi pubblikat fil-Gazzetta.".

47. Fl-artikolu 95 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "bil-benefiċċju ta' għajnuna legali," għandhom jidħlu l-kliem "bil-benefiċċju ta' għajnuna legali, jew li jkunu parti fil-proċedimenti jew li jkomplu dawk il-proċedimenti b'dak il-benefiċċju,". Emenda ta' l-artikolu 95 tal-liġi prinċipali.

48. Minflok l-artikolu 96 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:— Sostituzzjoni ta' l-artikolu 96 tal-liġi prinċipali.

"Prevarikazzjoni jew traskuraġni ta' kuraturi.

96. F'każ ta' mġieba ħażina jew traskuraġni minn kuratur maħtur mill-elenku biex jaqdi d-dmirijiet ta' kuratur jew ta' avukat għall-għajnuna legali, jew f'każ li ssir oġġezzjoni raġonevoli għall-istess kuratur, il-qorti tista' tnehhih mill-qadi ta' dmirijietu u taħtar floku kuratur ieħor mill-elenku:

Iżda l-qorti tista', permezz tar-reġistratur, tikkomunika lill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja id-digriet tagħha.".

Żieda ta' Titolu XI ġdid mal-liġi prinċipali.

49. Minnufih wara l-artikolu 97 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied dan it-titolu ġdid li ġej:

"TITOLU XI
FUQ L-ASSISTENTI ĠUDIZZJARJI

Ħatra ta' Assistenti Ġudizzjarji.

97A. (1) Il-President ta' Malta għandu jaħtar assistenti ġudizzjarji biex iwettqu dawk il-funzjonijiet li huma mogħtija lilhom b'dan il-Kodiċi jew b'kull liġi oħra.

(2) L-assistenti ġudizzjarji għandhom jinħatru minn fost persuni li jkollhom il-*warrant* ta' avukat.

(3) Il-funzjonijiet ta' l-assistenti ġudizzjarji għandhom jinkludu dan li ġej:—

(a) li jassistu fil-proċess ġudizzjarju u fuq talba tal-Qoti li jipparteċipaw fil-proċedimenti li jkunu pendenti quddiem qorti superjuri, magħdud kull xogħol ta' riċerka jew xogħol ieħor meħtieġ għaldaqshekk, u sabiex iwettqu dawk id-dmirijiet u jħaddmu dawk is-setgħat li huma jistgħu jkunu meħtieġa jew awtorizzati li jwettqu minn dik il-qorti;

(b) li jagħtu ġuramenti;

(ċ) li jieħdu x-xieħda ta' kull persuna li tinġieb b'xhud waqt kull proċediment;

(d) li jieħdu kull affidavit fuq kull ħaġa, inkluża ħaġa li jkollha x'taqsam ma' kull proċedimenti li jkunu ttieħdu jew li jkun hemm il-ħsieb li jittieħdu quddiem xi qorti superjuri jew quddiem qorti jew tribunal ta' kompetenza ċivili mwaqqfa b'liġi;

(e) li jirċievu dokumenti prodotti ma' kull xieħda, affidavit jew dikjarazzjoni, inklużi b'mod partikolari xieħda, affidavit jew dikjarazzjoni kif imsemmija f'dan il-Kodiċi.

(4) Fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom l-assistenti ġudizzjarji għandhom jiġu assenjati f'qorti u għandhom jaġixxu taħt id-direzzjoni u l-kontroll tal-qorti li quddiemha jkun hemm il-każ pendenti,u għandu, b'żieda ma' kull setgħa li jistgħu leġittimament jingħataw minn dik il-qorti, jkollhom is-setgħa li jordnaw l-attendenza ta' kull persuna sabiex tixhed jew tagħmel affidavit jew dikjarazzjoni, jew iġġib dokumenti, f'dak il-post u ħin li jistgħu jiġu speċifikati fl-ordni.

Ġurament tal-ħatra, rimunerazzjoni u tneħħija ta' assistenti ġudizzjarji.

97B. (1) Assistent ġudizzjarju ma jibdiex iwettaq il-funzjonijiet tal-kariga tiegħu qabel ma jieħu, quddiem il-Qorti ta' l-Appell, il-ġurament tal-ħatra kif ġej:

"Jien .....
naħlef li fedelment u bl-onesta kollha u bl-aħjar ħila tiegħi inwettaq id-dmirijiet ta' assistent ġudizzjarju hekk kif stabbiliti bil-liġi.".

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-Sub-titolu II tat-Titolu II tat-Tielet Ktieb għandhom ukoll japplikaw għall-assistenti ġudizzjarji, b'dan illi d-deċiżjoni fuq kull ħaġa bħal din għandha tittieħed mill-Qorti li quddiemha jkun hemm il-każ pendenti.

Deċiżjonijiet mill-assistenti ġudizzjarji.

97C. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 97B meta fi proċedimenti quddiem assistent ġudizzjarju titqajjem xi kwistjoni dwar jew in konnessjoni ma' l-istess proċedimenti, il-kwistjoni għandha fl-ewwel lok tiġi deċiża mill-assistent ġudizzjarju li mingħajr dewmien però fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn tlett ijiem mindu jagħti l-imsemmija deċiżjoni għandu jinforma lill-Qorti biha, u d-deċiżjoni ta' l-assistent ġudizzjarju għandha torbot sakemm il-qorti, b'digriet, ma tiddeċidix mod ieħor.".

50. L-artikolu 106 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 106 tal-liġi prinċipali.

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar; u

(b) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu 106.

51. Il-proviso li hemm għall-artikolu 107 tal-liġi prinċipali għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 107 tal-liġi prinċipali.

52. Minflok l-artikolu 109 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 109 tal-liġi prinċipali.

"Meta jinżammu s-seduti, eċċ.

109. (1) Jistgħu isiru seduti tal-qorti mit-Tnejn sal-Ġimgħa ta' kull ġimgħa fiż-żmien stabbilit fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu għall-ftuħ tar-registri tal-qorti u matul kull żmien ieħor li l-qorti tista' tappunta:

Iżda ħlief b'ordni speċjali tal-qorti, fil-każ ta' urġenza jew għal raġunijiet oħra li jitqiesu suffiċjenti mill-qorti, ma għandha ssir ebda seduta nhar ta' Sibt, fil-vaganzi pubbliċi kif provdut fl-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra, kif ukoll l-Erbgħa u l-Ħamis tal-Ġimgħa Mqaddsa.

Kap. 252.

(2) Ir-reġistru tal-Qrati Superjuri u r-reġistri tal-Qrati Inferjuri għandhom jinfetħu għall-preżentata ta' atti ġudizzjarji f'dawk il-ġranet u matul dawk il-ħinijiet li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' permezz ta' regolamenti jistabilixxi:

Iżda kull wieħed mir-reġistri msemmija qabel jista' b'ordni speċjali tal-qorti jew b'ordni mogħti bil-miktub mir-reġistratur, jinfetaħ għall-preżentata ta' atti ġudizzjarji f'kull jum jew ħin li jkun.

(3) Ir-reġistratur għandu jikkonforma ruhu u jwettaq għal kollox kull ordni tal-Qorti biex huwa jiftaħ l-edifizzju tal-qorti f'kull jum u f'kull ħin hekk kif il-Qorti tista' tispeċifika fl-ordni.

(4) Att ġudizzjarju jista' jiġi notifikat jew esegwit mit-Tnejn sas-Sibt ta' kull ġimgħa u matul il-ħinijiet imsemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 280:

Iżda b'ordni speċjali tal-qorti jew b'ordni mogħti bil-miktub mir-reġistratur f'każijiet urġenti, att ġudizzjarju jista' jiġi notifikat jew esegwit f'kull ġurnata oħra jew f'kull ħin ieħor:

Iżda wkoll, meta, taħt regolamenti magħmulin bis-saħħa tas-subartikolu (8) ta' l-artikolu 187, in-notifika għandha ssir minn uffiċjali ta' l-Uffiċċju tal-Posta, dik in-notifika tista', minkejja kull dispożizzjoni oħra, issir f'dawk il-ġranet u ħinijiet li matulhom dawk l-uffiċjali jkunu qegħdin jaqdu dmirijithom skond ir-regoli ta' l-Uffiċċju tal-Posta.

(5) Ir-reġistratur ma għandux jirrifjuta li jagħti ordni bis-saħħa tas-subartikoli (2) jew (4) ta' dan l-artikolu sakemm huwa ma jkunx irrefera l-kwistjoni lill-qorti kompetenti għad-deċiżjoni tagħha.".

Emenda ta' l-artikolu 116 tal-liġi prinċipali.

53. Fl-artikolu 116 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "lill-avukati, lill-partijiet f'kawża jew lil nies oħra" għandhom jidħlu l-kliem "lill-avukat, lill-prokuraturi legali, lill-partijiet f'kawża jew lil nies oħra".

Emenda ta' l-artikolu 121 tal-liġi prinċipali. ,

54. L-artikolu 121 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "fl-ewwel ta' Lulju u jispiċċa fit-tletin ta' Settembru" għandhom jidħlu l-kliem "fis-sittax ta' Lulju u jispiċċa fil-ħmistax ta' Settembru"; u

(b) minflok is-subartikolu (4) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, għandu jkun hemm ferjat fil-qrati inferjuri matul ix-xahar ta' Awissu ta' kull sena.".

Emenda ta' l-artikolu 125 tal-liġi prinċipali.

55. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 125 tal-liġi prinċipali il-kliem "b'libell, b'petizzjoni," għandhom jitħassru.

Sostituzzjoni ta' l-intestatura tat-Titolu I tat-Taqsima I ta' It-Tieni Ktieb tal-liġi prinċipali.

56. Minflok l-intestatura tat-Titolu I tat-Taqsima I ta' It-Tieni Ktieb tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan it-titolu li ġej:—

"Fuq il-Proċediment b'Rikors biex isir Appell".

Thassir ta' l-artikoli 126 sa 141 tal-liġi prinċipali.

57. L-artikoli 126 sa 141 tal-liġi prinċipali għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 142 tal-liġi prinċipali.

58. Fl-artikolu 142 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "b'petizzjoni" fis-subartikolu (1) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "b'rikors", u minflok il-kliem "Il-petizzjoni għandu jkun fiha" fis-subartikolu (2) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "Ir-rikors għandu jkun fih".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 143 tal-liġi prinċipali.

59. Minflok l-artikolu 143 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"X'għandu jkun fih ir-rikors fl-appell.

143. (1) Ir-rikors għat-thassir tas-sentenza għandu jkun fih riferenza għat-talba u għas-sentenza li tkun qegħda tiġi appellata flimkien ma' raġunijiet dettaljati li għalihom ikun qiegħed isir l-appell u fih għandu jintalab li dik it-talba tiġi milqugħa jew miċħuda.

(2) Ir-rikors għat-tibdil tas-sentenza għandu jkun fih riferenza għat-talba u għas-sentenza li tkun qegħda tiġi appellata u għandu jfisser, wieħed wieħed għalih, il-kapi tas-sentenza li jsir ilment minnhom flimkien ma' raġunijiet dettaljati għaliex ikun qiegħed isir l-appell u, fl-għeluq tiegħu, għandu jingħad, speċifikatament, it-tibdil tas-sentenza li jintalab dwar kull kap.

(3) Ir-rikors għat-thassir, annullament jew tibdil ta' digriet għandu jkun fih riferenza għall-kontenut tad-digriet li jkun qed jiġi appellat flimkien ma' raġunijiet dettaljati għal dak it-thassir, annullament jew tibdil.

(4) Fil-każijiet imsemmija f'dan l-artikolu talba għal thassir għandha titqies li tinkludi talba għal annullament u tibdil tas-sentenza jew tad-digriet, u talba għal annullament għandha titqies li tinkludi talba għal thassir u tibdil tas-sentenza jew tad-digriet.

(5) In-nuqqas ta' tharis ta' dak li hu meħtieġ skond is-subartikolu (1), (2) u (3) ta' dan l-artikolu, ma jagħmilx null ir-rikors; iżda, f'kull każ bħal dan, il-qorti tordna b'digriet lill-appellant biex jippreżenta, fi żmien jumejn, nota li jkun fiha l-partikolaritajiet meħtieġa mil-liġi u li ma jkunux inġiebu regolarment fir-rikors.

(6) L-ispejjeż tad-digriet u tal-preżentata tan-nota jħallashom l-appellant.

(7) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (5) u (6) ta' dan l-artikolu, fil-każ imsemmi fl-artikolu 240, igħoddu għat-tweġiba.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 144 tal-liġi prinċipali.

60. Minflok l-artikolu 144 tal-liġi prinċipali għandu jiġi sostitwit dan l-artikolu li ġej:—

"Notifika ta' rikors ta' appell. Żmien għat-tweġiba.

144. (1) Appell jista' jsir minn kull parti kontra l-partijiet l-oħra kollha jew kull wieħed minnhom. L-appellant għandu jindika fir-rikors ta' appell il-partijiet li kontra tagħhom l-appell ikun qed isir. Ir-rikors ta' appell għandu jiġi notifikat lill-partijiet kollha iżda l-partijiet biss li kontra tagħhom isir l-appell għandhom fi żmien għoxrin jum jippreżentaw it-tweġiba li jkun fiha r-raġunijiet għaliex l-appell għandu jiġi miċħud.

Żmien għat-tweġiba f'każ ta' appell inċidentali.

(2) F'każ ta' appell inċidentali skond l-artikolu 240, il-parti li kontra tagħha jsir l-appell inċidentali għandha fl-imsemmi terminu ta' għoxrin jum tippreżenta tweġiba li fiha tirreplika kontra l-allegazzjonijiet inklużi fl-appell inċidentali.".

Emenda ta' l-artikolu 145 tal-liġi prinċipali.

61. Fl-artikolu 145 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "Mal-petizzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "Mar-rikors".

Emenda ta' l-artikolu 146 tal-liġi prinċipali.

62. L-artikolu 146 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "għall-petizzjoni" fis-subartikolu (1) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "għal rikors"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) għandu jidħol is-subartikolu li ġej:

"(3) In-nuqqas ta' xi parti milli tippreżenta tweġiba jew risposta fit-termini stabbiliti ma għandhiex twaqqaf lil dik il-parti milli tidher quddiem, jew tagħmel sottomissjonijiet lill-qorti matul is-smiegħ ta' l-appell.".

Tħassir ta' l-artikoli 148 u 149 tal-liġi prinċipali.

63. L-artikoli 148 u 149 tal-liġi prinċipali għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 150 tal-liġi prinċipali.

64. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 150 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "fl-artikoli 129, 135, 138 u 145" għandhom jidħlu l-kliem "fl-artikolu 145".

Emenda ta' l-artikolu 151 tal-liġi prinċipali.

65. Fl-artikolu 151 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "fl-artikoli 141 u 146" għandhom jidħli l-kliem "fl-artikolu 146".

Emenda ta' l-artikolu 152 tal-liġi prinċipali.

66. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 152 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "l-attur, appellant jew il-libellant" għandhom jidħlu l-kliem "l-appellant", u minflok il-kliem "fi żmien sitt ijiem tax-xogħol" għandhom jidħlu l-kliem "fi żmien għaxart ijiem".

Emenda ta' l-artikolu 156 tal-liġi prinċipali.

67. Minflok is-subartikoli (3), (4), (5) u (6) ta' l-artikolu 156 tal-liġi prinċipali għandhu jidħol dan li ġej:—

"(3) Fil-qrati superjuri, l-attur jew wieħed mill-atturi għandu wkoll flimkien maċ-ċitazzjoni jippreżenta dikjarazzjoni f'paragrafi numerati li jkun fiha miġjuba biċ-ċar il-fatti kollha

rilevanti għall- kawża u li tiddeskrivi kull fatt f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu, u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment. Din id-dikjarazzjoni għandha jew tkun konfermata bil-ġurament quddiem ir-reġistratur jew li magħha l-attur, jew wieħed mill-atturi, jannetti affidavit li fih jikkonferma l-fatti kollha li jsostnu t-talba tiegħu, filwaqt li jiddikjara liema fatti huwa jaf bihom personalment.

(4) L-attur għandu wkoll jagħti mad-dikjarazzjoni l-ismijiet tax-xhieda li jkun bi ħsiebu jġib, filwaqt li jiddikjara dwar kull wieħed minnhom x'fatti u xi prova bi ħsiebu jagħmel bix-xiehda tagħhom.

(5) Meta jitressqu diversi azzjonijiet flimkien kif provdut fis-subartikoli (3), (4) u (5) ta' l-artikolu 161, mill-inqas wieħed mill-atturi għandu jippreżenta dikjarazzjoni li jew tiġi konfermata bil-ġurament qudiem ir-reġistratur, jew li jkun hemm magħha l-affidavit tiegħu, u għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu.

(6) Kopja ta' dik id-dikjarazzjoni u ta' dak l-affidavit, li jista' jkun hemm, kif imsemmi fis-subartikoli (3) u (5) ta' dan l-artikolu għandhom jiġu notifikati lill-konvenut flimkien maċ-ċitazzjoni.

(7) Ir-reġistratur ma għandu jirċievi ebda ċitazzjoni li ma jkunx hemm magħha dik id-dikjarazzjoni u dak l-affidavit li jista' jkun hemm kif imsemmi fis-subartikoli (3) u (5) ta' dan l-artikolu u l-qorti ma għandha tħalli lil ebda xhud jinġieb sakemm dan ma jkollux ismu imniżżel flimkien maċ-ċitazzjoni. Meta l-ħtieġa għall-produzzjoni ta' xhud tinqala' wara li tkun ġiet preżentata iċ-ċitazzjoni, jew meta l-parti kuntrarja tagħti l-kunsens tagħha bil-mod kif jingħad fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 150, jew jekk il-qorti jidhrilha li jkun fl-interess tal-ġustizzja li tisma' lil xi xhud partikolari, il-qorti tista' tħalli lil dak ix-xhud jinstama'.

(8) Meta l-prova li hemm maħsub li tinġieb dwar kull xhud ma tiġi dikjarata xejn jew ma tiġix dikjarata biżżejjed fid-dikjarazzjoni, il-qorti għandha fl-ewwel jum appuntat għas-smigħ preliminari tal-kawża tordna lill-attur sabiex jindika b'mod sewwa xi prova bi ħsiebu jġib permezz ta' kull xhud fi żmien li jiġi lilu stabbilit mill-qorti.".

Tħassir ta' l-artikolu 156A tal-liġi prinċipali.

68. L-artikolu 156A tal-liġi prinċipali għandu jitħassar.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 157 tal-liġi prinċipali.

69. Minflok l-artikolu 157 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Notifika taċ-ċitazzjoni.

157. Tkun ir-responsabbiltà ta' l-attur li jieħu ħsieb li, permezz tar-reġistratur jiġu notifikati lill-konvenut kopja taċ-ċitazzjoni u tad-dikjarazzjoni u ta' kull affidavit ta' l-attur li jista' jkun hemm.".

Emenda ta' l-artikolu 158 tal-liġi prinċipali.

70. L-artikolu 158 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (4) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(4) Il-konvenut jew wieħed mill-konvenuti jekk ikun hemm aktar minn wieħed, għandu wkoll, jippreżenta flimkien man-nota ta' eċċezzjonijiet, dikjarazzjoni b'paragrafi numerati li jkun fiha l-fatti kollha dwar it-talba, fejn jiċħad, jammetti jew jispjega ċ-ċirkostanzi tal-fatti murija fid-dikjarazzjoni ta' l-attur, filwaqt li jiddikjara liema fatti huwa jaf bihom personalment. Din id-dikjarazzjoni għandha tkun konfermata bil-ġurament quddiem ir-reġistratur jew jingħieb magħha affidavit tal-konvenut jew ta' wieħed mill-konvenuti fuq il-fatti kollha li jirrigwardaw it-talba, fejn jiċħad, jammetti jew jispjega ċ-ċirkostanzi tal-fatti murija fid-dikjarazzjoni ta' l-attur, u l-konvenut għandu wkoll jikkonferma li hu jaf bil-fatti hekk imsemmija personalment. Il-konvenut għandu wkoll jagħti l-ismijiet tax-xhieda li jkun bi ħsiebu jġib u jiddikjara dwar kull wieħed minnhom xi prova jkun bi ħsiebu jagħmel bix-xiehda tagħhom. Flimkien man-nota ta' l-eċċezzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati dawk id-dokumenti kollha li jistgħu jinħtieġu biex isaħħu l-eċċezzjonijiet.";

(b) minflok is-subartikolu (5) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:—

"(5) ir-reġistratur ma għandu jirċievi ebda nota ta' eċċezzjonijiet li magħha ma jkunx hemm dik id-dikjarazzjoni u affidavit bħal dak imsemmi fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, u l-qorti ma għandha tħalli jingħieb ebda xhud li ismu ma jkunx ingħata f'dik id-dikjarazzjoni. Meta l-ħtieġa għall-produzzjoni ta' xhud tinqala' wara li tkun ġiet preżentata d-dikjarazzjoni, jew meta l-parti kuntrarja tagħti l-kunsens tagħha bil-mod kif jingħad fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 150, jew jekk il-qorti tqis li jkun fl-interess tal-ġustizzja li tisma' lil xi xhud partikolari, il-qorti tista' tħalli lil dak ix-xhud jinstema'.";

(ċ) is-subartikoli (6), (7), (8), (9), (10), (11) u (12) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid rispettivament bħala s-subartikoli (7), (8), (9), (10), (11), (12) u (13);

(d) minnufih wara s-subartikolu (5) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu (6) ġdid li ġej:—

"(6) Meta l-prova li hemm maħsuba li tingħieb minn kull xhud ma tiġi dikjarata xejn jew ma tiġix dikjarata sewwa fid-dikjarazzjoni, il-qorti għandha, fl-ewwel jum stabbilit għas-smigħ preliminari tal-kawża, tordna lill-konvenut sabiex jindika sew xi tkun dik il-prova li bi ħsiebu jġib permezz ta' kull xhud f'dak iż-żmien li jiġi hekk stabbilit mill-qorti.";

(e) minnufih f'tarf is-subartikolu (10) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, għandhom jiżdiedu l-kliem "Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba ta' l-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi."; u

(f) fis-subartikolu (13) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "qabel l-egħluq tal-proċedimenti bil-miktub preliminari" għandhom jidħlu l-kliem "qabel iż-żmien stabbilit biex tiġi ppreżentata n-nota ta' l-eċċezzjonijiet skond dan l-artikolu".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 160 tal-liġi prinċipali.

71. Minflok l-artikolu 160 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Affidavit ta' xhieda.

160. Meta parti tkun bi ħsiebha ġġib xhud f'xi proċediment quddiem il-qorti hija tista', flimkien ma' ċ-ċitazzjoni jew ma' nota ta' l-eċċezzjonijiet, skond ma jeħtieġ il-każ, tippreżenta fir-reġistru ta' dik il-qorti affidavit magħmul minn dak ix-xhud quddiem assistent ġudizzjarju jew quddiem persuna oħra awtorizzata tagħti ġurament, u kopja ta' dak l-affidavit għandha tiġi notifikata lill-parti l-oħra.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 161 tal-liġi prinċipali.

72. Minflok l-artikolu 161 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"Kif jitmexxa fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha superjuri.

161. (1) Fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha superjuri, il-proċedimenti ordinarjament jitmexxew b'ċitazzjoni.

(2) Il-proċedimenti jistgħu jitmexxew b'rikors fil-każijiet preskritti bi jew skond xi liġi.

(3) Żewġ atturi jew aktar jistgħu jibdew il-kawżi tagħhom permezz ta' ċitazzjoni waħda jew rikors wieħed skond il-każ, jekk il-kawżi jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin minħabba fil-mertu tagħhom jew jekk id-deċiżjoni li tingħata dwar waħda mill-kawżi tista' tolqot id-deċiżjoni dwar il-kawża jew il-kawżi l-oħra u jekk il-provi li jingħiebu f'waħda mill-kawżi jkunu, ġeneralment, l-istess provi li għandhom jingħiebu fil-kawża jew fil-kawżi l-oħra. Ir-raġuni għaliex ikunu qegħdin isiru l-kawżi u l-mertu tagħhom għandhom jiġu dikjarati b'mod ċar u speċifiku minn kull attur.

(4) Madankollu, kull waħda mill-kawżi li hekk jinbdew flimkien għandhom jinstemgħu separatament meta xi attur jitlob li jsir dan fil-kawża tiegħu; u l-qorti tista' wkoll tordna li kawża għandha tinstama' għaliha meta ma jkunx espedjenti li l-kawżi ta' l-atturi kollha jinstemgħu flimkien. Dik l-ordni tista' tingħata f'kull żmien tal-kawża qabel is-sentenza finali.

(5) Meta diversi kawżi jinbdew flimkien skond kif provdut fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu dawn għandhom għall-għan li tiġi stabbilita l-kompetenza tal-qorti jiġu kkunsidrati f'daqqa. Dik il-qorti tibqa' wkoll kompetenti għar-rigward ta' kull kawża li tinfired mill-oħrajn skond is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu.".

Thassir ta' l-artikolu 162 tal-liġi prinċipali.

73. L-artikolu 162 tal-liġi prinċipali għandu jiġi mħassar.

Thassir ta' l-artikolu 163 tal-liġi prinċipali.

74. L-artikolu 163 tal-liġi prinċipali għandu jitħassar.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 164 tal-liġi prinċipali.

75. Minflok l-artikolu 164 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"Meta jkun hemm nullità.

164. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 175 ta' dan il-Kodiċi, ikun hemm nullità jekk kawża illi jmissha tinġieb b'ċitazzjoni jew b'rikors ta' appell minflok tinġieb permess ta' xi att ġudizzjarju ieħor.

(2) Ma hemmx nullità jekk kawża illi jmissha tinġieb b'rikors minflok tinġieb b'ċitazzjoni:

Iżda l-qorti tista' tordna lill-attur illi jissostitwixxi ċ-ċitazzjoni b'rikors;

Iżda wkoll, kull żieda addizjonali li ssir fl-ispejjeż għandha titħallas mill-attur;

Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma għandhomx japplikaw meta skond xi liġi oħra li ma tkunx dan il-Kodiċi l-proċedimenti għandhom jinbdew b'rikors.".

Emenda ta' l-artikolu 167 tal-liġi prinċipali.

76. L-artikolu 167 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(1) Fil-kawżi ta' kompetenza tal-qrati superjuri jew tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha superjuri, meta t-talba hija biss —

(a) għall-ħlas ta' dejn ċert, likwidu u li għalaq, illi ma jkunx jikkonsisti fl-esekuzzjoni ta' fatt; inkella

(b) għall-iżgumbrament ta' kull persuna minn raba' jew minn bini, sew jekk b'talba għall-ħlas ta' ċens, kera jew kull ħlas ieħor dovut, jew għal danni bħala kumpens sakemm il-fond jitbattal, jew mingħajrha,

l-attur jista' jitlob fl-att stess taċ-ċitazzjoni li jiġi deċiż skond it-talba, bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża:

Iżda l-attur għandu fid-dikjarazzjoni tiegħu magħmula skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 156, jiddikjara li safejn jaf hu l-konvenut ma għandux eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talba;

Iżda wkoll, l-attur jista' wkoll jippreżenta affidavit maħluf ta' kull persuna oħra, li jkun fih fatti li għandhom x'jaqsmu mat-talba, u li jikkonferma li l-persuna tkun taf b'dawk il-fatti personalment.";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar;

(ċ) is-subartikolu (3) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (2) tiegħu; u

(d) minflok is-subartikolu (4) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1), (2) u (3) ta' l-artikolu 156 u d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 159 jgħoddu għal din iċ-ċitazzjoni.".

Emenda ta' l-artikolu 168 tal-liġi prinċipali.

77. Fl-artikolu 168 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "b'kopja, id-dikjarazzjoni maħlufa" għandhom jidħlu l-kliem "b'kopja, id-dikjarazzjoni u kull dikjarazzjoni maħlufa".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 169 tal-liġi prinċipali.

78. Minflok l-artikolu 169 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Żmien għan-notifika taċ-ċitazzjoni.

169. Fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 167, iċ-ċitazzjoni għandha tkun notifikata lill-konvenut mingħajr dewmien; u huwa għandu jiġi mħarrek biex jidher mhux aktar kmieni minn ħmistax-il jum u mhux aktar tard minn tletin jum min-notifika:

Iżda fin-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu l-qorti ma għandhiex tieqaf timxi bi proċediment sommarju speċjali iżda għandha tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa biex id-drittijiet tal-partijiet ma jiġux preġudikati.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 169A tal-liġi prinċipali.

79. Minflok l-artikolu 169A tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Kif issir notifika.

169A. Iċ-ċitazzjoni, id-dikjarazzjoni u kull affidavit u nota li ssir miegħu, kif ukoll ordni imsemmi fl-artikoli 168 u 169 għandhom jiġu notifikati minn uffiċjal eżekutur talqrati.".

Emenda ta' l-artikolu 170 tal-liġi prinċipali.

80. L-artikolu 170 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem minn "eċċezzjonijiet tajba," sa "li jopponi t-talba," għandhom jidħlu l-kliem "eċċezzjonijiet *prima facie*, fil-liġi jew fil-fatt xi jġib kontra l-meritu ta' l-azzjoni, jew xort'oħra ma jġibx fatti jew punti ta' liġi li

jistgħu jitqiesu li jkunu biżżejjed biex jagħtuh il-jedd li jopponi t-talba jew li jagħmel kontro-talba,"; u fi tmiem l-imsemmi subartikolu (1) għandu jiżdied dan il-kliem li ġej: "Il-konvenut jista' jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu biex jattakka l-proċedimenti magħmula mill-attur bħala mhux regolari jew li ma jgħoddux għall-każ permezz ta' nota li tiġi preżentata fir-reġistru tal-qorti jew fl-udjenza."; u

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Meta l-konvenut jirnexxilu jattakka l-proċedimenti fuq il-bażi ta' irregolarità, jew inapplikabilità, jew meta jissodisfa lill-qorti li huwa għandu eċċezzjoni *prima facie* biex jopponi t-talba, jew iġib fatti jew punti ta' dritt li jitqiesu bħala biżżejjed biex jagħtuh il-jedd li jopponi t-talba jew li jagħmel kontro-talba, jingħata lilu l-permess li jopponi l-azzjoni u li jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data ta' l-ordni msemmi fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, f'liema każ il-konvenut għandu jħares id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 158 sa fejn dan igħodd.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 171 tal-liġi prinċipali.

81. Minflok l-artikolu 171 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Tmexxija fil-qrati inferjuri.

171. (1) Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, jitmexxa bil-mod ta' ċitazzjoni li ssir fl-għamla ta' avviż sempliċi iffirmat mir-reġistratur, li jkun fih l-isem u l-kunjom ta' l-attur u tal-konvenut, it-talba ta' l-attur, u l-jum u l-ħin meta l-konvenut għandu jidher.

(2) Il-kawża għandha titmexxa sommarjament skond l-artikolu 215.

(3) Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 23, is-sentenza li tingħata fil-qrati msemmija ma teħtieġx li tkun tinkludi r-raġunijiet kollha li wasslu għaliha, iżda tista' biss issemmi l-punti ewlenin li fuqhom il-qorti tkun ibbażat il-konklużjonijiet tagħha.".

Emenda ta' l-artikolu 172 tal-liġi prinċipali.

82. Fl-artikolu 172 tal-liġi prinċipali minflok il-kelma "petizzjoni" kull fejn tidher għandha tidħol il-kelma "rikors".

Emenda ta' l-artikolu 173 tal-liġi prinċipali.

83. L-artikolu 173 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) l-artikolu kollu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu;

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu l-qorti tista', f'kull waqt tal-proċedimenti —

(a) jew b'inizjattiva tagħha stess jew fuq rikors ta' xi parti fil-proċedimenti, tordna li x-xiehda ta' xi persuna li tkun ser tingieb bħala xhud għandha tingħata quddiem assistent ġudizzjarju jew quddiem imħallef supplenti f'dak il-post u f'dak il-ħin u b'dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu speċifikati fl-ordni;

(b) meta jsir rikors minn xi parti fil-proċedimenti bil-għan li jiġi konfermat bl-affidavit ta' persuna indikata mill-parti fatt dikjarat fir-rikors jew f'nota li jkun hemm miegħu, tordna lill-persuna hekk indikata sabiex tidher għal dak l-għan quddiem assistent ġudizzjarju jew imħallef supplenti f'dak il-lok u ħin li jistgħu jiġu speċifikati fl-ordni.

(3) Fil-każ ta' ordni mogħti bis-saħħa tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, l-assistent ġudizzjarju jew l-imħallef supplenti għandhom jistaqsu lill-persuna indikata jekk tikkonfermax jew tiċħadx kull fatt speċifikat fir-rikors jew fin-nota u għandhom jivverbalizzaw ir-risposta mogħtija flimkien ma' kull dikjarazzjoni oħra, jekk ikun il-każ, li jikkwalifikaw ir-risposta tiegħu, u jaraw li dak il-verbal jiġi konfermat bil-ġurament mill-persuna msemmija. L-assistent ġudizzjarju jew l-imħallef supplenti għandu jinkludi l-affidavit fil-proċess tal-kawża u jaraw li kopja tiegħu tiġi notifikata lill-partijiet.

(4) Meta rikors bħal dak imsemmi fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jiġi ppreżentat flimkien ma' xi skrittura msemmija fl-artikolu 160 ta' dan il-Kodiċi, il-Qorti tista' tordna li n-notifika ta' dik l-iskrittura għandha tiġi sospiża sa dak iż-żmien, li ma għandux ikun aktar minn tliet xhur, skond kif tistabbilixxi l-Qorti.".

Emenda ta' l-artikolu 174 tal-liġi prinċipali.

84. L-artikolu 174 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) l-isem tal-qorti li fiha tiġi ppreżentata l-iskrittura, u, fil-każ tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), l-indikazzjoni tal-kompetenza tal-qorti;"; u

(b) fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tiegħu l-kliem "tal-libell jew" għandhom jitħassru.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 175 tal-liġi prinċipali.

85. Minflok l-artikolu 175 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Setgħa tal-qorti li tordna jew tagħti li jsir tibdil fl-iskritturi.

175. (1) Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża.

(2) Kull qorti fi grad ta' appell tista' wkoll tordna jew tippermetti, f'kull żmien sas-sentenza, li jissewwa kull żball fir-rikors li bihom ikun tressaq l-appell jew fit-tweġiba, kif ukoll kull żball fl-isem tal-Qorti li tkun tat is-sentenza appellata, jew f'dak tal-partijiet, jew fil-kwalità li fiha huma jidhru, jew fid-data tas-sentenza appellata.

(3) Il-qorti tista', sa dakinhar li tagħti s-sentenza u taqta' l-kawża, tordna minn jeddha li tissewwa kull omissjoni jew żball ġudizzjarju jew amministrattiv f'att ġudizzjarju.".

Emenda ta' l-artikolu 176 tal-liġi prinċipali.

86. Fil-proviso li hemm mas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 176 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "bl-awtorità miktuba tar-reġistratur," għandhom jidħlu l-kliem "bl-awtorità miktuba tar-reġistratur mogħtija qabel il-preżentata ta' l-att,".

Emenda ta' l-artikolu 178 tal-liġi prinċipali.

87. Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 178 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(1) L-iskritturi għandhom ikunu iffirmati mill-avukat u, meta jkun hemm, minn prokuratur legali.".

Emenda ta' l-artikolu 180 tal-liġi prinċipali.

88. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 180 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, il-kliem "jew korpi magħquda" għandhom jitħassru, u minflok il-kliem "ta' ditta jew soċjetà kummerċjali" għandhom jidħlu l-kliem "ta' ditta, jew bħala wieħed mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 181A fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta"; u

(b) fil-paragrafu (d) tiegħu, minflok il-kliem "f'att ta' nutar pubbliku;" għandhom jidħlu l-kliem "mill-parti li tidher u li l-firma tagħha hija kontrosenjata skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 634;".

Emenda ta' l-artikolu 181 tal-liġi prinċipali.

89. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 181 tal-liġi prinċipali wara l-kliem "biex taġixxi f'xi kariga bħal dik" għandu jidħol il-kliem "jew meta xi kariga bħal dik tiġi magħquda ma' xi kariga oħra".

Żieda ta' l-artikolu 181A ġdid mal-liġi prinċipali.

90. Dan l-artikolu 181A ġdid li ġej għandu jiżdied wara l-artikolu 181 tal-liġi prinċipali:

"Skritturi li jiġu preżentati minn jew kontra korp b'personalità ġuridika distinta.

181A. (1) Meta tiġi preżentata skrittura minn jew kontra korp li jkollu personalità ġuridika distinta, ikun biżżejjed li wieħed iniżżel isem dak il-korp.

(2) Kull dikjarazzjoni, jew skrittura li għandha tinħalef skond il-liġi għandha, fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta, tinħalef mill-persuna jew persuni li jkollhom ir-rappreżentanza ġuridika ta' dak il-korp jew minn kull segretarju tal-kumpannija jew minn kull persuna oħra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tippreżenta atti ġudizzjarji f'ismu jew li jagħmel dikjarazzjoni, nota ta' eċċezzjonijiet jew skrittura bħal dawk imsemmija.

(3) Meta għandha tiġi preżentata skrittura minn jew kontra bastimenti jew inġenji oħra tal-baħar, ikun biżżejjed jekk jissemma l-isem ta' dak il-bastiment jew ta' dawk l-inġenji l-oħra, skond il-każ, u ma jkunx meħtieġ li jissemma l-isem ta' xi persuna sabiex tirrappreżenta lil dak il-bastiment jew dawk l-inġenji:

Iżda l-iskritturi msemmija f'dan is-subartikolu għandhom jiġu notifikati skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (7) ta' l-artikolu 187.".

Żieda ta' l-artikolu 181B ġdid mal-liġi prinċipali.

91. Minnufih wara l-artikolu 181A tal-liġi prinċipali għandu jidħol l-artikolu ġdid 181B kif ġej:

Rappreżentanza ġudizzjarja tal-Gvern.

181B. (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:

Iżda, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu:

(a) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-*Accountant General*;

(b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Amministrattiv;

(ċ) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.

(2) L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.

(3) Kull rikors, ċitazzjoni, jew att ġudizzjarju ieħor magħmul kontra l-Gvern għandu jiġi notifikat lil kull kap ta' dipartiment tal-Gvern li kontra tiegħu ikun dirett u lill-Avukat Ġenerali u kull terminu biex issir risposta jew nota ta' l-eċċezzjonijiet dwar att bħal dak minn kull kap ta' dipartiment tal-Gvern li jkun konvenut jew intimat fi proċeduri ġudizzjarji ma jibdiex jiddekorri qabel ma l-att jiġi notifikat lill-kap jew kapijiet ta' dipartimenti tal-Gvern li kontra tagħhom ikun dirett u lill-Avukat Ġenerali. In-notifika lill-Avukat Ġenerali issir bla ħlas lir-reġistratur.".

Emenda ta' l-artikolu 184 tal-liġi prinċipali.

92. L-artikolu 184 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar;

(b) minflok is-subartikolu (3) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Fil-każijiet kollha, ir-reġistratur għandu, fuq talba li ssirlu għaldaqshekk, jiddikjara bil-miktub ir-raġuni li għaliha jkun irrifjuta li jirċievi l-iskrittura.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 185 tal-liġi prinċipali.

93. Minflok l-artikolu 185 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Notifika lill-partijiet kollha.

185. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 186, meta skrittura għandha tkun notifikata lil tnejn minn nies jew iżjed, ukoll jekk dawn ikunu jgħixu flimkien fl-istess indirizz, kull wieħed minnhom għandu jiġi notifikat b'kopja ta' dik l-iskrittura.".

Emenda ta' l-artikolu 186 tal-liġi prinċipali.

94. L-artikolu 186 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "Meta l-partijiet li jidhru jkunu tnejn jew iżjed, huma għandhom," għandhom jidħlu l-kliem "Meta jidhru flimkien żewġ partijiet jew iżjed, huma jistgħu,"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "dawn għandhom," għandhom jidħlu l-kliem "dawn jistgħu,".

Emenda ta' l-artikolu 187 tal-liġi prinċipali.

95. L-artikolu 187 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) wara s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 187 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied is-segwenti:

"Iżda meta persuna li lilha tkun indirizzata skrittura tirrifjuta li tirċiviha personalment mingħand uffiċjal eżekuttiv tal-Qrati, il-Qorti tista' fuq rikors tal-parti interessata u wara li tisma' lill-uffiċjal esekuttiv tal-Qrati u tikkonsidra ċ-ċirkostanzi kollha ta' l-inċident, tiddikjara b'digriet li n-notifika tkun saret lil dik il-persuna fil-jum u l-ħin tar-rifjut u tali digriet għandu jitqies bħala prova tan-notifika għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.";

(b) minflok is-subartikoli (3) u (4) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Jekk mir-riferta ta' l-uffiċjal inkarigat minn notifika ta' skrittura jew att ġudizzjarju jinstab li l-persuna li għandha tiġi notifikata bl-iskrittura jew att, għalkemm ma tirriżultax li qegħda barra minn Malta, id-dħul fil-post tar-residenza tagħha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf, il-qorti tista' tordna illi n-notifika ssir billi titwaħħal kopja ta' l-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skond kif il-qorti tiddeċiedi u, meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf, billi titwaħħal kopja ta' l-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza. Il-qorti tista' wkoll tieħu dawk il-miżuri oħra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex l-iskrittura jew l-att issir taf bihom il-persuna li lilha għandhom ikunu notifikati. F'dawk il-każijiet in-notifika għandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skond liema tiġi l-aktar tard. F'każijiet meta n-notifika tkun ġiet ordnata li ssir b'urġenza, in-notifika titqies li tkun saret f'dak iż-żmien speċifiku, wara t-twaħħil jew il-pubblikazzjoni skond kif il-qorti tista' tistabbilixxi, li jissemma fl-istess pubblikazzjoni jew twaħħil.

(4) Fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta, in-notifika lil dak il-korp għandha ssir billi titħalla kopja ta' l-iskrittura:

(a) fl-uffiċċju reġistrat, fl-uffiċċju prinċipali, tiegħu jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f'idejn xi ħadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 181A jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp; jew

(b) f'idejn xi ħadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 181A bil-mod provdut fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu."; u

(ċ) dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin għandhom jiżdiedu wara s-subartikolu (4) tiegħu:

"(5) Jekk mir-riferta tal-uffiċjal inkarigat minn notifika ta' skrittura jinstab li n-notifika kif provdut fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu ma tkunx saret, il-qorti tista', jekk jirriżulta li mill-inqas xi ħadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 181A ikun jinsab Malta tordna illi n-notifika ssir billi titwaħħal kopja ta' l-iskrittura fil-post fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, fejn dak il-korp ikollu l-uffiċċju reġistrat, uffiċċju prinċipali, jew il-post tan-negozju tiegħu, u billi dik l-iskrittura tinħareġ fil-qosor fil-Gazzetta tal-Gvern u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew aktar minn wieħed skond kif il-qorti tista' tiddeċiedi u, meta possibbli, billi titwaħħal kopja ta' l-iskrittura mal-bieb tal-

uffiċċju reġistrat, uffiċċju prinċipali, jew post tan-negozju. Il-qorti tista' wkoll tieħu dawk il-miżuri oħra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex tgħarraf b'dik l-iskrittura lil xi ħadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 181A.

(6) Meta jirriżulta li l-persuni kollha msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 181A ma jkunux jinsabu Malta jew li dawk il-persuni ma jeżistux, il-qorti għandha taħtar kuratur li jidher għal dak il-korp skond ma hemm provdut fil-paragrafu (d) ta' l-artikolu 929.

(7) Fil-każ ta' azzjoni kontra bastimenti jew inġenji oħra tal-baħar, in-notifika ssir billi tingħata kopja ta' l-iskrittura lill-kaptan jew lil kull min ikun jaqdi dawk id-dmirijiet jew, fin-nuqqas ta' dawk il-persuni, lill-aġent tal-bastiment jew ta' inġenji oħra, skond il-każ, jew fin-nuqqas ta' dawk il-persuni u aġent, lil kuraturi li jinħatru mill-qorti skond l-artikolu 929:

Iżda l-qorti tista' wkoll tuża kull mezz ieħor li jidhrilha xieraq sabiex tgħarraf lil min għandu jiġi notifikat b'dik l-iskrittura.

(8) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 193, in-notifiki jistgħu ukoll isiru minn uffiċjali tal-Posta b'dak il-mod u skond dawk ir-regoli li jkunu konformi mar-regolamenti postali skond kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jordna b'avviż fil-Gazzetta:

Kap. 319. Iżda r-rikorsi ta' l-appell, u r-rikorsi li jsiru bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja u ċitazzjonijiet, għandhom jiġu notifikati mill-uffiċjali eżekuttivi tal-qrati.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 190 tal-liġi prinċipali.

96. Minflok l-artikolu 190 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Notifika ta' atti u esekuzzjoni ta' mandati f'Malta.

190. (1) Jekk att preżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) jew mandat jew sekwestru maħruġ minn dik il-Qorti għandu jiġi notifikat jew esegwit, skond il-każ, fil-Gżira ta' Malta, għandha tintbagħat kopja tiegħu minn uffiċjal ta' l-imsemmija qorti lir-reġistratur.

(2) L-uffiċjal li jagħmel in-notifika jew l-esekuzzjoni għandu jikkonsenja lir-reġistratur ir-riferta tan-notifika jew esekuzzjoni, konfermata kif imiss bil-ġurament quddiem ir-reġistratur stess li għandu jibagħtha lil xi uffiċjal fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex).".

Emenda ta' l-artikolu 191 tal-liġi prinċipali.

97. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 191 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "b'mezzi oħra mekkaniċi jew b'xi proċess fotografiku" għandhom jidħlu l-kliem "b'mezzi oħra mekkaniċi jew elettroniċi jew b'xi proċess fotografiku".

Emenda ta' l-artikolu 194 tal-liġi prinċipali.

98. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 194 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "mill-anqas jumejn qabel il-jum stabbilit għas-smiegħ, bla ħsara tal-każijiet imsemmijin fil-*proviso* għall-artikolu 154." għandhom jidħlu l-kliem "mill-anqas siegħa qabel il-ħin stabbilit għas-smiegħ, bla ħsara tal-każijiet urġenti imsemmijin fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 154.".

Emenda ta' l-artikolu 195 tal-liġi prinċipali.

99. Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 195 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(1) Kawża, appuntata għas-smiegħ, għandha, sakemm ma hemmx provdut mod ieħor f'dan il-Kodiċi, tibqa' tinstama' mingħajr waqfien sakemm tiġi konkluża.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 196 tal-liġi prinċipali.

100. Minflok l-artikolu 196 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"In-nuqqas ta' dehra ta' xhud jingħadd bħala raġuni tajba għat-tħollija tal-kawża għal darb'oħra.

196. (1) In-nuqqas ta' xhud li jidher, minkejja li jkun ġie mħarrek regolarment, għandu jitqies bħala raġuni tajba biex il-kawża titħalla għal darb'oħra, sakemm jintwera li x-xiehda tiegħu hi waħda rilevanti.

(2) F'dan il-każ il-qorti tista' taħtar imħallef supplenti sabiex jisma' x-xiehda ta' dak ix-xhud f'dak il-jum u l-ħin li l-qorti nnifisha tistabbilixxi. Dak il-jum u ħin għandhom jiġu qabel il-jum meta għandha tkompli tinstama' l-kawża.".

Emenda ta' l-artikolu 199 tal-liġi prinċipali.

101. Minflok is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 199 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Fil-każ il-wieħed u l-ieħor, jekk l-attur ikun irid li, fuq l-istess atti, il-kawża tiġi mill-ġdid mqiegħda fuq il-lista, mismugħa u maqtugħa, għandu, b'rikors, li għandu jiġi ppreżentat fiż-żmien ta' għaxart ijiem, jagħmel talba għaldaqshekk. Din it-talba għandha tintlaqa' għal darba waħda biss, u l-qorti għandha tappunta ġurnata għas-smiegħ tal-kawża bi spejjeż ta' l-attur, b'dan illi l-attur għandu jħallas, jew jiddepożita fir-reġistru tal-qorti qabel il-jum stabbilit għas-smiegħ tal-kawża, l-ispejjeż kollha stabbiliti fit-tariffa, u li joħorġu mill-fatt li l-attur naqas li jidher, jew li l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu naqsu li jidhru, skond il-każ.".

Emenda ta' l-artikolu 201 tal-liġi prinċipali.

102. Fl-artikolu 201 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "fuq l-atti li jkun hemm," għandhom jidħlu l-kliem "fuq l-atti li jkun hemm wara s-smiegħ ta' dik ix-xiehda li l-qorti tista' tqis li tkun meħtieġa.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 202 tal-liġi prinċipali.

103. Minflok l-artikolu 202 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Ordni tas-smiegħ tal-kawża.

202. (1) Il-Qorti għandha l-ewwel ħaġa tistabbilixxi data u ħin għas-smiegħ preliminari tal-kawża.

(2) Fl-ewwel jum stabbilit għas-smiegħ preliminari tal-kawża, il-qorti għandha tidentifika u tivverbalizza l-punti ta' liġi rilevanti għal dak il-każ, kif ukoll il-fatti kontestati u l-iskop relattiv ta' prova li kull xhud prodott mill-partijiet għandu jagħmel, u mbagħad tkompli kif ġej:—

(a) jekk il-qorti tqis li l-kawża tkun tista' tinqata' malajr, waqt dik is-seduta, hija għandha ttemm is-smiegħ skond is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu ma' l-ewwel seduta u tagħti sentenza, jew tiddiferixxi l-kawża għas-sentenza;

(b) jekk il-kawża ma tkunx tista' tinqata' skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu, il-qorti għandha jew tappunta jum u ħin għas-smiegħ tal-kawża *viva voce* skond is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu billi tagħti dawk l-ordnijiet jew direttivi taħt l-artikolu 173 kif jidhrilha xieraq; u għandha għaldaqstant tibda u tkompli tisma' l-kawża f'dik id-data hekk appuntata u tkompli tisma' l-kawża mingħajr waqfien sakemm jintemm is-smiegħ u l-kawża titħalla għas-sentenza; jew inkella tkompli skond il-paragrafu (ċ) ta' dan is-subartikolu:

Iżda kull parti tkun għadha tista', kemm-il darba l-qorti ma tordnax ċar mod ieħor, tipproduċi kull prova miġjuba minn xhieda bil-mezz ta' affidavit, sa d-data appuntata għas-smiegħ;

(ċ) qabel ma tgħaddi biex tisma' l-kawża skond is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu l-qorti għandha:

(i) jew tagħti lill-attur jew lill-atturi żmien ta' erbgħin jum li matulhom għandhom jipproduċu u jippreżentaw fir-reġistru tal-qorti d-dokumenti kollha li għandhom x'jaqsmu mat-talbiet, u l-provi kollha tax-xhieda dikjarati bil-mezz ta' affidavit; u lill-konvenut jew lill-konvenuti żmien ta' erbgħin jum, li jibdew għaddejjin minn meta jintemm iż-żmien mogħti lill-atturi, sabiex jipproduċu u jippreżentaw fir-reġistru tal-qorti dawk id-dokumenti kollha li għandhom x'jaqsmu mad-difiża, u l-provi kollha tax-xhieda dikjarati bil-mezz ta' affidavit:

Iżda l-qorti tista' tqassar kull wieħed minn dawk il-perijodi f'każijiet meta dan ikun meħtieġ minħabba l-urġenza relattiva tal-kawża, u tista' wkoll tqassar kull wieħed minn dawk il-perijodi, jew tneħħihom għal kollox, skond iċ-ċirkostanzi, f'dawk il-każijiet meta affidavit wieħed jew iktar ikunu ġew preżentati flimkien maċ-ċitazzjoni jew ma' n-nota ta' l-eċċezzjonijiet, u wara li tkun qieset dak li kellhom x'jgħidu l-partijiet;

(ii) il-qorti għandha tħalli l-kawża għal data kemm jista' jkun viċina, li tiġi wara d-data sa meta l-konvenuti kellhom jippreżentaw il-provi tagħhom bil-mezz ta' affidavit, skond kif provdut fis-subparagrafu (i) ta' dan il-paragrafu, għat-tieni smiegħ preliminari. Sa dik id-data l-partijiet għandhom, bil-mezz ta' nota preżentata fir-reġistru tal-qorti, jindikaw min huma x-xhieda li bi ħsiebhom jagħmlu l-kontro-eżami tagħhom. Fit-tieni smiegħ preliminari l-partijiet għandhom jiddikjaraw liema huma dawk il-punti ta' liġi li għad m'hemmx qbil dwarhom u liema punti ta' fatt għadhom kontestati. Filwaqt li tqis iż-żmien li x'aktarx jittieħed għas-smiegħ tal-kawża, il-qorti għandha mbagħad tappunta data għal kontro-eżami li jsir *viva voce* tax-xhieda li jiġu mħarrka għal dak l-għan u għat-tkomplija mingħajr waqfien tas-smiegħ tal-kawża sakemm din tinqata' jew titħalla għas-sentenza, skond is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu. Ebda xhud ma jista' jiġi kontro-eżaminat kemm-il darba din l-intenzjoni ma tkunx ġiet dikjarata skond kif provdut f'dan is-subparagrafu;

(iii) jekk xi waħda mill-partijiet issib xi diffikultà biex iġib ix-xiehda ta' xhud b'affidavit kif imsemmi qabel, dik il-parti għandha tgħarraf lill-qorti b'din id-diffikultà permezz ta' nota li tiġi preżentata fl-atti tal-kawża, matul iż-żmien stabbilit sabiex tinġieb ix-xiehda minn dik il-parti, u l-qorti għandha twettaq is-setgħat lilha mogħtija bil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 173 sabiex tiżgura li dik ix-xiehda tinstama' u tinġieb matul iż-żmien stabbilit f'dan is-subartikolu.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu:—

(a) fil-kawżi msemmija fis-subartikolu (7) ta' l-artikolu 158, il-qorti tista' tagħti iktar żmien lill-prokuratur jew kuratur involut hekk kif tista' tqis xieraq sabiex jieħu konjizzjoni sewwa ta' kollox u jipproduċi x-xiehda meħtieġa;

(b) fil-kawżi fejn parti jew oħra tixtieq iġġib xiehda li jkollha tinkiseb permezz ta' ittri rogatorji jew meta jkunu jridu jinkisbu xi dokumenti minn barra minn Malta, il-qorti għandha tisma' ix-xhieda kollha li tista' tkun disponibbli mod ieħor, u tagħti lill-partijiet dak iż-żmien li jkun jenħtieġ sabiex tinkiseb ix-xhieda jew dokumenti msemmija;

(ċ) il-qorti tista' wkoll f'ċirkostanzi gravi u ġustifikabbli li għandhom jiġu verbalizzati fil-proċess tal-kawża, ittawwal jew iġġedded iż-żmien li matulu il-partijiet għandhom iġibu x-xiehda tagħhom bil-mezz ta' affidavit;

(d) il-qorti tista' f'kull żmien, minn jeddha jew għax isirilha rikors minn parti fil-proċedimenti, tordna li għal raġuni valida, xhud jew xhieda partikolari għandhom jinstemgħu quddiemha *viva voce*; u tista' wkoll terġa' ssejjaħ kull xhud jew xhieda sabiex jinstemgħu b'dan il-mod.

(4) Wara t-tmiem ta' kull smiegħ preliminari tal-kawża l-ordni li għandu jiġi segwit fis-smiegħ ta' kawża għandu jkun kif ġej:

(a) meta l-qorti ma tkunx imxiet skond il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, hija għandha tagħti dawk id-direttivi li tqis meħtieġa sabiex jinġiebu l-provi;

(b) isir il-kontro-eżami tax-xhieda ta' l-attur li jkunu taw ix-xiehda tagħhom bil-mezz ta' affidavit, u fil-każ meta l-qorti ma tkunx imxiet skond il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu,l-attur għandu jġib il-provi tiegħu;

(ċ) isir il-kontro-eżami tax-xhieda tal-konvenut li jkunu taw ix-xiehda tagħhom bil-mezz ta' affidavit, u fil-każ meta l-qorti ma tkunx imxiet skond il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, il-konvenut għandu jġib il-provi tiegħu;

(d) l-attur jippreżenta l-każ tiegħu u l-konvenut iwieġeb għal dan;

(e) il-qorti tista' meta jkun il-każ tħalli li ssir replika mill-attur u li l-konvenut jagħmel kontro-replika.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 203 tal-liġi prinċipali.

104. Minflok l-artikolu 203 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"Setgħa tal-qorti li tbiddel l-ordni tal-provi.

203. Il-qorti tista' dejjem, għal raġuni tajba li tiġi verbalizzata fl-atti tal-kawża, tirregola xort'oħra kif għandhom jinġiebu l-provi ukoll f'ordni divers minn dak imsemmi fl-artikolu ta' qabel.".

Emenda ta' l-artikolu 205 tal-liġi prinċipali.

105. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 205 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "bħallikieku l-parti baqgħet kontumaċi" għandhom jidħlu l-kliem "wara li tkun semgħet dik ix-xiehda li l-qorti tista' tqis li tkun meħtieġa".

106. Fl-artikolu 207 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "fl-artikolu 202" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu il-kliem "fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 202". Emenda ta' l-artikolu 207 tal-liġi prinċipali.

107. L-artikolu 209 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:— Emenda ta' l-artikolu 209 tal-liġi prinċipali.

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:—

"(1) Fil-Qorti ta' l-Appell, jekk meta tissejjaħ il-kawża, jinstab li ma tkunx saret il-garanzija għall-ispejjeż tal-kawża kif provdut fl-artikolu 249, il-qorti għandha minnufih tgħaddi biex tiddikjara l-appell dežert:

Iżda l-qorti tista' tagħti lill-appellant żmien qasir li fih huwa jkun jista' iġib il-garanzija għall-ispejjeż jekk l-appell ikollu jinstema' bl-urġenza, jew inkella jekk ir-reġistratur ma jkunx:

(a) stabbilixxa is-somma li għandha titħallas bħala garanzija; u

(b) innotifika lill-appellant b'dan filwaqt li jgħarrfu b'dak l-avviż x'jista' jiġrilu fil-każ ta' nuqqas minn naħa tiegħu, u dan mill-inqas għaxart ijiem qabel is-smigħ tal-kawża.";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar; u

(ċ) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (2) tiegħu.

108. Fl-artikolu 218 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "dik il-parti tat-talba u tat-tweġiba, li l-qorti jidhrilha li hija biżżejjed biex is-sentenza tkun tiftiehem." għandhom jidħlu l-kliem "riferenza għall-proċedimenti, għat-talbiet ta' l-attur u għall-eċċezzjonijiet tal-konvenut.". Emenda ta' l-artikolu 218 tal-liġi prinċipali.

109. Fl-artikolu 223 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied dan is-subartikolu li ġej: Emenda ta' l-artikolu 223 tal-liġi prinċipali.

"(5) F'każ meta jinġieb xhud peritali *ex parte* minn xi waħda mill-partijiet fil-kawża, il-qorti għandha fis-sentenza definittiva tagħha tistabbilixxi somma xierqa li tista' tintalab bħala spejjeż għal dak ix-xhud. Il-qorti għandha, biex taqta' dwar l-ammont ta' dik is-somma, tqis l-entità tat-talbiet, f'każ ta' xhud peritali mhux residenti f'Malta, jekk kienx hemm esperti lokali li setgħu jagħmlu dak ix-xogħol u ċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-każ. Il-qorti għandha wkoll tistabbilixxi kif il-ħlas ta' dawk l-ispejjeż għandu jinqasam bejn il-partijiet fil-kawża.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 226 tal-liġi prinċipali.

110. Minflok l-artikolu 226 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Żmien għall-preżentata ta' rikors ta' appell.

226. (1) L-appell isir b'rikors li jiġi preżentat fir-reġistru tal-Qorti ta' l-Appell fi żmien għoxrin jum mid-data tas-sentenza.

(2) Meta appell ma jsirx mis-sentenza kollha, għandhom jissemmew, fir-rikors ta' l-appell, il-kapi tas-sentenza li minnhom isir appell.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 227 tal-liġi prinċipali.

111. Minflok l-artikolu 227 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"227. M'hemmx appell mis-sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell.".

Emenda ta' l-artikolu 228 tal-liġi prinċipali.

112. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 228 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "ħamsin lira Maltin" għandhom jidħlu l-kliem "mitejn lira" u wara l-kliem "maqtugħ fis-sentenza" għandhom jidħlu l-kliem "jew f'deċiżjoni dwar talba għall-iżgumbrament ta' xi ħadd minn proprjetà immobbli.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 229 tal-liġi prinċipali.

113. Minflok l-artikolu 229 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid:—

"Appell minn digrieti.

229. (1) Appell minn dawn id-digrieti li ġejjin jista' jsir biss wara l-għoti ta' sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza, u dawn id-digrieti ma jistgħux jiġu kontestati qabel ma tingħata s-sentenza definittiva:

(a) digriet dwar l-akkoljiment ta' talba għall-urġenza;

(b) dwar kull ordni jew direttiva skond il-provvedimenti ta' l-artikolu 173;

(ċ) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għat-tħollija tal-kawża għal data oħra skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 195;

(d) digriet dwar jekk tintlaqax jew le oġġezzjoni għall-ammissjoni ta' xhud skond l-artikolu 567;

(e) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba biex isiru mistoqsijiet lil xhud skond l-artikolu 587;

(f) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba biex jinġiebu dokumenti skond l-artikolu 637;

(ġ) dwar il-ħatra ta' perit skond l-artikolu 646;

(ħ) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għall-konnessjoni ta' kawża ma' oħra skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 793;

(i) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għas-sospensjoni tal-għoti ta' digriet;

(j) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għall-isfilz ta' dokument mill-atti ta' kawża;

(k) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għar-revoka jew emenda ta' digriet, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu;

(l) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għal konċessjoni speċjali sabiex ikun jista' jsir appell skond is-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu;

(m) dwar digriet li ma jilqax talba għal waqfien fil-proċedimenti.

(2) Id-deċiżjoni tal-qorti fil-każijiet hawn taħt imsemmija għandha tingħata permezz ta' digriet li jinqara bil-miftuħ fil-qorti f'jum li jiġi debitament notifikat lill-partijiet, u jista' jsir appell minn dak id-digriet qabel is-sentenza definittiva bla ħsara għall-proċedura stabbilita fis-subartikoli (4) u (5) ta' dan l-artikolu:

(a) digriet li jiċħad il-ħatra ta' periti addizzjonali skond l-artikolu 674;

(b) digriet dwar it-trasferiment tas-smiegħ ta' kawża minn qorti oħra skond l-artikolu 792;

(ċ) digriet li jiċħad is-sejħa ta' terza persuna f'kawża skond l-artikolu 961;

(d) digriet li ma jilqax talba għall-urġenza;

(e) digriet li jordna l-waqfien tal-proċedimenti.

(3) Ħlief kif provdut speċifikatament mod ieħor f'dan il-Kodiċi, appell minn kull digriet ieħor li mhuwiex inkluż fis-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-Qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan isir, liema permess għandu jintalab b'rikors li jiġi preżentat fi żmien sitt ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuħ fil-qorti. Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-partijiet, tista' tilqa' li jsir dan l-appell jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti ta' l-Appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva.

(4) Fil-każ ta' xi digriet li jingħata taħt is-subartikoli (2) u (3) ta' dan l-artikolu, sakemm ma jkunx ġie preżentat rikors ta' appell, il-parti aggravata tista', b'rikors li jiġi preżentat fi żmien sitt ijiem mill-jum meta d-digriet ikun inqara bil-miftuħ fil-qorti, titlob lill-qorti li tkun tat id-digriet sabiex tikkonsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha. Fir-rikors għandu jkun hemm ir-raġunijiet kollha dettaljati li jsaħħu t-talba u dan għandu jiġi notifikat lill-parti l-oħra li jkollha dritt tippreżenta risposta fi żmien sitt ijiem mill-jum tan-notifika.

(5) Il-qorti għandha, kemm jista' jkun mingħajr dewmien tagħti digriet waqt seduta bil-miftuħ dwar it-talba għal permess speċjali sabiex isir appell skond is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu jew dwar ir-rikors sabiex l-istess qorti tikkonsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha skond is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, b'mod illi tiddikjara fid-dettall ir-raġunijiet li wassluha għad-deċiżjoni tagħha.

(6) Iż-żmien biex isir appell minn digriet qabel is-sentenza definittiva, għandu jkun ta' sitt ijiem mill-jum meta d-digriet ikun inqara fil-qorti bil-miftuħ:

Iżda fil-każijiet maħsubin fis-subartikoli (3) u (4) ta' dan l-artikolu, dak iż-żmien biex isir l-appell jibda għaddej mill-jum meta d-digrieti skond is-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu jkunu nqraw fil-qorti bil-miftuħ.

(7) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi li għandhom x'jaqsmu ma' appelli minn sentenzi għandhom jgħoddu għal appelli minn digrieti taħt dan l-artikolu.

(8) Il-garanzija msemmija fl-artikolu 249 tal-liġi prinċipali ma tenħtieġx fil-każijiet imsemmija fis-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu.

(9) Fil-każ ta' appell frivolu jew vessatorju, il-Qorti ta' l-Appell għandha taqta' spejjeż doppji kontra l-appellant u favur l-appellat, u tista' tikkundanna lill-appellant iħallas lill-appellat somma li ma tkunx iżjed minn elf lira bħala penali, salv kull jedd għall-ħlas ta' danni li l-appellat jista' jkollu.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 231 tal-liġi prinċipali.

114. Minflok l-artikolu 231 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Appell f'każ ta' sentenzi separati fuq kwistjonijiet diversi fl-istess kawża.

231. (1) Jekk diversi kwistjonijiet f'kawża jinqatgħu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull waħda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiż-żmien li jmiss li jibda jgħodd mill-jum meta tingħata l-aħħar sentenza; u f'dak l-appell għandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell:

Iżda appell minn dawk is-sentenzi separati jista' jsir qabel l-aħħar sentenza biss bil-permess tal-qorti mogħti fil-qorti bil-miftuħ; u din it-talba għal permess biex isir appell għandha ssir jew verbalment meta tingħata s-sentenza jew b'rikors fi żmien sitt ijiem minn dik is-sentenza.

(2) Meta jkun hemm azzjoni li tkun tinvolvi iktar minn attur wieħed jew iktar minn konvenut wieħed, sentenza li taqta' l-azzjoni dwar xi attur jew konvenut partikolari jista' biss isir appell minnha fiż-żmien stabbilit li jibda jitqies mill-jum ta' dik is-sentenza.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 233 tal-liġi prinċipali.

115. Minflok l-artikolu 233 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Setgħa tal-qorti tal-appell li tillikwida danni, imgħaxijiet jew utli.

233. (1) Meta qorti fi grad ta' appell tħassar sentenza u tilqa' t-talba għad-danni jew imgħaxijiet jew għar-radd ta' l-utli, hija għandha tagħmel dik il-likwidazzjoni mingħajr ma tibgħat lura l-atti tal-kawża lill-qorti ta' l-ewwel grad, sakemm il-qorti ma tqisx li għal raġunijiet eċċezzjonali jkun fl-interess tal-ġustizzja li tibgħat il-kawża lura fil-qorti ta' l-ewwel grad.

(2) Bl-istess mod il-qorti fi grad ta' appell għandha, fil-każ ta' tħassir ta' sentenza li teħles lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju jew ta' sentenza mogħtija taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) jew tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 170, jew terġa' tibgħat il-proċess lura fil-qorti ta' l-ewwel grad jew tiddeċiedi dwar il-mertu tal-każ, skond iċ-ċirkostanzi.".

Emenda ta' l-artikolu 234 tal-liġi prinċipali.

116. Fl-artikolu 234 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "digriet mogħti" għandhom jidħlu l-kliem "sentenza mogħtija".

Emenda ta' l-artikolu 235 tal-liġi prinċipali.

117. Fl-ewwel proviso li hemm għall-artikolu 235 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "fiż-żmien ta' għaxart ijiem" għandhom jidħlu l-kliem "fiż-żmien ta' ħmistax-il jum".

Emenda ta' l-artikolu 239 tal-liġi prinċipali.

118. L-artikolu 239 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "li jiġu mniżżlin" għandhom jidħlu l-kliem "li jiġu insinwati"; u

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:—

"(2) Kull min għandu interess jista' jitlob li s-sentenza tiġi insinwata fir-Reġistru Pubbliku billi jippreżenta f'dan ir-reġistru nota ta' insinwa flimkien ma' kopja legali ta' dik is-sentenza kif ukoll ċertifikat mingħand ir-reġistratur li juri li s-sentenza tkun għaddiet f'ġudikat. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku għandhom jgħoddu dwar kif issir u tiġi preżentata l-imsemmija nota.".

Kap. 56.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 240 tal-liġi prinċipali.

119. Minflok l-artikolu 240 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Appell inċidentali.

240. (1) Kull parti tista' tinqeda b'appell li jsir minn sentenza, magħduda sentenza parzjali u minn kap wieħed jew iżjed ta' kull sentenza, jew minn digriet interlokutorju, u tista' mhux biss tagħmel appell inċidentali dwar is-sentenza definittiva, sentenza parzjali, kap wieħed jew iżjed ta' sentenza, jew digriet interlokutorju li jsir appell minnu, iżda wkoll dwar kull sentenza jew kull kap tagħha jew digrieti interlokutorji mogħtija fl-istess kawża ukoll jekk ma jsirx appell minnhom minn min jappella. Dak l-appell incidentali jista' jsir ukoll kontra u minn kull parti li ma tkunx waħda li kontra tagħha jkun sar l-appell skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 144:

Iżda parti ma tistax hekk tinqeda b'dak l-appell dwar sentenza partikolari jekk dik il-parti tkun diġà appellat minn dik is-sentenza jew minn xi kap tagħha.

(2) Dik il-parti li tkun bi ħsiebha tinqeda b'dak l-appell għandha tagħmel dikjarazzjoni f'dak is-sens fir-risposta fejn issemmi t-talbiet tagħha u r-raġunijiet għall-appell inċidentali tagħha.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 242 tal-liġi prinċipali.

120. Minflok l-artikolu 242 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Avviż dwar il-validità ta' liġijiet.

Kap. 319.

242. Meta qorti, permezz ta' sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat, tiddikjara li xi dispożizzjoni ta' xi liġi tmur kontra xi dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew xi dritt tal-bniedem jew libertà fondamentali elenkati fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, jew li tkun *ultra vires*, ir-reġistratur għandu jibgħat kopja ta' l-imsemmija sentenza lill-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati li għandu meta l-Kamra tiltaqa' għall-ewwel darba wara li jkun irċeva dik is-sentenza jgħarraf lill-Kamra b'dak li jkun irċieva u jqiegħed kopja tas-sentenza fuq il-Mejda tal-Kamra.".

Emenda ta' l-artikolu 243 tal-liġi prinċipali.

121. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 243 tal-liġi prinċipali l-kliem "għan-nota ta' l-appell, jew" għandhom jitħassru.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 244 tal-liġi prinċipali.

122. Minflok l-artikolu 244 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Introduzzjoni ta' l-atti.

244. (1) Meta isiru proċedimenti għall-appell, l-atti tal-qorti ta' l-ewwel grad għandhom jiġu mdaħħla fil-qorti fi grad ta' appell.

(2) Id-dritt stabbilit għall-introduzzjoni ta' l-atti għandu jitħallas flimkien mad-dritt għall-preżentata tar-rikors.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 245 tal-liġi prinċipali.

123. Minflok l-artikolu 245 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Kif issir l-introduzzjoni ta' l-atti.

245. Fl-appelli mis-sentenzi jew digrieti tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, u mid-deċiżjonijiet mogħtijin mill-Bord li Jirregola l-Kera, l-introduzzjoni ta' l-atti ssir kemm jista' jkun malajr billi dawn jitressqu quddiem il-Qorti ta' l-Appell mir-reġistratur.".

Thassir ta' l-artikolu 246 tal-liġi prinċipali.

124. L-artikolu 246 tal-liġi prinċipali għandu jitħassar.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 247 tal-liġi prinċipali.

125. Minflok l-artikolu 247 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Introduzzjoni ta' atti f'appelli minn qorti inferjuri għall-Qorti ta' l-Appell.

247. (1) F'appelli mis-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) u mis-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), l-introduzzjoni ta' l-atti ssir billi uffiċjal tal-qorti li tkun, jibgħat dawn l-atti lir-reġistratur tal-Qorti ta' l-Appell.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu —

(a) ir-reġistratur għandu, fl-istess ġurnata li fiha jkun sar l-appell, jgħarraf bil-miktub lill-uffiċjal tal-qorti li tkun, b'dak l-appell;

(b) meta jsir it-tagħrif lil uffiċjal tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), ir-Reġistratur, minbarra t-tagħrif bil-miktub, għandu wkoll jgħarrfu bil-mezz tat-*telefax* jew apparat elettroniku ieħor jew bil-fomm permezz tat-telefon.

(3) Fl-appelli li jsiru kontra sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), it-trasmissjoni ta' l-atti titqies li tkun saret bil-kunsinna ta' l-atti indirizzati lir-reġistratur lill-Uffiċċju tal-Posta, ir-Rabat, Għawdex.".

Thassir ta' l-artikolu 248 tal-liġi prinċipali.

126. L-artikolu 248 tal-liġi prinċipali għandu jitħassar.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 249 tal-liġi prinċipali.

127. Minflok l-artikolu 249 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"Garanzija għall-ispejjeż tal-kawża.

249. (1) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-proviso li hemm mas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 209, u sakemm ma jiġix provdut mod ieħor f'xi liġi oħra, fil-każ ta' appell minn sentenzi jew digrieti mogħtija f'kawża mibdija b'ċitazzjoni, il-garanzija għall-ispejjeż għandha ssir u tiġi depożitata fil-qorti sa mill-anqas jum qabel ma jibda jinstama' dak l-appell.

(2) Dik il-garanzija għandha tkun fis-somma stabbilita mir-reġistratur u għandha ssir jew billi jiġu depożitati flus likwidi jew billi tinħareġ garanzija bankarja ta' bank li jkollu liċenza skond l-Att dwar il-Kummerċ Bankjarju skond l-Iskeda C li tinsab ma' dan il-Kodiċi.

Kap. 215.

(3) Dak id-depożitu ma għandux jissodisfa it-talbiet tal-kredituri ta' dik il-parti li tkun għamlet dak id-depożitu, sakemm dan jibqa' hekk depożitat sabiex bih jitħallsu l-ispejjeż tal-kawża.

(4) Il-Gvern ta' Malta, korporazzjonijiet pubbliċi, il-Bank Ċentrali ta' Malta u l-banek li għandhom liċenza maħruġa skond l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, huma eżenti milli jagħmlu dik il-garanzija.

(5) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti jeżenta lil kull kategorija oħra ta' persuni jew ta' korpi milli jagħtu dik il-garanzija.

(6) Meta d-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 893 sa 905 ma jkunux konsistenti ma' dan l-artikolu, dawn ma jgħoddux għall-garanzija mogħtija taħt dan l-artikolu.".

Emenda ta' l-artikolu 250 tal-liġi prinċipali.

128. Fl-artikolu 250 tal-liġi prinċipali il-kliem "jew meta l-appell isir f'isem ta' dipartiment tal-Gvern jew ta' amministrazzjoni taħt il-Gvern," għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 251 tal-liġi prinċipali.

129. Fl-artikolu 251 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "fl-artikoli 226 u 242" fl-artikolu nnifsu u fin-nota marġinali tiegħu jidħlu l-kliem "fl-artikolu 226".

Emenda ta' l-artikolu 255 tal-liġi prinċipali.

130. Fil-paragrafu (b) ta' l-artikolu 255 tal-liġi prinċipali il-kliem "ta' persuna jew" għandhom jitħassru.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 258 tal-liġi prinċipali.

131. Minflok l-artikolu 258 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Tmexxija għall-esekuzzjoni ta' titolu esekuttiv wara l-għeluq ta' ħames snin.

258. Wara l-għeluq ta' ħames snin minn dak in-nhar li fih skond il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fl-artikolu 253 seta' ġie esegwit, l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.".

Emenda ta' l-artikolu 259 tal-liġi prinċipali.

132. L-artikolu 259 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "Iċ-ċitazzjoni msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan hi dejjem meħtieġa," għandhom jidħlu l-kliem "Ir-rikors imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan hu dejjem meħtieġ,";

(b) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:—

"(4) L-eredi, suċċessuri jew ċessjonarji tal-kreditur jistgħu jagħmlu rikors li jiġi notifikat lid-debitur, lill-eredi, suċċessuri jew ċessjonarji tiegħu, fejn jitolbu lill-qorti sabiex jiġi esegwit kull titolu eżekuttiv f'isem il-kreditur ukoll jekk ma jkunx skada ż-żmien imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan. Dan ir-rikors għandu jintlaqa' mill-qorti jekk din tkun sodisfatta illi:

(a) ir-rikorrenti huma l-uniċi eredi, suċċessuri jew ċessjonarji tal-kreditur;

(b) it-titolu eżekuttiv għadu jiswa dwar dak li jkun qed jintalab; u

(ċ) il-persuni li tkun qed tintalab l-eżekuzzjoni kontrihom ikunu d-debitur, jew l-eredi, suċċessuri jew ċessjonarji tiegħu.".

Emenda ta' l-artikolu 267 tal-liġi prinċipali.

133. Fl-artikolu 267 tal-liġi prinċipali il-kliem "fl-artikolu 254 u" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 268 tal-liġi prinċipali.

134. Fl-artikolu 268 tal-liġi prinċipali il-kelma "254," għandha titħassar.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 270 tal-liġi prinċipali.

135. Minflok l-artikolu 270 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"X'jinħtieġ għar-reġistrazzjoni fir-Reġistru Pubbliku ta' noti ta' riferenza ħerġin minn sentenza.

270. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma għandu jirċievi ebda nota ta' riferenza li toħroġ minn sentenza li għandha x'taqsam ma' xi reġistrazzjoni ipotekarja sakemm ma jintbagħtux lill-imsemmi reġistru flimkien man-nota imsemmija qabel, kopja awtentika tas-sentenza flimkien ma' ċertifikat mingħand ir-reġistratur li ma hemm ebda appell dwar dik is-sentenza u li ż-żmien biex isir dak l-appell skada jew li ma jistax ikun hemm appell mis-sentenza, skond il-każ:

Iżda dak imsemmi qabel f'dan ir-regolament ma għandux ikun jgħodd meta d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jkun parti fil-kawża, f'liema każ huwa għandu jieħu l-passi meħtieġa kif imsemmi qabel hekk kif is-sentenza tgħaddi f'ġudikat.".

Emenda ta' l-artikolu 274 tal-liġi prinċipali.

136. Fil-proviso li hemm mas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 274 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "bil-firma tar-reġistratur persunali," għandhom jidħlu l-kliem "bil-firma personali tar-reġistratur wara li jkun l-ewwel kiseb awtorizzazzjoni verbali mingħand l-imħallef jew il-maġistrat biex jagħmel hekk, l-imħallef jew il-maġistrat għandu wkoll iżid il-firma tiegħu taħt dik tar-reġistratur ma' l-ewwel opportunità li jkollu bi prova li dik l-awtorità tkun ingħatat jew inkella, jekk mhuwiex possibbli għar-reġistratur li jikseb minn qabel dik l-awtorizzazzjoni, ir-reġistratur għandu joħroġ dak il-mandat jew ordni bil-firma tiegħu biss b'dan illi mħallef jew maġistrat ikun irid jirratifika dik il-firma kemm jista' jkun malajr".

Emenda ta' l-artikolu 275 tal-liġi prinċipali.

137. Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 275 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Dik it-talba għandha ssir b'rikors.".

Emenda ta' l-artikolu 280 tal-liġi prinċipali.

138. Minflok is-subartikolu (1) u n-nota marġinali ta' l-artikolu 280 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"Żmien li fih tista' ssir l-esekuzzjoni ta' mandati u ordniijiet.

280. (1) Ħlief fil-każijiet imsemmija f'dan il-Kodiċi, ebda mandat ma għandu jiġi esegwit qabel is-sitta ta' filgħodu jew wara t-tmienja ta' filgħaxija, taħt piena ta' nullità ta' l-esekuzzjoni.".

Emenda ta' l-artikolu 283 tal-liġi prinċipali.

139. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 283 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem minn "ammenda sa lira," sa "Atti Nutarili," għandhom jidħlu l-kliem "penali sa għoxrin lira, jew dik is-somma akbar li ma tkunx aktar minn mitt lira kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja minn żmien għal żmien b'ordni fil-Gazzetta jistabbilixxi, li tingħata mill-Qorti u li tkun esegwibbli bħala dejn ċivili,".

Żieda ta' l-artikolu 283A ġdid mal-liġi prinċipali.

140. Minnufih wara l-artikolu 283 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Kif jistgħu l-atti esekuttivi jiġu attakkati. Appell minn digriet.

283A. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, min jinħareġ kontrih att esekuttiv jista' jagħmel rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn jitlob li l-att esekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skond il-liġi.

(2) Il-qorti għandha tappunta għas-smiegħ u tisma' r-rikors imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, fi żmien sitt ijiem mill-preżentata tar-rikors.

(3) Kopja tar-rikors għandha tiġi notifikata lill-persuna li fuq talba tagħha ikun inħareġ l-att esekuttiv u hija għandha mhux aktar tard mill-jum appuntat għas-smiegħ tar-rikors, tagħti r-raġunijiet tagħha, jekk ikollha, għaliex dik it-talba ma għandhiex tintlaqa'. Fin-nuqqas ta' din l-oppożizzjoni il-qorti għandha tilqa' t-talba.

(4) Wara li l-qorti tkun semgħet lill-partijiet, hija għandha b'digriet separat, mogħti fil-qorti bil-miftuħ, jew tiċħad ir-rikors jew inkella tilqa' t-talba li jkun hemm fir-rikors u timponi dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jidhrulha xierqa li tagħmel.

(5) Appell minn digriet mogħti taħt is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu jista' jsir b'rikors fi żmien sitt ijiem minn meta d-digriet jinqara fil-qorti bil-miftuħ.

(6) Il-garanzija msemmija fl-artikolu 249 ma tenħtieġx fil-każijiet imsemmija fis-subartikolu ta' qabel dan.".

141. Minflok l-artikolu 292 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:— Sostituzzjoni ta' l-artikolu 292 tal-liġi prinċipali.

"Ħatra ta' kunsinnatarju mill-marixxall.

292. (1) Jekk id-debitur ma jġibx kunsinnatarju magħruf bħala tajjeb u mhux eċċettwat taħt l-artikolu 293, il-kunsinnatarju jiġi maħtur mill-marixxall b'dan illi l-ispejjeż jitħallsu provviżorjament mill-kreditur.

(2) Meta ma jinstabx kunsinjatarju, il-marixxall għandu jirrapporta dwar dan lill-qorti u l-qorti tista', wara li tisma' lill-kreditur kif ikun meħtieġ, tordna lill-marixxall sabiex jieħu pussess tal-ħwejjeġ maqbuda u sabiex jiddepożitahom taħt l-awtorità tal-qorti permezz ta' ċedola ta' depożitu bi spejjeż provviżorjament tal-kreditur, u r-reġistratur għandu wkoll jiżgura ruħu li dawk il-ħwejjeġ, meta jkun possibbli, jkunu assikurati kontra l-ħsarat u s-serq bi spejjeż provviżorjament tal-kreditur. Il-perijodu inizjali ta' assigurazzjoni jkun għal żmien sena.

(3) Il-qorti tista' f'kull żmien, wara li ssirilha talba b'rikors mill-kreditur, mid-debitur jew minn persuna oħra li jkollha interess, tagħti dawk l-ordnijiet li tista' tqis meħtieġa dwar il-kunsinnatarju, magħduda s-sostituzzjoni tiegħu, u tista' tagħti dawk id-direttivi kollha li tqis xierqa għall-kustodja aħjar tal-ħwejjeġ maqbuda.".

142. Minflok l-artikolu 298 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:— Sostituzzjoni ta' l-artikolu 298 tal-liġi prinċipali.

"Il-kunsinnatarju ma jistax jinqeda bil-ħwejjeġ maqbuda.

298. (1) Il-kunsinnatarju ma jistax jinqeda bil-ħwejjeġ maqbuda, lanqas jippermetti lid-debitur li juża l-ħwejjeġ maqbuda jew li jibqa' jżommhom fil-pussess tiegħu, lanqas jagħtihom b'kiri jew b'self, taħt piena li jitlef il-jedd għall-ħlas ta' l-ispejjeż ta' l-irfigħ tagħhom u li jiġi kkundannat għall-ħlas tad-danni u ta' l-imgħaxijiet:

Iżda d-debitur jista' jitħalla juża jew jibqa' jżomm pussess ta' dawk l-oġġetti minn fost il-ħwejjeġ maqbuda li l-qorti tista' tawtorizza jekk il-qorti tqis li dawk l-oġġetti huma normalment meħtieġa f'dar medja għal għajxien deċenti sabiex tinżamm id-dinjità umana tad-debitur u tal-familja tiegħu.

(2) Meta jinqabdu ħwejjeġ li jiddeterjoraw, il-qorti tista' jew minn jeddha jew fuq talba ta' kwalunkwe persuna, tordna lill-kunsinnatarju li jbiegħ il-ħwejjeġ maqbuda taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-qorti tista' tistabbilixxi, u r-rikavat minn dak il-bejgħ għandu jiġi depożitat mill-kunsinnatarju permezz ta' ċedola ta' depożitu fir-reġistru tal-qorti kompetenti, u dak ir-rikavat għandu, għal kull għan tal-liġi, jirrappreżenta il-ħwejjeġ maqbuda.".

Emenda ta' l-artikolu 300 tal-liġi prinċipali.

143. Fl-artikolu 300 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem minn "missier tajjeb tal-familja," sal-kliem "l-mandat jiġi mħassar." għandhom jidħlu l-kliem "missier tajjeb tal-familja; jekk il-kunsinnatarju jonqas li jippreżenta dawk il-ħwejjeġ meta jintalab biex jagħmel dan, il-qorti tista' tordnalu jidher quddiemha biex jiġġustifika n-nuqqas tiegħu li jagħmel dan, u l-qorti tista', wara li teżamina ċ-ċirkostanzi tal-każ, tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha, magħdud l-arrest personali tal-kunsinnatarju, sabiex huwa jinġiegħel jippreżenta dik il-proprjetà. In-nuqqas tal-kunsinnatarju li jippreżenta dik il-proprjetà meta jiġi ordnat mill-qorti biex jagħmel dan għandu minnu nnifsu jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorità tal-qorti.".

Emenda ta' l-artikolu 304 tal-liġi prinċipali.

144. Minflok il-paragrafi (a), (b) u (ġ) ta' l-artikolu 304 tal-liġi prinċipali għandhom jidħlu dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(a) l-ilbies ta' kuljum, is-sodod u dawk l-affarijiet tal-kċina u l-għamara li jitqiesu raġonevolment meħtieġa għall-għajxien b'mod deċenti tad-debitur u tal-familja tiegħu;

(b) il-kotba tal-professjoni tad-debitur jew tat-tfal tiegħu;

(ġ) kull proprjetà ta' kull membru tal-Korp tal-Pulizija jew tal-Forzi Armati ta' Malta li tkun armi, munizzjon, tagħmir, strumenti jew ilbies użati minnu fil-qadi ta' dmirijietu:".

Emenda ta' l-artikolu 305 tal-liġi prinċipali.

145. L-artikolu 305 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) is-subartikolu (1A) tiegħu għandu jitħassar;

(b) minflok il-proviso li jinsab mas-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:—

"Iżda jekk fir-rikors jintalab il-bejgħ ta' azjenda, il-qorti tista' tilqa' dik it-talba billi tiddikjara b'mod dettaljat fid-digriet li hija tqis li jkun fl-aħjar interess tad-debitur u tal-kreditur li tilqa' dik it-talba.";

(ċ) is-subartikolu (2A) tiegħu għandu jitħassar;

(d) dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin għandhom jiżdiedu wara s-subartikolu (3) tiegħu:

"(4) Fil-każ ta' digriet kif provdut fil-proviso li hemm mas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu il-proċedura li għandha titħaddem tkun dik stabbilita f'dan is-Sub-titolu għall-bejgħ fl-irkant bil-qorti ta' proprjetà immobbli.

(5) Għall-finijiet ta' dan is-Sub-titolu l-espressjoni "azjenda" tfisser impriża li tkun għandha topera u tirreferi wkoll għal dak is-sehem ta' l-assi tad-debitur li jintuża jew jitħaddem bħala ħaġa waħda u komplementari, b'mod illi l-bejgħ ta' parti jew partijiet minnha mingħajr il-parti l-oħra jew partijiet

oħrajn jagħmlu l-assi mibjugħin ta' użu jew valur anqas għal xerrej, u tinkludi kull assi tanġibbli bħal ma huma oġġetti li jiġu kkunsmati, makkinarju, tagħmir u ħażniet, iżda mhux magħdudin dawk l-assi kollha mhux tanġibbli ħlief għal jeddijiet ta' proprjetà intellettwali u dawk il-jeddijiet l-oħra li jista' jiġi hekk deċiż dwarhom mill-qorti.".

Emenda ta' l-artikolu 307 tal-liġi prinċipali.

146. L-artikolu 307 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) il-proviso li tinsab mas-subartikolu (1) tiegħu għandha titħassar;

(b) is-subartikoli (1A) u (1B) tiegħu għandhom jitħassru; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:—

"(4) Stima magħmula skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 310 u li tkun qegħda fi proċess ta' bejgħ fl-irkant tista' tiġi aċċettata mill-qorti li tkun l-istima li għandha ssir għall-finijet ta' dan l-artikolu.".

Emenda ta' l-artikolu 308 tal-liġi prinċipali.

147. Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 308 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "b'ċitazzjoni," għandhom jidħlu l-kliem "b'rikors,".

Emenda ta' l-artikolu 310 tal-liġi prinċipali.

148. Fis-subartikolu (1) ta' l-artiklu 310 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "u jfisser il-piżijiet," għandhom jidħlu l-kliem "u jfisser il-piżijiet, kirjiet u jeddijiet oħra sew jekk rejali kemm personali,".

Emenda ta' l-artikolu 311 tal-liġi prinċipali.

149. L-artikolu 311 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) minflok is-subartikoli (2) u (3) tiegħu għandhom jidħlu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:—

"(2) Meta l-bejgħ fl-irkant ta' fond, jew ta' jeddijiet imgħaqqdin ma' fond, illi jkun qiegħed fil-Gżira ta' Għawdex jew ta' Kemmuna jiġi ordnat minn waħda mill-qrati superjuri, din il-qorti tista' tordna li l-perit jaħlef ir-rapport tiegħu fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) quddiem wieħed mill-uffiċjali msemmija fil-paragrafi (a) sa (ċ) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 57, u li jagħti dan ir-rapport, hekk maħluf, f'idejn l-uffiċjal fuq imsemmi, sabiex dan jibgħatu lill-qorti superjuri li tkun ħarġet l-ordni msemmija.

(3) Meta l-irkant ta' fond, jew ta' jeddijiet imgħaqqdin ma' fond, illi jkun qiegħed fil-Gżira ta' Malta, jiġi ordnat mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), dik il-qorti tista' tordna li l-perit jaħlef ir-rapport tiegħu quddiem ir-reġistratur, u li jagħti dak ir-rapport, hekk maħluf, f'idejn ir-reġistratur fuq imsemmi, sabiex dan jintbagħat minnu lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)."; u

(b) fis-subartikolu (4) tiegħu minflok il-kliem "appell lill-qorti." għandhom jidħlu l-kliem "appell lill-qorti. Dan l-appell isir b'rikors.".

Emenda ta' l-artikolu 312 tal-liġi prinċipali.

150. Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 312 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:—

"(1) Wara jumejn minn notifika tad-digriet li bih jiġi ordnat il-bejgħ fl-irkant, jew mill-preżentata tar-rapport tal-perit, il-qorti tappunta ġurnata jew iżjed għall-bejgħ fl-irkant, u tordna l-ħruġ ta' l-avviżi.".

Emenda ta' l-artikolu 313 tal-liġi prinċipali.

151. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 313 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "ix-xorta tal-ħaġa li għandha tiġi mibjugħa," għandhom jidħlu l-kliem "ix-xorta tal-ħaġa li għandha tinbiegħ, bid-dettalji kollha rilevanti dwarha,".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 314 tal-liġi prinċipali.

152. Minflok l-artikolu 314 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Notifika u ħruġ ta' l-avviż tal-bejgħ fl-irkant.

314. (1) L-avviż għandu jiġi notifikat lid-debitur, lill-kreditur esekutant u lil kull kreditur ieħor li seta' kiseb mandat ta' qbid fuq l-oġġet mibjugħ, jew mandat ta' sekwestru debitament notifikat lir-reġistratur.

(2) Il-qorti għandha tordna li l-avviż jinħareġ f'gazzetta waħda ta' kuljum jew f'iżjed.

(3) Il-ħruġ ta' l-avviż, meta l-qorti ma tordnax xort'oħra, għandu jsir, fil-każ ta' bejgħ ta' immobbli jew ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, jew inġenji ta' l-ajru, mill-inqas ħmistax-il jum qabel dak li jkun ġie ffissat għall-bejgħ fl-irkant, u fil-każ ta' ħwejjeġ mobbli oħra, mill-inqas erbat ijiem qabel il-jum iffissat għall-bejgħ.".

Emenda ta' l-artikolu 316 tal-liġi prinċipali.

153. L-artikolu 316 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) minflok il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:—

"(a) fil-bini tal-qrati tal-ġustizzja; jew"; u

(b) wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu (3) li ġej:—

"(3) Fil-każ ta' bejgħ fl-irkant ta' titoli elenkati fil-Borża, l-irkant għandu jsir minn *stockbroker* licenzjat skond id-dispożizzjoniiet ta' l-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta.". Kap. 345.

Emenda ta' l-artikolu 318 tal-liġi prinċipali.

154. Fl-artikolu 318 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "L-irkant jista' jsir" għandhom jidħlu l-kliem "Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 305, l-irkant jista jsir", u l-proviso li tinsab ma' l-artikolu għandha titħassar.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 319 tal-liġi prinċipali.

155. Minflok l-artikolu 319 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Ftuħ tal-bejgħ fl-irkant.

319. (1) L-irkant għandu jitmexxa mir-reġistratur jew mill-irkantatur jew *broker* maħtura mill-qorti biex imexxu l-irkant.

(2) L-offerti jsiru bil-fomm. Kull offerta għandha tixxandar mill-anqas tliet darbiet, jekk matul ix-xandir ma ssirx offerta ogħla. Il-liberazzjoni ssir lil min jagħmel l-ogħla offerta fiż-żmien stabbilit fl-avviżi.

(3) L-irkantatur jew *broker* ikollhom jedd għal dritt li jiġi ntaxxat mir-reġistratur skond il-liġi.".

Emenda ta' l-artikolu 320 tal-liġi prinċipali.

156. Is-subartikoli (2) u (3) ta' l-artikolu 320 tal-liġi prinċipali għandhom jitħassru.

Tħassir ta' l-artikolu 321 tal-liġi prinċipali.

157. L-artikolu 321 tal-liġi prinċipali għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 322 tal-liġi prinċipali.

158. Minflok is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 322 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:—

"(3) Ebda offerta ma tintlaqa' jekk din tkun magħmula taħt il-kondizzjoni tal-ħruġ ta' l-editti.".

Emenda ta' l-artikolu 324 tal-liġi prinċipali.

159. Minflok il-proviso li hemm għall-artikolu 324 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"Iżda d-dispożizzjonijiet tal-paragarfu (a) ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ ta' ħwejjeġ mobbli li ma jkunux bastimenti jew bċejjeċ tal-baħar, inġenji ta' l-ajru, oġġetti tad-deheb jew tal-fidda, ishma jew poloz ta' l-assigurazzjoni.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 325 tal-liġi prinċipali.

160. Minflok l-artikolu 325 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Meta għandha tingħata ġurnata oħra biex jissokta l-irkant. Il-liberazzjoni ssir f'din il-ġurnata l-oħra. Riżerva.

325. (1) Fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, ir-reġistratur għandu, permezz ta' nota, jgħarraf lill-qorti li l-liberazzjoni ma tkunx saret, filwaqt li jagħti r-raġuni għal dan, u il-qorti għandha tagħti ġurnata oħra sabiex fiha jissokta l-irkant, u għandha tordna l-ħruġ ta' avviżi oħra li fihom jingħad li l-proprjetà li tkun ser tinbiegħ fl-irkant tkun liberata b'kull offerta. Il-liberazzjoni ssir fil-ġurnata msemmija f'dawn l-avviżi, kemm-il darba l-qorti, fuq talba tal-kreditur jew ta' oħrajn li jkollhom interess, minbarra d-debitur, ma terġax iġġedded, għal raġuni tajba, dak iż-żmien, bi spejjeż ta' min jagħmel it-talba, u f'dan il-każ għandhom jinħarġu avviżi mill-ġdid. Dik il-liberazzjoni għandha ssir bla ħsara għad-dispożizzjoni ta' l-artikolu 327.

(2) Meta l-irkant ma jsirx għal xi raġuni oħra minbarra xi waħda minn dawk imsemmija fl-artikolu 324, il-proċedura imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha tgħodd *mutatis mutandis*.

(3) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3) ta' l-artikolu 314 għandhom jgħoddu fil-każijiet imsemmija fis-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu.".

Emenda ta' l-artikolu 326 tal-liġi prinċipali.

161. L-artiklu 326 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (3), minflok il-kliem "f'anqas minn erbat ijiem tax-xogħol" għandhom jidħlu l-kliem "f'anqas minn sitt ijiem"; u

(b) minflok is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 326 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:—

"(4) Kull min għandu interess jista' jagħmel rikors li bih jitlob lill-qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha li bih tkun awtorizzat it-twaqqif ta' l-irkant jew tal-liberazzjoni u l-qorti għandha tisma' lill-partijiet b'mod sommarju qabel ma tagħti d-digriet tagħha. Kull digriet bħal dan ma jista' jiġi kkontestat f'ebda qorti.".

Emenda ta' l-artikolu 327 tal-liġi prinċipali.

162. L-artikolu 327 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fis-subartkolu (1) tiegħu, il-kliem "bħal fis-sens ta' l-artikolu 322," għandhom jitħassru;

(b) mas-subartikolu (1) tiegħu għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-offerta ogħla msemmija f'dan is-subartikolu għandha fil-każ ta' liberazzjoni ta' ħaġa immobbli tkun ogħla minn tlieta fil-mija mill-prezz ta' liberazzjoni, u fil-każ ta' azjenda, ma tkunx anqas minn għaxra fil-mija mill-prezz ta' liberazzjoni.";

(ċ) fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "u l-offerent il-ġdid." għandhom jidħlu l-kliem "u l-offerent il-ġdid. Il-qorti għandha tordna wkoll lir-reġistratur li jippubblika avviżi ġodda fil-Gazzetta u ġurnal ta' kuljum li fihom jintwera li l-liberazzjoni finali ma tkunx ser issir billi tkun saret offerta ogħla fi żmien ħmistax-il jum mil-liberazzjoni skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u l-Qorti għandha tindika l-jum stabbilit għal-liberazzjoni finali."; u

(d) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 328 tal-liġi prinċipali.

163. Fl-artikolu 328 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "erbat ijiem" għandhom jidħlu l-kliem "sebat ijiem".

164. Minnufih wara s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 331 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej: Emenda ta' l-artikolu 331 tal-liġi prinċipali.

"(3) Fil-każ ta' bastimenti, jew bċejjeċ oħra tal-baħar jew inġenji ta' l-ajru, il-qorti tista' tagħmel dawk l-ordnijiet li hija tqis li jkunu xierqa sabiex tiżgura li l-proprjetà liberata tiġi konsenjata lix-xerrej minnufih malli x-xerrej jagħmel dik il-garanzija li l-qorti tista' tistabbilixxi biex tħares it-talbiet tal-partijiet. Dawk l-ordnijiet jistgħu wkoll jingħataw f'każijiet oħra meta l-qorti tikkonsidra li dewmien fil-konsenja tal-proprjetà jista' jikkawża preġudizzju serju lix-xerrej. Ordni mogħti bis-saħħa ta' dan is-subartikolu ma jista' jiġi kkontestat b'ebda mod u għandu jitwettaq minnufih.".

165. Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 335 tal-liġi principali minflok il-kliem "iġibu 'l quddiem" għandhom jidħlu l-kliem "iġibu 'l quddiem, u kull mandat ta' impediment tas-safar ta' bastiment jew ta' biċċa oħra tal-baħar li jkunu qegħdin għall-bejgħ". Emenda ta' l-artikolu 335 tal-liġi prinċipali.

166. L-artikolu 338 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 338 tal-liġi prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "jew ta' sekwestru" għandhom jidħlu l-kliem "jew ta' sekwestru jew ta' impediment tas-safar";

(b) minflok is-subartikoli (2) u (3) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-persuni hekk notifikati għandhom żmien tlett ijiem biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettal ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejjsa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-opożizzjoni tagħhom.

(3) Fil-każ ta' risposta li topponi t-talba għall-approvazzjoni magħmula skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, il-qorti għandha tagħti lir-rikorrent tlett ijiem żmien biex jippreżenta risposta flimkien ma' kull prova biex iwaqqa' l-oppożizzjoni, u wara li tisma' lill-partijiet sommarjament, hija għandha tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrulha xierqa fiċ-ċirkostanzi."; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(4) Il-qorti tista' tapprova t-tpaċija bil-kondizzjoni li għandha tingħata garanzija biżżejjed mir-rikorrent sabiex jiżgura it-talbiet ta' kull min sa dak il-jum ikun għamel oppożizzjoni skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu:

Iżda l-Qorti tista', f'kull żmien, teżenta lir-rikorrent milli jipprovdi l-garanzija msemmija jew teħles jew tnaqqas dik il-garanzija li setgħet ġiet provduta jekk hija tqis li t-talba jew l-oppożizzjoni magħmula hija għal kollox jew f'parti minnha frivola jew vessatorja:

Iżda wkoll fil-każ li r-rikorrent ikun diġà ta garanzija skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 331, il-qorti tista' tordna li dik il-garanzija tinżamm jew titnaqqas skond kif hija tqis xieraq.

(5) Il-qorti tista' f'kull żmien tordna lill-parti jew lill-partijiet li jkunu qed jagħmlu oppożizzjoni li jipprovdu garanzija xierqa f'dak l-ammont u f'dak iż-żmien li jiġi stabbilit mill-qorti sabiex jiżguraw kull talba li r-rikorrent jista' jkollu kontra dik il-parti li tkun qed tagħmel oppożizzjoni għal kull danni kkaġunati minħabba dik l-oppożizzjoni. Fil-każ li dik il-garanzija ma tingħatax,il-qorti għandha tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrulha xierqa, magħduda ordni li kull garanzija diġà mogħtija mir-rikorrent għandha tinħeles kollha kemm hi jew f'parti minnha.

(6) Meta jkunu ingħataw garanziji skond dan l-artikolu jew skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 331, kull min ikollu interess jista' għalhekk jibda proċediment skond il-proċedura stabbilita bl-artikolu 416 sabiex tinqata' b'mod konklussiv kull kwistjoni dwar dik il-garanzija.

(7) Kull ordni mogħti mill-qorti skond dan l-artikolu, minbarra kull deċiżjoni bis-saħħa tas-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu, ikun finali u m'għandu jiġi kkontestat b'ebda mod u għandu jitwettaq minnufih.".

Emenda ta' l-artikolu 340 tal-liġi prinċipali.

167. L-artikolu 340 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) dawn il-proviso li ġejjin għandhom jiżdiedu mas-subartikolu (1) tiegħu:

"Iżda kull min ikun għamel offerta *animo compensandi* taħt il-kundizzjoni msemmija fl-artikolu 334 għandu, fi żmien sitt ijiem minn meta jiġi notifikat bl-ordni tal-qorti li tiċħad ir-rikors tiegħu għat-tpaċija, jiddepożita l-prezz fir-reġistru tal-qorti, f'liema każ id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux. Fil-każ li dik il-parti tonqos milli tħallas il-prezz f'dak iż-żmien mogħti, għandu jgħodd l-artikolu 329:

Iżda wkoll fil-każ li l-proprjetà liberata tiġi trasferita u mogħtija lix-xerrej skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 331, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx jgħoddu u d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6) ta' l-artikolu 338 għandhom jgħoddu għall-garanzija kif ordnata li tingħata mill-qorti."; u

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Meta t-tpaċija tiġi approvata mingħajr kundizzjonijiet, ix-xerrej għandu l-jedd għat-trasferiment formali u li jieħu l-kunsinna tal-proprjetà mobbli liberata lilu jew, fil-każ li l-proprjetà tkun diġà ġiet konsenjata taħt is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 331, ix-xerrej ikollu jedd għall-ħelsien ta' kull garanzija li jkun għamel.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 346 tal-liġi prinċipali.

168. Minflok l-artikolu 346 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Jedd ta' kredituri oħra li jissoktaw l-atti ta' l-irkant.

346. (1) Kull kreditur ieħor jista' permezz ta' nota li tiġi notifikata lill-esekutant u lid-debitur, jidħol fl-atti ta' l-irkant bħala esekutant ieħor, u dan l-esekutant l-ieħor ikollu l-istess jeddijiet u obbligazzjonijiet daqslikieku kien l-esekutant oriġinali.

(2) Kull esekutant jista' jkompli l-atti ta' l-irkant indipendentement miċ-ċessjoni ta' kull esekutant ieħor jew mill-mewt tiegħu.".

Emenda ta' l-artikolu 348 tal-liġi prinċipali.

169. L-artikolu 348 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) minflok in-nota marġinali tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"Proċedura fl-irkant ta' merkanzija jew ta' proprjetà oħra"; u

(b) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:—

"(1) L-irkant ta' merkanziji jew ta' ħwejjeġ mobbli oħra, li ma jkunux titoli elenkati fil-Borża taħt l-Att dwar il-Borża ta' Malta taħt l-awtorità tal-Qorti Ċivili, Prim' Awla, jew tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha superjuri, jew tal-Qorti ta' l-Appell, isir permezz ta' irkantatur liċenzjat u fil-preżenza tal-marixxall.". Kap. 345.

Emenda ta' l-artikolu 349 tal-liġi prinċipali.

170. Fl-artikolu 349 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "il-marixxal, l-irkantatur, jew il-banditur," għandhom jidħlu l-kliem "il-marixxal jew irkantatur liċenzjat jew *broker*,".

Emenda ta' l-artikolu 352 tal-liġi prinċipali.

171. L-artikolu 352 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:—

"(2) Isiru nulli wkoll, fl-interess ta' dik il-persuna, il-kiri jew trasferiment ieħor tat-tgawdija ta' dawk il-beni jew jeddijiet u kull tnaqqis jew restrizzjoni fit-tgawdija ta' dawk il-beni jew jeddijiet, li matul is-sena imsemmija jkunu saru mid-debitur mingħajr l-awtorità tal-qorti li tkun tat is-sentenza jew id-digriet."; u

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu l-kliem ", wkoll bl-arrest tal-persuna," għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 354 tal-liġi prinċipali.

172. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 354 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "mitejn u ħamsin lira Maltin" għandhom jidħlu l-kliem "elf lira".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 355 tal-liġi prinċipali.

173. Minflok l-artikolu 355 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"Jus redimendi.

355. (1) Id-debitur ikollu l-jedd ta' fidwa ta' ħwejjeġ immobbli mibjugħin fl-irkant sakemm dak il-jedd huwa jeżerċitah fi żmien erba' xhur mid-data ta' l-iskrizzjoni ta' l-att tal-liberazzjoni fir-Reġistru Pubbliku.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ħwejjeġ immobbli għandhom ukoll jinkludu ażjenda.

(3) Il-jedd ta' fidwa għandu jiġi eżerċitat billi tiġi ppreżentata ċedola ta' fidwa, flimkien ma' depożitu konkorrenti hekk kif hemm provdut, *mutatis mutandis,* fis-Sub-titolu VI tat-Titolu VI tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili.".

Kap. 16.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 356 tal-liġi prinċipali.

174. Minflok l-artikolu 356 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Id-dritt tal-kreditur li jerġa' jbiegħ beni immobbli huwa għal sentejn.

356. (1) Iż-żmien maħsub fl-artikolu 2086 tal-Kodiċi Ċivili, dwar proprjetà liberata f'bejgħ fl-irkant, għandu jkun ta' sentejn li jibdew jgħaddu mid-data ta' l-insinwa ta' l-att ta' liberazzjoni fir-Reġistru Pubbliku.

Kap. 16.

(2) Iż-żmien ta' sentejn imsemmi għandu jitnaqqas għal erba' xhur mid-data tan-notifika permezz ta' att ġudizzjarju ta' kopja ta' l-att ta' liberazzjoni, jew ta' kopja tan-nota ta' l-insinwa ta' l-att ta' liberazzjoni fir-Reġistru Pubbliku, u dan fir-rigward biss ta' kreditur ipotekarju jew privileġġat li jiġi hekk notifikat.

(3) Meta l-bejgħ fl-irkant ikun dak ta' ażjenda li tinkludi ħwejjeġ immobbli, iż-żmien imsemmi ta' sentejn għandu jitnaqqas għal erba' xhur li jibdew jgħaddu mid-data ta' l-insinwa ta' l-att ta' liberazzjoni fir-Reġistru Pubbliku.

(4) Kull azzjoni mill-kreditur ipotekarju jew privileġġat kontra terzi li jkollhom pussess ta' ħwejjeġ immobbli akkwistati bis-saħħa ta' bejgħ fl-irkant tkun preskritta jekk il-protest imsemmi fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2072 tal-Kodiċi Ċivili (li jsejjah lid-debitur sabiex iħallas id-dejn u lit-terza persuna li jkollha l-pussess jew biex tħallas id-dejn jew biex iċċedi l-proprjetà) ma jiġix ippreżentat fi żmien is-sentejn jew l-erba' xhur imsemmija fis-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu, jew inkella jekk il-kreditur jonqos milli jagħmel talba fil-Qorti għall-bejgħ tal-ħwejjeġ immobbli fi żmien sitt xhur minn meta jiġi ppreżentat il-protest imsemmi fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2072 tal-Kodiċi Ċivili. Din l-azzjoni tkun ukoll preskritta jekk it-terza persuna li jkollha l-pussess iċċedi l-proprjetà u l-kreditur jonqos milli jibda proċeduri għall-bejgħ fl-irkant fi żmien sitt xhur minn notifika ta' kopja tan-nota ta' dik iċ-ċessjoni. Kap. 16.

(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 2072 tal-Kodiċi Ċivili, it-talba għall-bejgħ fl-irkant tal-ħaġa immobbli tista' ssir f'kull żmien wara li jgħaddu sittin jum minn meta jiġi preżentat il-protest.

(6) Il-krediturì li jkollhom l-azzjoni tagħhom preskritta skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jkollhom ebda jedd kontra t-terza persuna li tkun akkwistat il-pussess tal-ħaġa immobbli b'riżultat tal-bejgħ fl-irkant ġdid li jsir taħt id-dispożizzjonijiet imsemmija; iżda dawk il-krediturì jibqgħu jiggradwaw skond ma kienu qabel il-bejgħ.

(7) Jekk qabel jew wara li tkun saret liberazzjoni l-offerent jew ix-xerrej, skond il-każ, jiskopri li l-proprjetà immobbli tkun suġġetta għal kull piż, kirja jew jeddijiet oħra sew reali jew personali li ma jkunux ġew magħduda fil-valutazzjoni skond l-artikolu 310, l-offerent jew ix-xerrej, skond il-każ, ikollu l-jedd, fl-ewwel każ, jew li jitlob li jirtira l-offerta tiegħu jew li jkollu l-offerta tiegħu imnaqqsa, u, fit-tieni każ, ix-xerrej ikollu d-dritt li jitlob ir-rexxissjoni tal-bejgħ.

(8) Dik it-talba għar-rexxissjoni tal-bejgħ għandha ssir mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data tal-liberazzjoni permezz ta' rikors li jiġi notifikat lill-kreditur esekutant u lid-debitur.

(9) Il-qorti għandha tilqa' t-talba ta' l-offerent jew tax-xerrej, skond il-każ, jekk hija tkun sodisfatta li n-nuqqas fil-valutazzjoni msemmija jew fl-elenku imsemmi kienet daqstant li kellha effett fuq l-offerta tax-xerrej.".

175. Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 377 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:— Emenda ta' l-artikolu 377 tal-liġi prinċipali.

"(2) Kopja tal-mandat għandha tiġi wkoll notifikata lid-debitur bl-istess mod kif hemm provdut fl-artikolu 187, jew, jekk dan ikun nieqes minn Malta, lir-rappreżentant leġittimu tiegħu.".

Emenda ta' l-artikolu 378 tal-liġi prinċipali.

176. Minflok is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 378 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:—

"(4) Id-dikjarazzjoni tista' ssir b'att ġudizzjarju li jiġi notifikat lill-esekutant, jew b'ittra reġistrata mibgħuta lir-reġistratur u kopja tagħha li tintbagħat lill-esekutant. Ir-reġistratur għandu jdaħħal l-ittra fil-proċess ta' bejgħ fl-irkant.".

Emenda ta' l-artikolu 379 tal-liġi prinċipali.

177. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 379 tal-liġi prinċipali minnufih wara l-kliem "il-ħwejjeġ issekwestrati." għandhom jidħlu l-kliem "Dik it-talba tista' ssir flimkien mat-talba imsemmija fil-proviso li hemm mas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 378.".

Emenda ta' l-artikolu 381 tal-liġi prinċipali.

178. L-artikolu 381 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:—

"(1) Ma jistgħux jinħarġu mandati ta' sekwestru fuq —

(a) salarju jew paga (magħdudin il-bonus, *allowances, overtime* u ħlasijiet oħra);

(b) benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali jew pensjoni jew *allowance* oħra ta' persuna li tinħarġilha pensjoni mingħand il-Gvern;

Kap. 318.

(ċ) dak li wieħed jirċievi bħala karità mingħand il-Gvern;

(d) il-legati mħollija espressament għall-manteniment, meta d-debitur ma jkollux mezzi oħra biex jgħix u l-kreditu stess ma jkunx dwar manteniment;

(e) flus li għandhom jingħataw taħt titolu ta' manteniment sew jekk *officio judicis* kemm jekk b'kuntratt pubbliku, meta l-kreditu stess ma jkunx għall-manteniment;

(f) flus li għandhom jingħataw minn dipartiment tas-servizz pubbliku, ċivili jew militari, għall-prezz ta' xogħlijiet jew provvisti.";

(b) il-proviso li hemm mas-subartikolu (3) tiegħu għandu jitħassar; u

(ċ) dan is-subartikolu ġdid li ġej għandu jiżdied minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu:

"(4) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 149, 150 u 151 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta għandhom jgħoddu dwar is-salarju ta' uffiċjal jew raġel fil-forza regolari ta' Malta.".

Kap. 220.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 382 tal-liġi prinċipali.

179. Minflok l-artikolu 382 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Salarju jew pagi mhux sekwestrabbli.

382. (1) Fil-każ ta' salarju, paga, benefiċċju, pensjoni jew *allowance* imsemmija fil-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 381, meta dawk jeċċedu tliet mitt lira fix-xahar jew dik is-somma li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' minn żmien għal żmien b'ordni jistabbilixxi, il-qorti tista', fuq rikors ta' kreditur, tordna l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru fuq dik il-parti li teċċedi l-ammont imsemmi qabel:

Iżda jekk id-debitur jagħmel rikors li fih juri għas-sodisfazzjon tal-qorti li huwa jkollu bżonn dak l-eċċess jew parti minnu għall-manteniment tiegħu jew għall-manteniment tal-familja tiegħu, il-qorti għandha tħassar il-mandat ta' sekwestru dwar dak l-eċċess jew dik il-parti minnu, u wara hekk l-imsemmi mandat għandu jitqies li jkun u li kien mingħajr effett safejn ikun ġie revokat:

Iżda wkoll dan l-artikolu ma jgħoddx għas-salarju ta' uffiċjal jew raġel fil-forza regolari ta' Malta.

(2) Il-qorti tista', f'kull żmien, tibdel l-ordni mogħtija taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu fuq talba b'rikors tal-kreditur jew tad-debitur jekk ikun hemm xi tibdil fiċ-ċirkostanzi materjali tad-debitur.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 383 tal-liġi prinċipali.

180. Minflok l-artikolu 383 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Tmiem wara sena ta' l-effetti ta' sekwestru esekutiv.

383. (1) Il-mandat ta' sekwestru ma jibqax iseħħ għeluq sena mill-ħruġ tiegħu, kemm-il darba l-qorti, fuq rikors ta' l-esekutant, ma ġġeddidx dak iż-żmien.

(2) Dak ir-rikors għandu jiġi ppreżentat mill-anqas sebat ijiem qabel l-għeluq taż-żmien u għandu jiġi notifikat lis-sekwestratarju flimkien mad-digriet ta' proroga relattiv.

(3) Is-sekwestratarju ma jinkorri ebda responsabbiltà jekk, wara li jiskadi ż-żmien imsemmi sew jekk oriġinali kemm jekk prorogat, u qabel ma dik il-proroga tkun ġiet notifikata lilu, huwa jaġixxi bħallikieku s-sekwestru ma kienx għadu jseħħ.".

Emenda ta' l-artikolu 384 tal-liġi prinċipali.

181. Fl-artikolu 384 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "fi żmien mhux anqas minn jumejn u mhux iżjed minn erbat ijiem;" għandhom jidħlu l-kliem "fi żmien mhux anqas minn erbat ijiem u mhux iżjed minn tmint ijiem;".

Emenda ta' l-artikolu 385 tal-liġi prinċipali.

182. Minnufih wara s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 385 tal-liġi prinċipali għandhom jidħlu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:—

"(3) Il-mandat ma għandux jinħareġ ħlief b'ordni espressa tal-qorti mogħtija fuq talba magħmula b'ċitazzjoni mill-kreditur.

(4) Il-qorti għandha biss toħroġ il-mandat jekk tkun sodisfatta li l-kreditur ma għandux mezz ieħor ta' esekuzzjoni.".

Emenda ta' l-artikolu 398 tal-liġi prinċipali.

183. L-artikolu 398 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "fit-tweġiba għall-libell, meta l-proċedimenti jinbdew b'libell, jew" għandhom jitħassru;

(b) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jitħassar; u

(ċ) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (3) tiegħu.

Thassir ta' l-artikolu 399 tal-liġi prinċipali.

184. L-artikolu 399 tal-liġi prinċipali għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 415 tal-liġi prinċipali.

185. Minnufih fi tmiem l-artikolu 415 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan il-proviso li ġej:—

"Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw għar-rigward ta' kull min matul it-tliet xhur li jiġu minnufih qabel ma tkun saret l-azzjoni ta' jattanza, ikun jew personalment jew permezz ta' mandatarju ppreżenta att ġudizzjarju fejn ivvanta l-pretensjoni tiegħu.".

Emenda ta' l-artikolu 418 tal-liġi prinċipali.

186. Fl-artikolu 418 tal-liġi prinċipali minflok il-kelma "libell" kull fejn tinsab fl-artikolu u fin-nota marġinali tiegħu, għandha tidħol il-kelma "rikors".

Emenda ta' l-artikolu 419 tal-liġi prinċipali.

187. L-artikolu 419 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:—

"(1) Ir-rikors għandu jkun notifikat lid-debitur u lid-depożitant, iżda ebda tweġiba ma tista' ssir għal dak ir-rikors."; u

(b) minflok il-kliem "tal-libell" fin-nota marġinali għandhom jidħlu l-kliem "tar-rikors".

Emenda ta' l-artikolu 420 tal-liġi prinċipali.

188. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 420 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "Bil-preżentata tal-libell" għandhom jidħlu l-kliem "Bil-preżentata tar-rikors".

Emenda ta' l-artikolu 428 tal-liġi prinċipali.

189. L-artikolu 428 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kelma "libell" għandha tidħol il-kelma "rikors"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "Mal-libell" għandhom jidħlu l-kliem "Mar-rikors".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 429 tal-liġi prinċipali.

190. Minflok l-artikolu 429 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Tweġiba u talba.

429. Kull parti li tkun notifikata bir-rikors tista' tippreżenta risposta li jkun fiha l-eċċezzjonijiet li tkun trid tagħti kontra t-talbiet l-oħra konkorrenti, u t-talba tagħha.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 431 tal-liġi prinċipali.

191. Minflok l-artikolu 431 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Għeluq tal-proċess.

431. (1) Fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 428 il-proċess għandu jitqies magħluq —

(a) bil-preżentata tat-tweġibiet u rikorsi rispettivi tal-partijiet; jew

(b) bl-għeluq taż-żmien imsemmi fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, jekk il-partijiet, jew xi whud minnhom, notifikati bir-rikors ma jippreżentawx it-tweġiba u r-rikors rispettiv fiż-żmien imsemmi.

(2) Dik il-parti li tiġi notifikata b'rikors għandha tippreżenta risposta jew ir-rikors tagħha fi żmien ħmistax-il jum minn meta tiġi notifikata.".

Emenda ta' l-artikolu 432 tal-liġi prinċipali.

192. Fl-artikolu 432 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "kontro-libell" kull fejn dawn jinstabu fl-artikolu u fin-nota marġinali tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "rikors rispettiv".

Emenda ta' l-artikolu 433 tal-liġi prinċipali.

193. Fl-artikolu 433 tal-liġi prinċipali minflok il-kelma "libell" kull fejn tinstab fl-artikolu u fin-nota marġinali tiegħu għandha tidħol il-kelma "rikors".

Emenda ta' l-artikolu 437 tal-liġi prinċipali.

194. Fl-artikolu 437 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "fil-kompetenza tagħha superjuri ċivili" għandhom jidħlu l-kliem "fil-kompetenza tagħha superjuri".

Emenda ta' l-artikolu 443 tal-liġi prinċipali.

195. Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 443 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:—

"(1) Hu dmir ta' l-Avukat Ġenerali, wara li jidħol fil-pussess tal-wirt, li jsejjaħ, b'avviż maħruġ fil-Gazzetta tal-Gvern u f'ġurnal ta' kuljum, lil dawk kollha illi jista' jkollhom jedd għal dak il-wirt, biex iġibu 'l quddiem il-jedd tagħhom fil-qorti kompetenti fi żmien sena.".

Emenda ta' l-artikolu 460 tal-liġi prinċipali.

196. L-artikolu 460 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem minn "b'mod ċar; u r-reġistratur għandu jirrifjuta" sa tmiem is-subartikolu (1) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "b'mod ċar.";

(b) il-kelma "jew" għandha tiżdied fi tmiem il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) tiegħu;

(ċ) dan il-paragrafu (d) għandu jiżdied wara l-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) tiegħu:

"(d) għal azzjonijiet li għandhom jinstemgħu bl-urġenza;"; u

(d) dan is-subartikolu (3) li ġej għandu jidħol wara s-subartikolu (2) tiegħu:

"(3) Kawżi kontra l-Gvern li dwarhom ikun hemm fis-seħħ mandat ta' inibizzjoni għandhom jinstemgħu mill-Qorti b'urġenza u bi preferenza għal kawżi oħra.".

Emenda ta' l-artikolu 461 tal-liġi prinċipali.

197. Fl-artikolu 461 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "fil-kompetenza tagħha superjuri ċivili" għandhom jidħlu l-kliem "fil-kompetenza tagħha superjuri".

Emenda ta' l-artikolu 462 tal-liġi prinċipali.

198. Fl-artikolu 462 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "fil-kompetenza tagħha superjuri ċivili" għandhom jidħlu l-kliem "fil-kompetenza tagħha superjuri".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 466 tal-liġi prinċipali.

199. Minflok l-artikolu 466 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Proċedimenti għall-ħlas ta' krediti tal-Gvern.

466. (1) Meta Kap ta' Dipartiment tal-Gvern irid jaġixxi għall-ħlas ta' kreditu li jkollu jieħu d-dipartiment li tiegħu huwa jkun il-kap, jew li jkollha tieħu xi amministrazzjoni ta' dak id-dipartiment, dwar kull servizz, provvista, kera jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-Reġistratur, Imħallef jew Maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut.

(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett daqslikieku kienet ġudikat tal-Qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin jum min-notifika li ssirlu ta' dak id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jippreżenta rikors li fih jitlob li l-Qorti tiddikjara t-talba bħala waħda infondata.

(3) Ir-rikors preżentat skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu għandu jiġi notifikat lill-Kap tad-Dipartiment, li jkollu dritt jippreżenta risposta fi żmien għoxrin jum. Il-Qorti tgħaddi biex tappunta dak ir-rikors għas-smiegħ f'jum li jiġi wara li jgħaddi dak iż-żmien.

(4) F'każijiet ta' xorta urġenti l-Qorti tista', wara li jsirilha rikors mill-kreditur jew mid-debitur, tqassar kull żmien perentorju bħalma huwa provdut f'dan l-artikolu bil-mezz ta' digriet li jiġi notifikat lill-parti l-oħra.".

Sostituzzjoni ta' l-artikoli 467 u 468 tal-liġi prinċipali.

200. Minflok l-artikoli 467 u 468 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Oppożizzjoni għall-proċedimenti taħt l-artikolu 466.

467. (1) Kull titolu esekuttiv maħruġ skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu ta' l-aħħar ta' qabel dan in-nuqqas ta' xi oppożizzjoni mid-debitur għandu jiġi revokat jekk, meta ssir talba permezz ta' ċitazzjoni li tiġi preżentata fi żmien għoxrin jum mill-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat esekuttiv li jkun imsejjes fuq dak it-titolu jew ta' kull att ġudizzjarju ieħor li fih issir referenza għal dak it-titolu, il-Qorti tkun sodisfatta li d-debitur ma kienx jaf bin-notifika tad-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu ta' l-aħħar ta' qabel dan matul il-perijodu li fih id-debitur seta' jopponi u li t-talba li tinsab f'dik id-dikjarazzjoni tkun infondata fil-mertu.

(2) Ebda oppożizzjoni ħlief dik li hemm speċifikatament provdut dwarha f'dan l-artikolu u fl-artikolu ta' l-aħħar ta' qabel dan ma għandha twaqqaf il-ħruġ jew l-esekuzzjoni ta' xi att esekuttiv maħruġ bis-saħħa ta' dak l-artikolu jew ir-rifużjoni tar-rikavat miksub minn xi mandat jew bejgħ b'irkant li jsiru bi prosegwiment ta' dak l-att.".

Żieda ta' Sub-titolu ġdid mal-liġi prinċipali.

201. Dan is-Sub-titolu ġdid li ġej għandu jiżdied minnufih wara l-artikolu 469 tal-liġi prinċipali:

"SUB-TITOLU VII
STĦARRIĠ ĠUDIZZJARJU TA' AZZJONI AMMINISTRATTIVA

Stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva.

469A. (1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi għemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-għemil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:

(a) meta l-għemil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;

(b) meta l-għemil amministrattiv ikun *ultra vires* għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:

(i) meta dak l-għemil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew

(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil; jew

(iii) meta l-għemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa ta' l-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;

(iv) meta l-għemil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi.

(2) F'dan l-artikolu —

"għemil amministrattiv" tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, *warrant,* deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità:

Iżda, ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tistabbilixxi perijodu li fih awtorità pubblika tenħtieġ tagħti deċiżjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-awtorità u din l-awtorità tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta' din it-tifsira;

"awtorità pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi.

(3) Kawża biex twaqqa' għemil amministrattiv taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skond liema jiġi l-ewwel, b'dak l-għemil amministrattiv .

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jiġi provdut dwaru f'xi liġi oħra.

(5) F'azzjoni li ssir bis-saħħa ta' dan l-artikolu l-attur ikun jista' jinkludi fit-talbiet tiegħu talba għall-ħlas tad-danni li tkun imsejjsa fuq ir-responsabbiltà allegata ta' l-awtorità pubblika li tkun għamlet delitt jew kważi delitt li

joħroġ mill-att amministrattiv. Dawk id-danni ma għandhomx jingħataw mill-Qorti meta minkejja l-annullament ta' l-att amministrattiv l-awtorità pubblika ma tkunx aġixxiet *in mala fede* jew b'mod mhux raġonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setgħet legalment u raġonevolment ġiet miċħuda taħt kull setgħa oħra.

(6) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, u ta' kull dispożizzjoni oħra ta' din il-liġi u ta' kull liġi oħra, servizz mal-Gvern hu rapport speċjali regolat b'dispożizzjonijiet speċjali speċifikatament applikabbli għalih u bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Gvern, u ebda liġi jew dispożizzjoni tagħha dwar kondizzjonijiet ta' impieg jew kuntratti ta' servizz jew ta' impieg ma tapplika, u qatt ma kienet tapplika, għal servizz mal-Gvern ħlief safejn dik il-liġi ma tipprovdix xort'oħra.".

Tħassir ta' l-artikolu 481 tal-liġi prinċipali.

202. L-artikolu 481 tal-liġi prinċipali għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 501 tal-liġi prinċipali.

203. Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 501 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "tat-tieni editt." għandhom jidħlu l-kliem "tat-tieni editt; iżda kuratur maħtur mill-qorti skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 504 jista' jagħmel rikors quddiem il-qorti sabiex din iġġedded iż-żmien imsemmi. Il-qorti tista', wara li tikkunsidra iċ-ċirkostanzi tal-każ tagħti dak iż-żmien iktar li tista' tqis li jkun xieraq.".

Emenda ta' l-artikolu 511 tal-liġi prinċipali.

204. Fl-artikolu 511 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "dan iż-żmien ta' xahrejn għandu jiġi imġedded għal xahar ieħor." għandhom jidħlu l-kliem "jew fil-waqt tat-tiġdid taż-żmien mogħti skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 501, dak iż-żmien ta' xahrejn jew dak it-tiġdid taż-żmien għandu jiġġedded għal xahar ieħor.".

Emenda ta' l-artikolu 527 tal-liġi prinċipali.

205. L-artikolu 527 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (6) tiegħu; u

(b) minflok is-subartikolu (4) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(4) Ir-reġistratur għandu qabel l-aħħar tax-xahar ta' Jannar ta' kull sena jieħu ħsieb li tiġi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern lista li turi f'ordni alfabetiku l-ismijiet u l-kunjomijiet tal-persuni li jidhru fil-ktieb miżmum skond is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, flimkien ma' l-isem meta jkun magħruf tal-missier, il-post tat-twelid u n-numru tal-Karta ta' l-Identità ta' dawk il-persuni u d-data tad-digriet ta' l-interdizzjoni jew ta' l-inabilitazzjoni.

(5) Mil-lista msemmija fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu għandhom jitħallew barra każijiet —

(a) fejn aktar minn tmenin sena jkunu għaddew mid-data tad-digriet;

(b) fejn il-persuna tkun laħqet l-età ta' mitt sena;

(ċ) fejn id-digriet ikun ġie revokat skond l-artikolu 526; u

(d) fejn il-persuna interdetta jew inabilitata tkun mietet.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 533 tal-liġi prinċipali.

206. Minflok l-artikolu 533 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Ġurnata għall-ftuħ u pubblikazzjoni ta' testment.

533. (1) Meta għandu jinfetaħ testment, il-qorti, b'digriet, fuq rikors ta' kull min ikollu interess, tiffissa l-ġurnata, il-ħin u l-lok għall-ftuħ u pubblikazzjoni tat-testment, u tordna li l-interessati kollha jiġu msejħa; dawk li huma magħrufa, b'ċitazzjoni, u dawk li ma humiex magħrufa, bil-mezz ta' bandu mwaħħal fid-daħla tal-bini fejn il-qorti toqgħod u li jiġi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u f'ġurnal lokali ta' kuljum.

(2) Il-ftuħ u l-pubblikazzjoni tat-testment ma jistgħux isiru qabel ma jgħaddu erbat ijiem minn notifika taċ-ċitazzjoni fuq imsemmija, jew qabel erbat ijiem mit-twaħħil tal-bandi u l-pubblikazzjoni tagħhom skond liema jiġi l-aktar tard.

(3) Meta xi testment sigriet ikun ġie riċevut mir-reġistratur skond id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu iżda ma jkunx ġie irtirat mit-testatur, jew infetaħ u ġie pubblikat, u jkunu skadew mitt sena mid-data tal-preżentata tat-testment, ir-reġistratur għandu jipprepara u jippubblika lista ta' l-imsemmija testmenti fil-Gazzetta.

(4) Wara l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-lista msemmija fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, il-qorti għandha tappunta ġurnata u ħin li fihom għandhom jinfetħu fil-pubbliku it-testmenti msemmija fil-lista. Il-qorti mbagħad tordna li t-testmenti msemmija għandhom jintbagħtu għand l-arkivista ta' l-Atti Notarili li għandu jniżżel dawn it-testmenti f'reġistru li jżomm hu u jinsinwa dawn it-testmenti fir-Reġistru Pubbliku.".

Emenda ta' l-artikolu 534 tal-liġi prinċipali.

207. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 534 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "quddiem l-imħallef, ir-reġistratur u żewġ xhieda" għandhom jidħlu l-kliem "quddiem l-imħallef u r-reġistratur".

Sostituzzjoni t l-artikolu 536 tal-liġi prinċipali.

208. Minflok l-artikolu 536 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Dikjarazzjoni ta' ftuħ ta' suċċessjoni.

536. Meta ma hemmx oppożizzjoni, id-dikjarazzjoni tal-ftuħ ta' suċċessjoni tista' ssir mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, fuq rikors, favur kull persuna li f'isimha tkun saret it-talba.".

Emenda ta' l-artikolu 537 tal-liġi prinċipali.

209. Minflok is-subartikoli (1) u (2) ta' l-artikolu 537 tal-liġi prinċipali għandhom jidħlu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(1) Wara l-preżentata tar-rikors, il-qorti toħroġ bandu illi jiġi pubblikat fil-Gazzetta u mill-inqas f'ġurnal wieħed ta' kuljum u illi jiġi mwaħħal fid-daħla tal-bini fejn il-qorti toqgħod, u bih issejjaħ lil kull min għandu interess li jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu b'nota fi żmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem, u mhux aktar minn xahar, kif jiġi ffissat mill-imħallef.

(2) Dan iż-żmien jibda għaddej minn dak in-nhar li fih jiġu mwaħħla l-bandi, jew jiġu pubblikati għall-aħħar darba jew fil-Gazzetta jew f'ġurnal ta' kuljum, skond liema jiġi l-aktar tard.".

Sostizzjoni ta' l-artikolu 538 tal-liġi prinċipali.

210. Minflok l-artikolu 538 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Digriet tal-qorti.

538. Meta jagħlaq iż-żmien hawn fuq imsemmi, il-qorti fin-nuqqas ta' oppożizzjoni, teżamina t-talba tar-rikorrent; u jekk it-talba tidher ġustifikata, il-qorti għandha tilqa' t-talba tar-rikorrent u tiddikjara s-suċċessjoni miftuħa favur tiegħu u tista', fuq talba ta' min japplika, ukoll tistabbilixxi fid-digriet tagħha, l-identità ta' kull persuna oħra li tissejjaħ biex taqsam fil-wirt u s-sehem relattiv tiegħu.".

Emenda ta' l-artikolu 546 tal-liġi prinċipali.

211. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 546 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "fejn il-qorti toqgħod." għandhom jidħlu l-kliem "fejn il-qorti toqgħod. Ir-reġistratur għandu jippubblika wkoll avviż fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum li bih jistieden lil dawk il-partijiet kollha interessati biex ikunu preżenti filwaqt li jiġi pubblikat l-inventarju.".

Emenda ta' l-artikolu 547 tal-liġi prinċipali.

212. Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 547 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:—

"(1) Il-pubblikazzjoni ta' l-inventarju għandha ssir fil-jum u fil-ħin iffissat mill-Qorti.".

Emenda ta' l-artikolu 550 tal-liġi prinċipali.

213. L-artikolu 550 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "L-adozzjoni jew l-emanċipazzjoni" fis-subartikolu (1) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "L-emanċipazzjoni";

(b) minflok il-kliem "adozzjoni jew emanċipazzjoni" fis-subartikolu (2) tiegħu, għandha tidħol il-kelma "emanċipazzjoni"; u

(ċ) minflok in-nota marġinali għalih għandu jidħol dan li ġej:

"Emanċipazzjoni".

Emenda ta' l-artikolu 556 tal-liġi prinċipali.

214. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 556 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "b'ċitazzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "b'rikors".

Emenda ta' l-artikolu 557 tal-liġi prinċipali.

215. Fl-artikolu 557 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "lir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri", "fil-qrati superjuri," u "ta' dawk il-qrati." għandhom jidħlu l-kliem "lir-reġistratur", "fil-qrati," u "tal-qrati." rispettivament.

Emenda ta' l-artikolu 560 tal-liġi prinċipali.

216. Mas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 560 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:—

"Iżda fi proċedimenti quddiem il-qrati ta' kompetenza ċivili, il-partijiet fil-kawża għandhom jgħinu lir-reġistratur biex jikkompila kopja tad-dokumenti tal-qorti jew ta' kull dokument ieħor li jkunu tgħarrqu jew intilfu, u f'dak iż-żmien li l-qorti tista' tistabbilixxi, huma għandhom jagħtu lir-reġistratur dak it-tagħrif u dokumentazzjoni li jkollhom u li jkun jgħin lir-reġistratur biex jikkompila l-proċessi tal-qorti jew dokumenti oħra mgħarrqa jew mitlufa bl-iktar mod komplet possibbli.".

Żieda ta' l-artikoli 563A u 563B ġodda mal-liġi prinċipali.

217. Dawn l-artikoli ġodda li ġejjin għandhom jiżdiedu wara l-artikolu 563 tal-liġi prinċipali:—

"Ammissibilità ta' opinjoni ta' espert *ex parte* u meta tingħata ċertu opinjoni minn nies mhux esperti.

563A. (1) Meta persuna tissejjaħ bħala xhud, l-opinjoni tagħha fuq kull kwistjoni rilevanti li dwarha hi kwalifikata tagħti xiehda bħala espert, għandha tintlaqa' bħala xiehda biss jekk, fil-fehma tal-qorti, dik il-persuna jkollha l-kwalifiki meħtieġa dwar dik il-kwistjoni.

(2) Meta persuna tissejjaħ bħala xhud, dikjarazzjoni ta' opinjoni li ssir minnha fuq kull kwistjoni rilevanti li dwarha mhijiex kwalifikata tagħti xiehda bħala espert, jekk din ix-xiehda tingħata b'mod li jingħadu fatti rilevanti li jkunu ġew konstatati personalment minnha, għandha tkun ammissibbli bħala prova ta' dak li dik il-persuna tkun hemm ikkonstatat.

(3) L-opinjoni mogħtija minn persuna skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 681 u għas-setgħa tal-qorti li taħtar perit skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 646.

Xiehda dwar dritt barrani.

563B. (1) Min ikollu l-kwalifiki meħtieġa minħabba f'li jaf jew minħabba l-esperjenza tiegħu jkun jista' jagħti xiehda ta' espert dwar id-dritt ta' xi stat barrani, irrispettivament minn jekk huwa qatt ipprattikax jew kellu dritt jipprattika bħala avukat, jew bħala uffiċjal ġudizzjarju jew legali f'dak l-istat.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 563A għandhom *mutatis mutandis* jgħoddu għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.".

Emenda ta' l-artikolu 566 tal-liġi prinċipali.

218. Fit-test Ingliż tal-proviso (b) li hemm mas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 566 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "tending to criminate" għandhom jidħlu l-kliem "tending to incriminate".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 572 tal-liġi prinċipali.

219. Minflok l-artikolu 572 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Żmien għad-dehra tax-xhud.

572. Xhud għandu jidher fil-qorti fil-jum u ħin stabbilit fit-taħrika sakemm huwa jkun ġie notifikat bl-imsemmija taħrika erbat ijiem qabel dak il-jum, liema żmien jibda għaddej mid-data tan-notifika tat-taħrika:

Iżda wkoll il-qorti tista', f'każijiet urġenti, tordna lil xhud sabiex dan jidher quddiemha minn jum għall-ieħor, jew minn siegħa għall-oħra, jew ukoll f'dak l-intervall ta' żmien li jista' jkun meħtieġ sabiex hu jidher quddiem il-qorti.".

Żieda ta' l-artikolu 573A ġdid mal-liġi prinċipali.

220. Minnufih wara l-artikolu 573 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Meta persuna oħra tagħti xiehda minflok il-persuna mħarrka.

573A. Kull uffiċjal jew impjegat ta' dipartiment tal-Gvern jew kull uffiċjal jew impjegat ieħor ta' xi korp li għandu personalità ġuridika distinta jista' jkun awtorizzat mill-persuna mħarrka biex jagħti xiehda minflokha dwar kull ħaġa li hu jkun jinsab iktar mgħarraf dwarha u li jkollha x'taqsam ma' l-imsemmi dipartiment jew korp u li dwarha l-persuna l-ewwel imħarrka kienet mitluba sabiex tixhed:

Iżda l-persuna mħarrka għandha tagħti dik ix-xiehda hi nnifisha jekk hekk jingħad fit-taħrika.".

Emenda ta' l-artikolu 588 tal-liġi prinċipali.

221. L-artikolu 588 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (3) tiegħu; u

(b) għandu jiżdied dan is-subartikolu (2) ġdid li ġej:—

"(2) Ħlief bl-ordni tal-qorti, ebda *accountant,* tabib jew *marriage counsellor* ma jista' jiġi mistoqsi fuq ħwejjeġ li jkun sar jaf mill-klijent tiegħu taħt sigriet professjonali jew li seta' sar jaf bihom fil-kapaċità professjonali tiegħu.".

Emenda ta' l-artikolu 590 tal-liġi prinċipali.

222. Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 590 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:—

"(2) Ebda xhud ma jista' jkun imġiegħel jikxef ħwejjeġ li jkun sar jaf minn jew dwar xi dokument li jkun ta', jew fil-pussess ta', xi dipartiment ċivili, militari, navali jew tal-forzi ta' l-ajru tas-servizz pubbliku u li hu dokument privileġġat skond l-artikolu 637.".

Emenda ta' l-artikolu 596 tal-liġi prinċipali.

223. L-artikolu 596 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) minflok is-subartikolu (1) għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:—

"(1) Jekk il-qorti ma tkunx tifhem l-ilsien li bih tingħata x-xiehda, hija taħtar interpretu kwalifikat bi spejjeż provviżorji tal-parti li ġġib ix-xhud.";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "L-interpretu uffiċjali," għandhom jidħlu l-kliem "L-interpretu,"; u

(ċ) fin-nota marġinali li hemm għas-subartikolu (2) tiegħu l-kelma "uffiċjali" għandha titħassar.

Emenda ta' l-artikolu 606 tal-liġi prinċipali.

224. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 606 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "issir b'ċitazzjoni jew b'rikors, iżda, f'dan l-aħħar każ," għandhom jidħlu l-kliem "issir b'rikors u".

Emenda ta' l-artikolu 607 tal-liġi prinċipali.

225. Fit-test Ingliż ta' l-artikolu 607 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "take down" għandha tidħol il-kelma "record".

Emenda ta' l-artikolu 610 tal-liġi prinċipali.

226. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 610 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "quddiem il-qrati superjuri bħala qrati ta' l-ewwel grad," għandhom jidħlu l-kliem "quddiem il-Qorti Ċivili, Prim' Awla,".

Emenda ta' l-artikolu 611 tal-liġi prinċipali.

227. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 611 tal-liġi prinċipali l-kliem "jew, jekk il-qorti tkun tikkonsisti f'iżjed minn maġistrat wieħed, minn wieħed minnhom," għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 613 tal-liġi prinċipali.

228. Fl-artikolu 613 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem, "u tissospendi l-kawża." għandhom jidħlu l-kliem "tista' tissospendi l-kawża wara li tkun imxiet skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 158 u tiddifferixxi l-kawża għal dak iż-żmien li matulu dik ix-xiehda tkun tista' tinkiseb.".

Emenda ta' l-artikolu 614 tal-liġi prinċipali.

229. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 614 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) minflok il-kliem "b'ċitazzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "b'rikors"; u

(b) minflok il-kliem "il-parti li titlob is-smiegħ ta' dan ix-xhud, meta tagħmel it-talba għaldaqshekk fil-qorti bil-miftuħ għandha ġġib" għandhom jidħlu l-kliem "il-parti li titlob is-smiegħ ta' dan ix-xhud għandha ġġib"; u

(ċ) minflok il-kliem "l-isem tal-persuna" għandhom jidħlu l-kliem "l-isem u l-indirizz tal-persuna".

Emenda ta' l-artikolu 616 tal-liġi prinċipali.

230. Fl-artikolu 616 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "l-isem ta' din il-persuna" għandhom jidħlu l-kliem "l-isem u l-indirizz ta' din il-persuna".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 617 tal-liġi prinċipali.

231. Minflok l-artikolu 617 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Il-parti kuntrarja għandha jedd li tara l-mistoqsijiet.

617. Għandha tiġi notifikata lill-parti l-oħra jew lill-avukat tagħha kopja tal-mistoqsijiet imniżżlin bil-miktub.".

Emenda ta' l-artikolu 619 tal-liġi prinċipali.

232. Fl-artikolu 619 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "lill-Prim Ministru" għandom jidħlu l-kliem "lill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja".

Emenda ta' l-artikolu 622 tal-liġi prinċipali.

233. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 622 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "lill-Prim Ministru" għandhom jidħlu l-kliem "lill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja".

Zieda ta' l-artikolu 622A ġdid mal-liġi prinċipali.

234. Minnufih wara l-artikolu 622 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Xiehda b'affidavit ta' xhud li joqgħod barra minn Malta.

622A. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 613 sa 622, meta tkun tenħtieġ tinstama' x-xiehda ta' xhud li jkun jinsab barra minn Malta, u dik il-persuna tkun għamlet affidavit dwar fatti li tkun taf bihom quddiem xi awtorità jew persuna oħra li jkollha jedd f'dak il-pajjiż fejn ikun joqgħod ix-xhud li tagħti ġuramenti, jew quddiem uffiċjal konsulari ta' Malta li jkun qed jaqdi dmirijietu fil-pajjiż fejn ikun joqgħod ix-xhud, dak l-affidavit kif debitament awtentikat ikun jista' jinġieb bi prova quddiem qorti f'Malta; u d-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 623,624 u 625 għandhom ikunu jgħoddu għal kull affidavit bħal dak.

(2) L-affidavit li jsir b'dak il-mod għandu jiġi notifikat lill-parti jew lill-partijiet l-oħra, u kull parti fil-kawża li tkun tixtieq tagħmel kontro-eżami ta' dak ix-xhud għandha tagħmel rikors quddiem il-qorti sabiex hija teżamina lil dak ix-xhud permezz ta' ittri rogatorji mhux aktar tard minn għoxrin jum minn notifika ta' l-affidavit; u d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi dwar ittri rogatorji għandhom ikunu hekk jgħoddu *mutatis mutandis*.

(3) Jekk ma jsirx rikors kif imsemmi qabel, ma għandux jitħalla li jsir kontro-eżami tax-xhud sakemm ma tkunx il-qorti nnifisha li tordna li jsir dan għal raġuni valida; u dak l-affidavit għandu jitqies minkejja n-nuqqas ta' kontro-eżami.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, jekk il-partijiet jaqblu, il-qorti tista', jekk jidhrilha xieraq tagħti provvedimenti oħra dwar kif għandu jitmexxa l-kontro-eżami skond kif jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi.".

Emenda ta' l-artikolu 623 tal-liġi prinċipali.

235. Fl-artikolu 623 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "il-qorti tista'" għandhom jidħlu l-kliem "il-qorti tista', minn jeddha jew".

Emenda ta' l-artikolu 624 tal-liġi prinċipali.

236. Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 624 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:—

"(2) Din ix-xiehda tista' wkoll tinġieb, sew fil-qorti ta' l-ewwel grad kemm fil-qorti fil-grad ta' appell, meta l-kawża li fiha dik ix-xiehda tkun ġiet ordnata, tkun intemmet u mbagħad tkun reġgħet infetħet mill-ġdid skond il-liġi.".

Emenda ta' l-artikolu 627 tal-liġi prinċipali.

237. L-artikolu 627 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) minflok il-paragrafu (d) tiegħu għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:—

"(d) l-atti tal-Gvern ta' Malta, stampati bl-awtorità tal-Gvern u ppubblikati regolarment;"; u

(b) minflok il-paragrafu (f) tiegħu għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:—

"(f) iċ-ċertifikati maħruġin mill-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku u mir-Reġistratur ta' l-Artijiet;".

Emenda ta' l-artikolu 634 tal-liġi prinċipali.

238. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 634 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "minn avukat jew minn nutar" u "l-avukat jew in-nutar" għandhom jidħlu l-kliem "minn avukat, nutar jew prokuratur legali" u "l-avukat, in-nutar jew il-prokuratur legali".

Emenda ta' l-artikolu 637 tal-liġi prinċipali.

239. L-artikolu 637 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) minflok is-subartikolu (3) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:—

"(3) Ma tistax tintalab l-esibizzjoni ta' dokument privileġġat li jagħmel sehem minn korrispondenza ta' dipartiment tas-servizz ċivili, militari, navali jew tal-forzi ta' l-ajru, jew ta' rapport ta' dak id-dipartiment.";

(b) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (5) tiegħu;

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:—

"(4) Għall-finijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, dokument jissejjah dokument privileġġat meta —

(a) jekk dak li jkun fih id-dokument isir magħruf imur kontra l-interess pubbliku minħabba li dak il-kxif —

(i) jikkaġuna, jew raġonevolment ikun mistenni li jikkaġuna ħsara —

(a) lis-sigurtà ta' Malta;

(b) lid-difiża ta' Malta; jew

(ċ) fir-relazzjonijiet internazzjonali ta' Malta; jew

(ii) jikxef tagħrif jew ħwejjeġ oħra konfidenzjali mgħoddija minn jew f'isem gvern barrani, minn awtorità ta' gvern barrani jew minn organizzazzjoni internazzjonali lill-Gvern ta' Malta;

(b) jkun dokument tal-Kabinett, jiġifieri —

(i) dokument li jkun tqiegħed quddiem il-Kabinett għall-kunsiderazzjoni tiegħu jew li jkun propost minn Ministru sabiex hekk jitqiegħed quddiem il-Kabinett, u jkun dokument maħsub sabiex jitqiegħed għall-kunsiderazzjoni tal-Kabinett;

(ii) dokument uffiċjali tal-Kabinett;

(iii) dokument li jkun kopja ta' dokument imsemmi fis-sub-paragrafi (i) u (ii) ta' dan il-paragrafu, jew li jkun kopja ta' parti mid-dokument imsemmi, jew li jkun fih estratt minn dokument imsemmi; jew

(iv) dokument li jekk dak li jkun fih isir magħruf tinkixef diskussjoni jew deċiżjoni tal-Kabinett, li ma jkunx dokument li permezz tiegħu tkun ġiet pubblikata deċiżjoni tal-Kabinett;

(ċ) jkun dokument li jikxef ħwejjeġ li huma ta' jew li għandhom x'jaqsmu ma' fehma, parir jew rakkomandazzjoni miksubin, imħejjijin jew reġistrati, jew konsultazzjoni jew diskussjoni li jkunu saru matul jew għall-finijiet tal-proċessi deliberattivi involuti fil-funzjonijiet ta' Ministeru, dipartiment tal-Gvern, awtorità, korporazzjoni jew enti parastatali;

(d) jkun dokument li jista' jew li raġonevolment ikun mistenni li jista':—

(i) jippreġudika t-tmexxija ta' investigazzjoni dwar ksur, jew il-possibilità ta' ksur, tal-liġi, jew jippreġudika it-twettiq jew l-amministrazzjoni sewwa tal-liġi f'każ partikolari;

(ii) jikxef, jew iqiegħed persuna f'pożizzjoni li ssir taf bl-eżistenza jew bl-identità ta' għajn ta' tagħrif konfidenzjali; jew

(iii) jipperikola l-ħajja jew is-sigurtà ta' persuna;

(e) jkun dokument li jista' jew li raġonevolment ikun mistenni li jista' —

(i) jippreġudika s-smiegħ xieraq fil-proċess ta' xi persuna jew l-aġġudikazzjoni imparzjali f'xi każ partikolari;

(ii) jikxef metodi jew proċeduri leġittimi għall-prevenzjoni, il-kxif, l-investigazzjoni jew li jkollhom x'jaqsmu ma' ħwejjeġ li joħorġu minn, ksur jew evażjoni tal-liġi, u li l-kxif tagħhom jippreġudika jew ikun raġonevolment mistenni li jippreġudika l-effikaċja ta' dawk il-metodi jew proċeduri; jew

(iii) jippreġudika iż-żamma jew it-twettiq ta' metodi leġittimi għall-protezzjoni ta' sigurtà pubblika;

(f) jkun hemm fis-seħħ liġi li jkollha x'taqsam ma' tagħrif ta' dik ix-xorta li jkun jinsab fid-dokument u li jipprojbixxi lill-persuni msemmija fil-liġi milli jikxfu tagħrif ta' dik ix-xorta."; u

(d) minnufih wara s-subartikolu (5) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:—

"(6) Meta l-Prim Ministru jkun sodisfatt li l-kxif ta' l-eżistenza jew il-kontenut ta' xi dokument imsemmi fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu imur kontra l-interess pubbliku għal xi raġuni hemm imsemmija, huwa jista' jiffirma ċertifikat għal dak il-għan li fih jispeċifika x'inhi dik ir-raġuni, u dak iċ-ċertifikat, sakemm dak jibqa' jseħħ, jistabbilixxi b'mod konklusiv li dak id-dokument ikun dokument privileġġat, u meta jiġi ppreżentat dak iċ-ċertifikat dan ikun jikkostitwixxi prova finali u konklusiva li d-dokument ikun ta' dik ix-xorta msemmija fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu u li jkun dokument privileġġat skond is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, u ebda qorti ma jkollha l-ġurisdizzjoni dwaru.".

Emenda ta' l-artikolu 640 tal-liġi prinċipali.

240. Fl-artikolu 640 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "b'ċitazzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "b'rikors".

Emenda ta' l-artikolu 644 tal-liġi prinċipali.

241. Fl-artikolu 644 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "bil-mezz ta' periti" għandhom jidħlu l-kliem "bil-mezz ta' perit jew periti".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 645 tal-liġi prinċipali.

242. Minflok l-artikolu 645 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"X'għandu jkun fih id-digriet li bih jinħatru l-periti.

645. (1) Il-qorti ma għandhiex taħtar perit biss bil-għan li jisma' x-xhieda bil-ġurament u jniżżel ix-xiehda tagħhom bil-miktub u jistabbilixxi l-fatti rilevanti.

(2) Fid-digriet li bih jinħatar il-perit, il-qorti għandha —

(a) tfisser l-iskop tal-perizja;

(b) tiffissa l-ġurnata u l-ħin ta' l-aċċess tal-perit fuq il-lok meta jkun meħtieġ;

(ċ) tagħti direzzjonijiet lill-perit sabiex jagħraf jimxi fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tiegħu.

(3) Il-Qorti tista' f'kull żmien, fuq talba tar-reġistratur jew minn jeddha, tordna lill-perit li jirritorna l-atti tal-kawża fil-pussess tiegħu lir-reġistratur u li jibqgħu hemmhekk għaż-żmien stabbilit f'dak l-ordni. Fil-każ li huwa

ma jikkonformax ruħu ma' l-ordni tal-qorti, u mingħajr preġudizzju għal kull proċediment ieħor li jista' jsir kontriħ, il-perit ikun ħati ta' disprezz lejn l-awtorità tal-qorti.

(4) Il-qorti tista' tordna lill-perit sabiex jattendi għas-smiegħ tal-kawża u li jistaqsi lix-xhieda dawk il-mistoqsijiet li jidhrulu bħala meħtieġa jew rilevanti sabiex jikkonkludi r-rapport tiegħu.

(5) Meta jiġu preżentati affidavits fir-reġistru tal-qorti, il-perit għandu jiġi notifikat b'kopja ta' dawk l-affidavits qabel is-smiegħ.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 646 tal-liġi prinċipali.

243. Minflok l-artikolu 646 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Ħatra ta' perit.

646. (1) Meta l-partijiet jiftehmu li jipproponu l-isem ta' perit, il-qorti taħtar il-perit li fuqu jkunu ftehmu l-partijiet.

(2) Meta l-partijiet ma jiftehmux, il-qorti taħtar perit ta' l-għażla tagħha.".

Emenda ta' l-artikolu 647 tal-liġi prinċipali.

244. Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 647 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Ir-reġistratur għandu jżomm reġistrat kull ħatra ta' perit magħmula mill-qorti, bil-ġurnata li fiha l-perit jiġi maħtur u dik li fiha huwa jippreżenta r-rapport tiegħu.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 648 tal-liġi prinċipali.

245. Minflok l-artikolu 648 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Raġuni tajba għar-rikuża ta' perit.

648. Jista' jiġi rikużat perit minn kull waħda mill-partijiet meta tintwera raġuni tajba lill-qorti.".

Tħassir ta' l-artikoli 649, 650, 651 u 652 tal-liġi prinċipali.

246. L-artikoli 649, 650, 651 u 652 tal-liġi prinċipali għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 653 tal-liġi prinċipali.

247. L-artikolu 653 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem minn "Il-periti" sa "tirrikużahom" għandhom jidħlu l-kliem "Il-perit jista' jiġi rikużat għal raġuni tajba, f'kull żmien, sakemm ma jkunx ta r-rapport tiegħu, kemm-il darba l-parti li tirrikużah"; u

(b) minflok il-kliem minn "quddiem il-periti" sa "att quddiemhom," għandhom jidħlu l-kliem "quddiem il-perit u lanqas ma għamlet ebda att quddiemu,".

Emenda ta' l-artikolu 655 tal-liġi prinċipali.

248. Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 655 tal-liġi prinċipali, il-kliem ", li jiġi propost mir-rikużant" għandhom jitħassru.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 656 tal-liġi prinċipali.

249. Minflok l-artikolu 656 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Notifika lill-perit bid-digriet tal-ħatra tiegħu.

656. Id-digriet li jordna l-perizja għandu jiġi notifikat b'ordni tal-qorti lill-perit.".

Emenda ta' l-artikolu 662 tal-liġi prinċipali.

250. Fl-artikolu 662 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "jitolbu żmien aktar" għandhom jidħlu l-kliem "jitolbu żmien aktar b'dan iżda li l-qorti tista' għal raġunijiet tajbin u suffiċjenti, li għandhom jiġu mniżżlin, tagħti perjodu jew perjodi oħra ta' aktar żmien.".

Emenda ta' l-artikolu 665 tal-liġi prinċipali.

251. L-artikolu 665 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar; u

(b) is-subartikoli (3), (4), (5) u (6) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (2), (3), (4) u (5) tiegħu;

(ċ) minflok is-subartikolu (4) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Ir-rapport għandu jiġi ffirmat mill-perit jew mill-periti skond il-każ kemm-il darba l-Qorti ma tipprovdix li jsir mod ieħor.".

Emenda ta' l-artikolu 666 tal-liġi prinċipali.

252. Minflok is-subartikoli (1) u (2) ta' l-artikolu 666 tal-liġi prinċipali għandhom jidħlu dawn is-subartikoli li ġejjin:—

"(1) Qabel il-jum mogħti għall-pubblikazzjoni tar-rapport, jew dak in-nhar stess, iżda qabel ma tissejjaħ il-kawża, il-perit għandu jippreżenta r-rapport miftuħ lir-reġistratur sabiex dan jintaxxa d-dritt tiegħu fuq it-Tariffi fl-Iskeda A li hawn ma' dan il-Kodiċi.

(2) Il-perit, bla ħsara ta' fejn il-liġi tgħid xort'oħra, ma huwiex obbligat li jippubblika r-rapport tiegħu sakemm id-dritt intaxxat mir-reġistratur ma jkunx ġie mħallas lilu jew imqiegħed f'idejn ir-reġistratur; u r-reġistratur ma jista' jikkomunika lil ħadd ebda parti tar-rapport, sakemm ma jkunx sar il-ħlas jew id-depożitu fuq imsemmi, taħt piena li jħallas lill-perit id-dritt li jmiss lilu.".

Emenda ta' l-artikolu 667 tal-liġi prinċipali.

253. Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 667 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "b'ċitazzjoni." għandhom jidħlu l-kliem "b'rikors u għandu jinstama' mill-qorti b'mod sommarju.".

Emenda ta' l-artikolu 668 tal-liġi prinċipali.

254. Fis-subartikoli (1) u (2) ta' l-artikolu 668 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "tal-periti" kull fejn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "tal-perit".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 669 tal-liġi prinċipali.

255. Minflok l-artikolu 669 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Il-qorti tista' tordna d-depożitu tad-dritt tal-perit.

669. Il-qorti tista', fid-digriet li bih taħtar lill-perit jew f'kull żmien qabel ma l-perit jippreżenta r-rapport tiegħu lir-reġistratur, tordna lill-parti li jmissha provviżorjament tħallas id-dritt, biex tqiegħed f'idejn ir-reġistratur, fiż-żmien li jiġi mogħti mill-istess qorti, somma illi, fil-fehma tal-qorti, tkun bejn wieħed u ieħor daqs id-dritt li jista' jmiss lill-perit.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 670 tal-liġi prinċipali.

256. Minflok l-artikolu 670 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Każijiet li fihom il-qorti tista' tiddeċiedi l-kawża mingħajr il-perizja.

670. Il-qorti tista' tiddeċiedi l-kawża mingħajr il-perizja jew indipendentement mill-provi miġjuba quddiem il-perit —

(a) meta l-perizja ma ssirx fiż-żmien mogħti l-ewwel darba jew kif imġedded, bi ħtija tal-parti li fl-interess tagħha l-perizja tkun ġiet ordnata; jew

(b) meta ma jkunx ġie mħallas jew iddepożitat id-dritt intaxxat lill-perit skond l-artikolu 666; jew

(ċ) meta ma jsirx id-depożitu msemmi fl-aħħar artikolu qabel dan.".

Emenda ta' l-artikolu 671 tal-liġi prinċipali.

257. L-artikolu 671 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem ", u jekk il-periti jkunu iżjed minn wieħed, għandhom jedd jaqsmu bejniethom dak is-sehem" għandhom jitħassru;

(b) fil-proviso li hemm mas-subartikolu (1) il-kliem ", u jekk il-periti jkunu iżjed minn wieħed għandhom jedd jieħdu u jaqsmu wkoll bejniethom," għandhom jitħassru;

(ċ) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:—

"(2) Jekk iż-żewġ partijiet ikunu ġew mogħtija l-benefiċċju ta' għajnuna legali, il-perit, meta jkun tal-klassi msemmija fl-artikolu 658, għandu jippubblika r-rapport tiegħu, ukoll jekk ma jkunx tħallas tad-dritt; u fil-każ ta' periti oħra, id-dritt għandu jitħallas mill-Gvern.".

Emenda ta' l-artikolu 672 tal-liġi prinċipali.

258. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 672 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem minn "il-periti għandhom jidhru" sa tmiem is-subartikolu, għandhom jidħlu l-kliem "il-perit għandu jidher il-qorti biex jaqra fil-pubbliku u jwettqu bil-ġurament, jekk ma jkunx mill-qorti ġie dispensat milli jidher.".

Emenda ta' l-artikolu 673 tal-liġi prinċipali.

259. Fl-artikolu 673 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "Il-qorti meta jidhrilha li hu meħtieġ, tagħti żmien" għandhom jidħlu l-kliem "Il-qorti għandha tagħti żmien".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 674 tal-liġi prinċipali.

260. Minflok l-artikolu 674 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Periti addizzjonali.

674. (1) Il-qorti, b'talba ta' parti jew oħra, tista' tgħaddi għall-ħatra ta' periti addizzjonali li għandhom jagħmlu r-rapport tagħhom hekk kif jaslu għal deċiżjoni fuq il-perizja.

(2) Meta l-periti jaslu għall-konklużjonijiet tagħhom b'maġġoranza tal-voti, ir-rapport għandu jsemmi l-fatt li kien hemm membru li ma jaqbilx, f'hiex ma jaqbilx u għaliex.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu għandhom *mutatis mutandis* jgħoddu għal periti addizzjonali.".

Tħassir ta' l-artikolu 676 tal-liġi prinċipali.

261. L-artikolu 676 tal-liġi prinċipali għandu jitħassar.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 677 tal-liġi prinċipali.

262. Minflok l-artikolu 677 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Żmien għat-talba ta' periti a ldizzjonali.

677. (1) It-talba għall-ħatra ta' periti addizzjonali għandha ssir b'nota ppreżentata fi żmien għaxart ijiem.

(2) Dak iż-żmien jibda għaddej mid-data tal-pubblikazzjoni tar-rapport. Jekk il-periti jkunu ġew dispensati milli jattendu quddiem il-qorti skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 672, dak iż-żmien għandu jibda jgħaddi mid-data tal-wasla għand il-parti jew għand il-prokuratur legali tiegħu ta' avviż iffirmat mir-reġistratur li jgħid li r-rapport ikun ġie pubblikat.".

Emenda ta' l-artikolu 685 tal-liġi prinċipali.

263. Fl-artikolu 685 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "lill-perit" għandhom jidħlu l-kliem "lill-partijiet u lill-perit".

Tħassir ta' l-artikolu 687 tal-liġi prinċipali.

264. L-artikolu 687 tal-liġi prinċipali għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 696 tal-liġi prinċipali.

265. l-artikolu 696 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "fl-iskrittura, meta l-proċedura hija bil-mezz ta' libell, jew fiċ-ċitazzjoni, meta l-proċedura hija bil-mezz ta' ċitazzjoni." għandhom jidħlu l-kliem "fl-iskrittura li biha jinbdew il-proċedimenti."; u

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu l-kliem "fuq il-formula stabbilita," għandhom jitħassru.

266. L-artikolu 697 tal-liġi prinċipali għandu jiġi enumerat kif ġej:— Emenda ta' l-artikolu 697 tal-liġi prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu l-kliem ", meta l-proċedura hija bil-mezz ta' libell" għandhom jitħassru;

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar; u

(ċ) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu 697.

267. L-artikolu 698 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:— Emenda ta' l-artikolu 698 tal-liġi prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "Jekk il-parti, li tagħha tintalab is-subizzjoni," u "tippreżenta l-kapitoli," għandhom jidħlu l-kliem "Jekk il-parti, li tagħha tintalab is-subizzjoni," u l-kliem "tippreżenta kapitoli u dikjarazzjonijiet li għandhom jiġu formulati fl-affermattiv hekk li jkun jenħtiġielhom jingħataw risposta affermattiva,"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "il-kapitoli jitqiesu mistqarra" għandhom jidħlu l-kliem "il-kapitoli jitqiesu ammessi u aċċettati".

268. L-artikolu 699 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:— Emenda ta' l-artikolu 699 tal-liġi prinċipali.

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:—

"(1) Fil-qrati kollha ta' kompetenza ċivili, il-kapitoli jsiru bil-miktub."; u

(b) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jitħassar.

269. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 700 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "Il-kapitoli, meta miktuba," għandhom jidħlu l-kliem "Il-kapitoli". Emenda ta' l-artikolu 700 tal-liġi prinċipali.

270. L-artikolu 701 tal-liġi prinċipali għandu jitħassar. Tħassir ta' l-artikolu 701 tal-liġi prinċipali.

271. L-artikolu 702 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:— Emenda ta' l-artikolu 702 tal-liġi prinċipali.

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:—

"(1) Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, it-talba mill-attur għas-subizzjoni tal-konvenut issir fl-avviż imsemmi fl-artikolu 171.";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar;

(ċ) is-subartikoli (3) u (4) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (2) u (3) rispettivament;

(d) fil-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (3) tiegħu kif enumerat mill-ġdid minflok il-kliem "ħamsin lira Maltin" għandhom jidħlu l-kliem "mitejn u ħamsin lira Maltija"; u

(e) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (3) kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "il-Qorti tħalli l-kawża għal darb'oħra," għandhom jidħlu l-kliem "il-Qorti tħalli l-kawża għal darb'oħra li ma jkunx aktar tard minn ħmistax-il jum mid-data tas-seduta,".

Emenda ta' l-artikolu 704 tal-liġi prinċipali.

272. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 704 tal-liġi prinċipali, il-kliem ", inklużi l-qrati inferjuri, meta l-kapitoli jsiru bil-fomm" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 706 tal-liġi prinċipali.

273. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 706 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "skond ma jkun il-każ." għandhom jidħlu l-kliem "skond ma jkun il-każ; u dak id-digriet għandu jiġi notifikat lill-persuna jew persuni msejħa għas-subizzjoni. Il-parti li tkun qegħda titlob is-subizzjoni tal-parti l-oħra għandha tħallas għal dik in-notifika, salv kull dritt ta' ħlas lura ta' dawk l-ispejjeż skond kif il-qorti fl-aħħar taqsam l-ispejjeż.".

Emenda ta' l-artikolu 707 tal-liġi prinċipali.

274. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 707 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "jingħad f'dak l-artikolu." għandhom jidħlu l-kliem "jingħad f'dak l-artikolu; u dak id-digriet għandu jiġi notifikat lill-persuna jew persuni msejħa għas-subizzjoni. Il-parti li tkun qegħda titlob is-subizzjoni tal-parti l-oħra għandha tħallas għal dik in-notifika, salv kull dritt ta' ħlas lura ta' dawk l-ispejjeż skond kif il-qorti fl-aħħar tiddeċiedi.".

Emenda ta' l-artikolu 708 tal-liġi prinċipali.

275. Fl-artikolu 708 tal-liġi prinċipali l-kliem "jew minn wieħed mill-maġistrati jekk il-qorti tkun ikkostitwita b'iżjed minn maġistrat wieħed" għandhom jitħassru.

Tħassir ta' l-artikolu 710 tal-liġi prinċipali.

276. L-artikolu 710 tal-liġi prinċipali għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 712 tal-liġi prinċipali

277. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 712 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "li huma ammissibbli." għandhom jidħlu l-kliem "li huma ammissibbli; u jekk il-qorti tilqa' t-talba tal-parti kif imsemmi qabel, dak id-digriet għandu jiġi notifikat lill-persuna jew persuni msejħa għas-subizzjoni. Il-parti li tkun qegħda titlob is-subizzjoni tal-parti l-oħra għandha tħallas għal dik in-notifika, salv kull dritt ta' ħlas lura ta' dawk l-ispejjeż skond kif il-qorti fl-aħħar tiddeċiedi.".

Emenda ta' l-artikolu 727 tal-liġi prinċipali.

278. Fl-artikolu 727 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "mir-reġistratur tal-qorti rispettiva." għandhom jidħlu l-kliem "mir-reġistratur.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 728 tal-liġi prinċipali.

279. Minflok l-artikolu 728 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"Eċċezzjonijiet li jingħataw fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet jew fir-risposta.

728. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 731 fil-kawżi li jsiru b'ċitazzjoni jew b'rikors l-eċċezzjonijiet kollha sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu għandhom jingħataw fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet jew fir-risposta skond il-każ. Dawk l-eċċezzjonijiet li jolqtu l-meritu għandhom jingħataw bla ħsara ta' dawn l-eċċezzjonijiet dilatorji.

(2) Ebda eċċezzjoni oħra ma tista' tingħata f'waqt ieħor tal-kawża; b'dan li l-Qorti tista' meta jsirilha rikors mill-konvenut jew appellat tippermetti li jingħataw iktar eċċezzjonijiet, jekk din tkun sodisfatta li kien hemm raġunijiet validi l-għaliex ma jkunux ingħataw fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet jew fir-risposta.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 731 tal-liġi prinċipali.

280. Minflok l-artikolu 731 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Eċċezzjonijiet li jistgħu jingħataw f'kull waqt tal-proċedimenti.

731. Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 728 ma jgħoddux għal dawk l-eċċezzjonijiet li jistgħu b'dispożizzjoni espressa ta' dan il-Kodiċi jingħataw f'kull waqt tal-proċedimenti, jew għal eċċezzjonijiet li jinqalgħu waqt il-kawża.".

Emenda ta' l-artikolu 734 tal-liġi prinċipali.

281. L-artikolu 734 tal-liġi prinċipali għandu jiġi enumerat kif ġej:—

(a) l-artikolu kollu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu;

(b) fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "dwar il-kawża," għandhom jidħlu l-kliem "dwar il-kawża jew dwar kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha,";

(ċ) wara l-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) kif enumerat mill-ġdid għandhom jiżdiedu dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:—

"(f) jekk l-avukat jew prokuratur legali li jkun qed jidher quddiem imħallef ikun ibnu jew bintu stess, ir-raġel tiegħu jew il-mara tiegħu jew axxendent tiegħu;

(ġ) jekk l-imħallef jew ir-raġel tagħha jew il-mara tiegħu jkollhom kawża pendenti kontra xi waħda mill-partijiet fil-kawża jew ikun kreditur jew debitur ta' xi parti fil-kawża b'mod li jista' raġonevolment jagħti lok ta' suspett ta' interess dirett jew indirett li jista' jinfluwenza l-eżitu tal-kawża."; u

(d) dan is-subartikolu ġdid li ġej għandu jiżdied wara s-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid:

"(2) L-imħallef jista' jiġi rikużat jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod f'kawża meta l-kawża tkun ġa ġiet quddiemu u hu jkun tkellem fuq l-istess merti ta' dik il-kawża meta kien qed joqgħod bħala mħallef fis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili.".

Emenda ta' l-artikolu 740 tal-liġi prinċipali.

282. Fl-artikolu 740 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja." għandhom jidħlu l-kliem "Maġistrati tal-Qrati Inferjuri.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 742 tal-liġi prinċipali.

283. Minflok l-artikolu 742 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Persuni li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Ċivili ta' Malta.

742. (1) Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi espressament xort'oħra, il-Qrati Ċivili ta' Malta mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ, għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċieu l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taħt imsemmija:

(a) ċittadini ta' Malta, sakemm ma jkunux stabbilew id-domiċilju tagħhom band'oħra;

(b) kull persuna, sakemm jew għandha d-domiċilju tagħha jew tkun toqgħod jew tkun qegħda Malta;

(ċ) kull persuna, f'kawża dwar ħwejjeġ li qegħdin jew li jinsabu f'Malta;

(d) kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'Malta, iżda għall-kawżi biss li għandhom x'jaqsmu ma' dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta;

(e) kull persuna illi, għalkemm tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'pajjiż ieħor, tkun ftehmet li għandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f'Malta, jew tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi bilfors għandu jkollha effett f'Malta, kemm-il darba, f'kull każ, dik il-persuna tkun tinsab Malta;

(f) kull persuna, għal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur ċittadin ta' Malta jew persuna li tinsab Malta jew korp li jkollu personalità ġuridika distinta jew assoċjazzjoni ta' persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f'Malta, meta s-sentenza tista' tkun esegwita f'Malta;

(ġ) kull persuna li tkun b'mod espress jew taċitu volontarjament qagħdet jew qablet li toqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-qorti.

(2) Il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili mhijiex eskluża mill-fatt li qorti barranija tkun qegħda tittratta l-istess kawża jew kawża li għandha x'taqsam magħha. Meta qorti barranija jkollha ġurisdizzjoni konkorrenti, il-qrati jistgħu fid-diskrezzjoni tagħhom, jilliberaw lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju jew iwaqqfu l-proċedimenti f'każ li l-azzjoni, jekk titkompla Malta, tkun vessatorja, oppressiva jew inġusta għall-konvenut.

(3) Il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili mhijiex eskluża mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta' arbitraġġ bejn il-partijiet, sew jekk il-proċedimenti ta' arbitraġġ ikunu nbdew jew le, f'liema każ il-qorti, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi li tirregola l-arbitraġġ, għandha twaqqaf il-proċedimenti mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu u għas-setgħa li għandha l-qorti li tagħti kull ordni jew direttiva.

(4) Meta ssir talba minn persuna li tkun parti fi ftehim ta' arbitraġġ, il-qrati jistgħu joħorġu kull att kawtelatorju, f'liema każ, jekk dik il-parti tkun għadha ma ressqitx it-talba tagħha quddiem arbitru, it-termini stabbiliti f'dan il-Kodiċi li fihom għandha tinbeda l-azzjoni dwar it-talba għandhom ikunu ta' għoxrin jum mid-data tal-ħruġ ta' l-att kawtelatorju.

(5) Att kawtelatorju maħruġ skond ma hemm fis-subartikolu ta' qabel dan għandu jitneħħa:—

(a) jekk dik il-parti li jinħareġ kontriha tagħmel dak id-depożitu jew tagħti dik il-garanzija li tkun biżżejjed sabiex tiżgura d-drittijiet jew it-talbiet imsemmija fl-att; jew

(b) jekk min japplika jonqos milli jressaq it-talba tiegħu, sew quddiem l-arbitru jew quddiem il-qorti, fit-terminu imsemmi ta' għoxrin jum; jew

(ċ) meta jiskadi ż-żmien, oriġinali jew imġedded, ta' l-att partikolari skond dan il-Kodiċi; jew

(d) għal raġuni tajba, fuq rikors tad-debitur, kif il-qorti tista' tqis xieraq fiċ-ċirkostanzi.".

Żieda ta' artikolu 742A ġdid mal-liġi prinċipali.

284. Minnufih wara l-artikolu 742 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Ma jistgħux isiru proċedimenti kontra l-President ta' Malta.

742A. Ebda proċedimenti ċivili ma jistgħu jittieħdu kontra l-President ta' Malta dwar dak li jkun għamel fil-qadi tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħu.".

Emenda ta' l-artikolu 743 tal-liġi prinċipali.

285. L-artikolu 743 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "tal-Qrati Ċivili ta' Malta," għandhom jidħlu l-kliem "tal-qrati ta' kompetenza ċivili,"; u

(b) fin-nota marġinali tiegħu minflok il-kliem "tal-Qrati Ċivili ta' Malta" għandhom jidħlu l-kliem "tal-qrati ta' kompetenza ċivili."

Emenda ta' l-artikolu 745 tal-liġi prinċipali.

286. L-artikolu 745 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) minflok il-kliem "jew persuni morali," għandhom jidħlu l-kliem "jew kull korp ieħor li jkollu personalità ġuridika distinta,";

Amendment of section 616 of the principal law.

230. The words "the name of such person" in section 616 of the principal law shall be substituted by the words "the name and address of such person".

Substitution of section 617 of the principal law.

231. Section 617 of the principal law shall be substituted by the following new section:

"Interrogatories to be accessible to opposite party.

617. A copy of the interrogatories reduced into writing shall be served on the opposite party or on his advocate.".

Amendmentof section 619 of the principal law.

232. The words "the Prime Minister" in section 619 of the principal law shall be substituted by the words "the Minister responsible for justice".

Amendment of section 622 of the principal law.

233. The words "the Prime Minister" in subsection (2) of section 622 of the principal law shall be substituted by the words "the Minister responsible for justice".

Addition of new section 622A.

234. Immediately after section 622 of the principal law there shall be inserted the following new section:

"Evidence by affidavit of witness residing abroad.

622A (1) Notwithstanding the provisions of sections 613 to 622, where the evidence of a witness residing outside Malta is required, and such person has made an affidavit about facts within his knowledge before an authority or other person who is by the law of the country where the witness resides empowered to administer oaths, or before a consular officer of Malta serving in the country where the witness resides, such affidavit duly authenticated may be produced in evidence before a court in Malta: and the provisions of sections 623, 624 and 625 shall apply to such affidavits.

(2) The affidavit so obtained shall be served on the opposite party or parties, and any party to the proceedings desiring to cross-examine such a witness shall apply to the court for the examination of such witness by letters of request not later than twenty days from the service of the affidavit; and the provisions of this Code relative to letters of request shall apply with such modifications and adaptations as may be necessary.

(3) If no application is made as aforesaid no cross-examination of the witness shall be allowed unless the court for a good reason otherwise directs; and the affidavit shall be taken into consideration notwithstanding the absence of cross-examination.

(4) Notwithstanding the foregoing provisions of this section, if the parties agree, and the court deems it proper so to act, the court may make such other provisions concerning the conduct of the cross-examination as may be appropriate according to circumstances.".

Amendment of section 623 of the principal law.

235. The words "it shall be lawful for the court," in section 623 of the principal law shall be substituted by the words "it shall be lawful for the court of its own motion or".

Amendment of section 624 of the principal law.

236. Subsection (2) of section 624 of the principal law shall be substituted by the following new subsection:

"(2) If the cause in which the examination was ordered has terminated and has subsequently been re-instituted in terms of law, the examination may also be produced both before the court of first instance and before the appellate court.".

Amendment of section 627 of the principal law.

237. Section 627 of the principal law shall be amended as follows:

(a) paragraph (d) thereof shall be substituted by the following new paragraph:

"(d) the acts of the Government of Malta printed under the authority of the Government and duly published;"; and

(b) paragraph (f) shall be substituted by the following new paragraph:

"(f) the certificates issued from the Public Registry Office and the Land Registry;".

Amendment of section 634 of the principal law.

238. The words "advocate or a notary" and the words "advocate or notary" in subsection (2) of section 634 of the principal law shall be respectively substituted by the words "advocate, a notary or a legal procurator" and the words "advocate or notary or legal procurator".

Amendment of section 637 of the principal law.

239. Section 637 of the principal law shall be amended as follows:

(a) subsection (3) thereof shall be substituted by the following new subsection:

"(3) It shall not be lawful to demand the production of any exempt document which forms part of any correspondence of any civil, military, naval or air force department or of any report belonging to any such department.";

(b) subsection (4) thereof shall be renumbered as subsection (5) thereof;

(c) the following new subsection shall be added after subsection (3) thereof:—

"(4) For the purposes of subsection (3) of this section, a document is an exempt document if —

(a) disclosure of the document would be contrary to the public interest for the reason that the disclosure —

"Kontinwazzjoni tal-kawża mill-werriet preżuntiv jew minn kuraturi.

807. (1) Jekk ebda persuna ma tagħmel rikors fejn titlob li l-kawża titkompla f'isimha, minflok il-parti li tkun mietet, il-parti l-oħra tista', b'rikors, titlob li l-kawża tgħaddi fil-persuna tal-werriet jew werrieta preżuntivi tal-parti li tkun mietet, jekk ikunu magħrufa.

(2) Dak ir-rikors għandu b'ordni tal-Qorti jiġi notifikat lill-werriet preżuntiv jew werrieta preżuntivi li jkollhom żmien xahar li fih ikunu jridu jiddikjaraw jekk humiex bi ħsiebhom ikomplu l-kawża.

(3) Jekk ma ssirx dik id-dikjarazzjoni, l-Qorti għandha *ex officio* tgħaddi biex taħtar kuratur *ad litem* sabiex dan jirrappreżenta l-interessi tal-mejjet fil-kawża skond l-artikolu 809.

(4) Meta ma jkun magħruf ħadd li jista' jirrappreżenta l-mejjet, dak ir-rikors jista' jkun fih biss it-talba għall-ħatra ta' kuraturi biex ikomplu l-kawża.

(5) Il-kuratur għandu jieħu dawk il-passi kollha meħtieġa biex jidentifika u jsib fejn ikunu l-eredi preżuntivi tal-mejjet u meta dawn jiġu hekk identifikati u misjuba, l-kuratur għandu jitlob lill-qorti sabiex tinnotifikhom dwar il-kawża pendenti u l-Qorti għandha tordnalu jew tordnalhom jiddikjaraw fi żmien speċifikat jekk humiex lesti li jkomplu l-kawża.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 808 tal-liġi prinċipali.

296. Minflok l-artikolu 808 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"Il-kontumaċja ma ġġibx ir-rinunzja tal-werriet, eċċ. għall-wirt, eċċ.

808. In-nuqqas tad-dehra tal-werriet jew ta' l-esekutur sabiex jissokta l-kawża ma timplikax ir-rinunzja għall-wirt jew għall-esekutorija; u sew il-werriet kif ukoll l-esekutur, wara li jġib prova lill-qorti dwar it-titolu tiegħu, jista' f'kull żmien b'rikors jassumi it-tkomplija tal-kawża, u jwaqqaf l-effet tal-ħatra tal-kuraturi għall-proċeduri li jsiru wara. Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-kuraturi u lill-partijiet l-oħra fil-kawża li jistgħu jippreżentaw risposta għalih f'dak iż-żmien li l-qorti tistabbilixxi.".

Emenda ta' l-artikolu 809 tal-liġi prinċipali.

297. Fl-artikolu 809 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "lill-werriet preżuntiv, jekk ikun magħruf." għandhom jidħlu l-kliem "lill-werriet preżuntiv jew lill-werrieta preżuntivi, jekk ikunu magħrufin; u jekk ma jkunux magħrufin dawk il-bandi għandhom jiġu pubblikati darbtejn f'mill-inqas żewġ gazzetti ta' kuljum, b'intervall ta' ġimgħa bejn pubblikazzjoni u oħra, bi spejjez tar-rikorrent u mingħajr il-ħtieġa ta' ebda notifika.".

Żieda ta' l-artikolu ġdid 810A mal-liġi prinċipali.

298. Minnufih wara l-artikolu 810 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Bdil tal-partijiet minħabba f'raġunijiet oħra.

810A. Fil-każ ta' xi bdil ieħor tal-partijiet f'kawża għal raġuni oħra li ma tkunx il-mewt *pendente lite* ta' xi parti fil-kawża, min ikun jixtieq jidħol fil-kawża għandu jippreżenta rikors li fih jitlob awtorizzazzjoni sabiex jassumi l-atti tal-kawża flimkien ma' jew minflok dik il-parti li hekk għandha x'taqsam, u s-sentenza tkun ukoll torbot lil dik il-parti li tkun assumiet l-atti tal-kawża.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 814 tal-liġi prinċipali.

299. Minflok l-artikolu 814 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Il-qorti li quddiemha għandha ssir it-talba għar-ritrattazzjoni.

814. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-Sub-titolu II tat-Titolu II ta' It-Tielet Ktieb ta' dan il-Kodiċi, it-talba għar-ritrattazzjoni għandha ssir quddiem il-qorti li tkun tat is-sentenza attakkata, u jistgħu joqogħdu fiha l-istess imħallfin jew maġistrati.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 815 tal-liġi prinċipali.

300. Minflok l-artikolu 815 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Kif issir it-talba għar-ritrattazzjoni.

815. Fil-qrati superjuri u fil-qrati inferjuri it-talba għar-ritrattazzjoni, f'qorti ta' l-ewwel grad, għandha ssir b'ċitazzjoni, u quddiem il-qorti fi grad ta' appell, b'rikors; flimkien mal-preżentata tar-rikors għandha tingħata l-garanzija għall-ispejjeż skond l-artikolu 249.".

Emenda ta' l-artikolu 816 tal-liġi prinċipali.

301. L-artikolu 816 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "Fil-libell. fil-petizzjoni jew fiċ-ċitazzjoni," għandhom jidħlu l-kliem "Fiċ-ċitazzjoni jew fir-rikors,"; u

(b) minflok in-nota marġinali li hemm għandha tidħol din in-nota marġinali li ġejja:

"X'għandu jkun fihom iċ-ċitazzjoni jew ir-rikors.".

Tħassir ta' l-artikolu 817 tal-liġi prinċipali.

302. L-artikolu 817 tal-liġi prinċipali għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 818 tal-liġi prinċipali.

303. L-artikolu 818 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) id-dispożizzjoni preżenti għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tagħha; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:—

"(2) Ma tista' tintalab f'eba każ ritrattazzjoni wara li jgħaddu ħames snin minn meta tkun ingħatat l-ewwel sentenza.".

Emenda ta' l-artikolu 823 tal-liġi prinċipali.

304. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 823 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "b'ċitazzjoni," għandhom jidħlu l-kliem "b'rikors quddiem il-Qorti ta' l-Appell u b'ċitazzjoni quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad,".

Emenda ta' l-artikolu 827 tal-liġi prinċipali.

305. L-artikolu 827 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(1) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu li jiġi minnufih qabel dan ma għandhomx iseħħu:

(a) jekk is-sentenza li tagħha tintalab l-esekuzzjoni tista' tkun attakkata għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 811;

(b) f'każ ta' sentenza mogħtija fil-kontumaċja, jekk il-partijiet ma kienux kontumaċi skond il-liġi barranija;

(ċ) jekk is-sentenza fiha xi dispożizzjonijiet kuntrarji għall-ordni pubbliku jew għal-liġi pubblika interna ta' Malta.";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar; u

(ċ) is-subartikolu (3) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (2) tiegħu.

Emenda ta' l-artikolu 830 tal-liġi prinċipali.

306. L-artikolu 830 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "l-artikoli 870 u 888," għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 870", u minflok il-kliem "fir-reġistru proprju" għandhom jidħlu l-kliem "fir-reġistru proprju u minkejja li jkun sar depożitu jew ingħatat garanzija kif imsemmi qabel, it-termini stabbiliti f'dan it-Titolu fuq il-kreditur sabiex iressaq l-azzjoni tiegħu għandhom jibqgħu jgħoddu. Dawk it-termini għandhom jibdew għaddejjin minn meta jinħareġ l-att kawtelatorju, u n-nuqqas tal-kreditur li jagħmel kawża fit-termini mogħtija jagħti jedd lid-debitur li jiżbanka d-depożitu jew iħassar il-garanzija.";

(b) minflok il-kliem "Reġistratur tal-Qrati Superjuri" fis-subartikoli (4) u (5) tiegħu għandha tidħol il-kelma "reġistratur"; u

Att Nru. XVII ta' l-1991.

(ċ) is-subartikolu (3) miżjud mal-liġi prinċipali bis-saħħa ta' l-artikolu 82 ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 831 tal-liġi prinċipali.

307. L-artikolu 831 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:—

"(1) It-talba għall-ħruġ ta' xi wieħed mill-mandati hawn fuq imsemmija ssir b'rikors imħejji mir-rikorrent fuq il-formula stabbilita.";

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:—

"(2) Fir-rikors għandhom jiġu dikjarati bil-ġurament l-oriġini u x-xorta tal-kreditu jew pretensjoni li wieħed ikun irid iqiegħed fiż-żgur:

Iżda meta f'rikors wieħed ikun hemm iktar minn rikorrent wieħed li jkun qiegħed jitlob il-ħruġ ta' xi wieħed mill-atti kawtelatorji imsemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 830 kontra l-istess intimat, il-ġurament għandu jittieħed minn għall-inqas wieħed mir-rikorrenti.";

(ċ) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jitħassar; u

(d) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (4) tiegħu, u fil-proviso li hemm miegħu minflok il-kliem minn "bil-firma tar-reġistratur persunali," sa "jew maġistrat, skond il-każ," għandhom jidħlu l-kliem "bil-firma tar-reġistratur personalment wara li qabel ikun ġie awtorizzat verbalment jagħmel hekk mill-imħallef jew mill-maġistrat. F'dan il-każ, l-imħallef jew il-maġistrat għandu jżid il-firma tiegħu ma' dik tar-reġistratur minnufih malli jkun jista' biex jikkonferma li jkun ta l-awtorizzazzjoni verbali tiegħu imsemmija jew, jekk ma huwiex possibbli għar-reġistratur li jikseb dik l-awtorizzazzjoni verbali, ir-reġistratur għandu, taħt l-awtorità tiegħu, joħroġ dak il-mandat jew ordni bil-firma tiegħu, b'dan illi dak il-ħruġ għandu jiġi ratifikat mill-imħallef jew mill-maġistrat kemm jista' jkun malajr.".

Emenda ta' l-artikolu 832 tal-liġi prinċipali.

308. Fl-artikolu 832 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "is-somma tal-kreditu jew pretensjoni tiegħu," għandhom jidħlu l-kliem "is-somma tal-kreditu jew pretensjoni tiegħu, u jekk tkun ġiet preżentata kawża fil-qorti, dik it-talba tista' tispeċifika u tinkludi l-ispejjeż ġudizzjarji,".

Emenda ta' l-artikolu 833 tal-liġi prinċipali.

309. Fl-artikolu 833 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "mir-reġistratur tal-qorti rispettiva." għandhom jidħlu l-kliem "mir-reġistratur.".

Emenda ta' l-artikolu 835 tal-liġi prinċipali.

310. Fl-artikolu 835 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "għaxar liri." għandhom jidħlu l-kliem "mitt lira.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 836 tal-liġi prinċipali.

311. Minflok l-artikolu 836 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu li ġej:—

"Kontro-mandat.

836. (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-Qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun

saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

(a) li l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ;

(b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ ta' l-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;

(ċ) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ ta' l-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-Qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew

(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew

(e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed; jew

(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.

(2) Fil-każ maħsub fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-qorti għandha tara li l-att kawtelatorju ma jkunx għadu fis-seħħ u tagħti digriet li jgħid dan u fil-każijiet maħsubin fil-paragrafi (b) sa (f) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-Qorti għandha tisma' r-rikors bl-urġenza.

(3) Kopja tar-rikors għandha tiġi notifikata lil-persuna li tkun għamlet ir-rikors għall-ħruġ ta' l-att kawtelatorju u dan għandu mhux aktar tard mill-jum stabbilit għas-smiegħ tar-rikors jiddikjara permezz ta' nota x'inhuma r-raġunijiet tiegħu, jekk ikollu, għaliex dik it-talba ma għandhiex tintlaqa'. Fin-nuqqas ta' dik l-oppożizzjoni il-Qorti tgħaddi biex tilqa' t-talba.

(4) Wara li tisma' lill-partijiet, il-Qorti għandha b'digriet ieħor li jista' jingħata *in camera* jew tiċħad ir-rikors jew tilqa' t-talba fir-rikors taħt dawk il-kondizzjonijiet li tista' tqis xierqa.

(5) Ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u dan id-digriet ikun finali u irrevokabbli; u barra l-każ kontemplat fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ebda att kawtelatorju bħal dak ma jista' jinħareġ biex jiggarantixxi l-pretensjoni kontra l-persuna li kontriha l-att kawtelatorju

hekk revokat ikun inħareġ, kemm-il darba fir-rikors għall-ħruġ ta' dak l-att kawtelatorju bħal dak ir-rikorrent ma jiddikjarax li jkunu nqalgħu ċirkostanzi minn meta ġie revokat l-att kawtelatorju ta' qabel, li jiġġustifikaw il-ħruġ ta' att kawtelatorju ġdid bħal dak li jkun ġie revokat, u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom, ma' dan, japplikaw għal dak l-att kawtelatorju maħruġ mill-ġdid bis-saħħa ta' dak ir-rikors.

(6) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 831 għandhom jgħoddu għad-digriet maħruġ taħt il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(7) Minkejja li tiġi depożitata fir-reġistru tal-qorti garanzija xierqa sabiex tiġi sodisfatta t-talba tal-persuna li, fuq talba tagħha, l-att kawtelatorju jkun inħareġ, il-qorti li tkun ħarġet il-kontro-mandat taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu tkun għadha tista', fuq talba li ssir b'rikors minn persuna li jkollha interess, tinvestiga jekk l-att kawtelatorju relattiv setax isir jew le u l-qorti tista' wkoll tordna t-tnaqqis ta' l-ammont tal-garanzija depożitata jew tiddikjara l-att kawtelatorju kontra l-liġi, f'liema każ ta' l-aħħar għandha tordna li l-att kawtelatorju jiġi revokat.

(8) Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn ħames mitt lira Maltija u mhux iżjed minn tlett elef lira Maltija li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:

(a) jekk ir-rikorrent ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi;

(b) jekk, fuq it-talba tal-konvenut għat-tneħħija ta' l-att kawtelatorju, l-attur jonqos mill- jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ ta' l-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat;

(ċ) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapaċità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew;

(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.

(9) Fil-każijiet li jaqgħu taħt is-subartikolu ta' qabel dan, il-Qorti tista', meta ssirilha ċitazzjoni mill-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tiegħu jkun inħareġ il-mandat kawtelatorju sabiex iħallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setgħet ġarrbet bil-ħruġ tal-mandat, u f'kawżi bħal dawk il-Qorti għandha tara u tuza l-iskritturi tal-proċedimenti ta' l-att kawtelatorju u ta' kull proċediment ieħor li joħroġ jew jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi għandhom jitqiesu bħala prova ammissibbli għall-finijiet ta' din l-azzjoni.".

Emenda ta' l-artikolu 837 tal-liġi prinċipali.

312. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 837 tal-liġi prinċipali, il-kliem ", ta' inibizzjoni," għandhom jitħassru.

Żieda ta' l-artikolu 838A ġdid mal-liġi prinċipali.

313. Minnufih wara l-artikolu 838 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Garanzija għall-ħlas ta' penali, eċċ.

838A. Il-qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ ta' l-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju.".

Emenda ta' l-artikolu 843 tal-liġi prinċipali.

314. Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 843 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(1) Ir-rikorrent għandu jagħmel il-kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat fi żmien sitt ijiem mill-kunsinna ta' l-avviż ta' l-esekuzzjoni tal-mandat lir-rikorrent jew lill-avukat jew prokuratur legali lil-firma tiegħu tkun tidher fuq ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat jew fi żmien tnax il-jum wara l-ħruġ tal-mandat, skond liema data tiġi qabel.".

Emenda ta' l-artikolu 846 tal-liġi prinċipali.

315. L-artikolu 846 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fis-subartikolu (2) minflok il-kliem "tal-mandat, u" għandhom jidħlu l-kliem "tal-mandat jew fi żmien tnax-il jum wara l-ħruġ tal-mandat, skond liema data tiġi qabel, u"; u

(b) is-subartikoli (3) u (4) għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 847 tal-liġi prinċipali.

316. Dan il-proviso li ġej għandu jiżdied ma' l-artikolu 847 tal-liġi prinċipali:

"Iżda fil-każ ta' bastimenti, biċċiet oħra tal-baħar, inġenji ta' l-ajru, oġġetti li jitħassru jew assi li jiddeterjoraw oħra, il-Qorti tista', meta jsirilha rikors mill-attur f'kawża li tkun pendenti quddiem il-Qorti, tordna l-bejgħ ta' l-oġġetti *pendente lite* jekk il-Qorti jidhrilha wara li jsirilha rikors minn kreditur li d-debitur huwa fallut jew inkella li huwa improbabbli li ser ikompli fil-kummerċ u jżomm

dak l-oġġett. Sabiex il-Qorti tasal għall-konklużjoni tagħha hija għandha tqis iċ-ċirkostanzi kollha marbutin mal-każ magħduda x-xorta ta' pretensjoni ta' l-attur, l-eċċezzjonijiet miġjuba kontra din il-pretensjoni jekk ikun hemm, u dawk l-azzjonijiet l-oħra kollha meħuda mid-debitur biex jiżgura l-pretensjoni tiegħu, jew inkella sabiex iżomm sħiħ dak l-oġġett.".

Emenda ta' l-artikolu 849 tal-liġi prinċipali.

317. Fil-paragrafu (a) tal-proviso li tinsab ma' l-artikolu 849 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "jiġi notifikat lilu l-avviż" għandhom jidħlu l-kliem "jiġi notifikat lilu, jew lill-avukat jew prokuratur legali li l-firma tiegħu tkun tidher fuq ir-rikors, l-avviż".

Emenda ta' l-artikolu 850 tal-liġi prinċipali.

318. Fis-subartikolu (1) u (2) ta' l-artikolu 850 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "sitt xhur" għandha tidħol il-kelma "sena".

Sostituzzjoni ta' l-artikoli 855 sa 872 tal-liġi prinċipali.

319. Minflok l-artikoli 855 sa 872 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Skop tal-mandat.

855. Mandat ta' impediment tas-safar ta' bastiment jew biċċa oħra tal-baħar jista' jinħareġ biss biex jitqegħdu fiż-żgur dejn jew pretensjoni li bit-tluq tal-bastiment jew biċċa oħra tal-baħar jistgħu jiġu skartati.

X'għandu jkun fih il-mandat u n-notifika tiegħu.

856. Bis-saħħa tal-mandat ta' impediment tas-safar, il-marixxall jiġi ordnat li jżomm it-tluq ta' bastiment jew biċċa oħra tal-baħar, u li jagħti lill-Kontrollur tad-Dwana u lill-uffiċjal responsabbli għall-portijiet skond il-liġi kopja tal-mandat, u jordnalu li ma jagħtix il-karti tat-tluq ta' dak il-bastiment jew biċċa oħra tal-baħar, jew, jekk ikunu ġa nħarġu, li joħodhom lura.

Lil min għandu jiġi notifikat il-mandat.

857. Il-persuna li jkollha t-tluq tal-bastiment jew biċċa oħra tal-baħar miżmum jew il-kaptan jew persuna oħra li jkollha l-inkarigu tiegħu jew l-aġent tiegħu għandhom ukoll jiġu notifikati b'kopja tal-mandat.

Piena għal min ma jobdix l-ordni.

858. Fil-mandat għandu jkun hemm twissija lil kull min jiġi notifikat bih, li fil-każ li l-ordni jiġi miksur, dawk il-persuni jkunu ħatja ta' disprezz lejn l-awtorità tal-qorti.

Setgħat ta' l-uffiċjal esekutur.

859. Il-marixxall hu awtorizzat li jagħmel, suġġett għad-direttivi mogħtija mill-Qorti jew mir-reġistratur, dak kollu li jidhirlu meħtieġ sabiex il-mandat jiġi esegwit sewwa.

X'għandu jkun fiha t-talba.

860. Il-persuna li titlob il-ħruġ tal-mandat barra mid-dikjarazzjonijiet bil-ġurament meħtieġa taħt l-artikoli 831 u 832, għandha tiddikjara bil-ġurament li bit-tluq tal-bastiment jew biċċa oħra tal-baħar, il-pretensjoni tagħha tista' tiġi skartata.

Il-mandat jista' jintalab għall-kreditu mhux anqas minn Lm3,000.

861. Il-mandat jista' jintalab u jingħata biex jitqiegħdu fiż-żgur kreditu jew pretensjoni oħra ta' mhux anqas minn tlett elef lira Maltija, sew qabel kemm wara s-sentenza li biha l-kreditu jew il-pretensjoni jiġu kkanonizzati.

Mandat li jintalab wara li tiġi kkanonizzata l-pretensjoni.

862. Meta l-mandat jintalab wara li l-kreditu jew il-pretensjoni jiġu kkanonizzati b'sentenza, ir-rikorrent għandu, fir-rikors, imsemmi s-sentenza li biha jkunu ġew ikkanonizzati l-kreditu jew il-pretensjoni tiegħu, u għandu, minbarra d-dikjarazzjonijiet bil-ġurament imsemmija fl-artikoli 831, 832 u 860, iwettaq taħt l-istess ġurament illi s-sentenza ma ġiet esegwita xejn jew illi ma ġietx esegwita għal kollox.

Mandat *pendente lite*.

863. Meta l-mandat jintalab *pendente lite*, barra miċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikolu 860, ir-rikorrent għandu, taħt l-istess ġurament, ukoll jiddikjara il-fatt li hemm il-kawża miexja, filwaqt li jagħti d-dettalji meħtieġa dwar liema tkun sewwasew dik il-kawża.

Penali għal min jagħmel it-talba għall-mandat bil-qerq.

864. Jekk jinsab li l-mandat ġie miksub mir-rikorrent fuq talba magħmula bil-qerq, il-penali skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 836 ma għandhiex tkun anqas minn tlett elef lira.

Danni.

865. Fil-każijiet kollha li fihom mandat jiġi ddikjarat bħala li ġie miksub inġustament, il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-mandat tista' tiġi mġiegħa tħallas id-danni u l-imgħaxijiet u dan ikun b'żieda mal-penali msemmija skond l-artikoli 836 u 864.

Garanzija għall-ħlas tal-penali, eċċ.

866. Il-qorti tista', meta tinġieb raġuni tajba, fuq talba b'rikors magħmul mill-persuna li kontra l-bastiment tagħha jew biċċa oħra tal-baħar ikun ġie maħruġ il-mandat, il-kaptan, persuna oħra li jkollha l-inkarigu tiegħu, jew l-aġent, tordna lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat li ġġib, fiż-żmien li jiġi mogħti mill-qorti, garanzija tajba, f'ammont ta' mhux anqas minn tlett elef lira, għall-ħlas tal-penali, d-danni u l-imgħaxijiet, u, fin-nuqqas ta' dan, tħassar il-mandat.

Żmien li fih għandha tiġi ppreżentata t-talba għall-kanonizzazzjoni tal-kreditu.

867. Mandat maħruġ qabel il-kanonizzazzjoni tal-kreditu jew pretensjoni, ma jibqax iseħħ, jekk ir-rikorrent, fi żmien sitt ijiem mill-ħruġ tal-mandat, ma jippreżentax it-talba għall-kanonizzazzjoni tal-kreditu jew pretensjoni tiegħu. Barra minn dan, ir-rikorrent ikun responsabbli għad-danni u mgħaxijiet:

Iżda jekk il-persuna li l-bastiment tagħha jew biċċa oħra tal-baħar ikunu miżmuma mit-tluq, il-kaptan, persuna oħra li jkollha l-inkarigu tiegħu, jew l-aġent, tagħti, b'nota ppreżentata fir-reġistru, il-kunsens tagħha għal żmien itwal, il-mandat jibqa' jseħħ għaż-żmien hekk imġedded.

Mandat ma jispiċċax bid-depożitu jew garanzija.

868. (1) L-effett tal-mandat maħruġ sabiex jassigura l-esekuzzjoni ta' sentenza, ma jispiċċax bid-depożitu jew bil-garanzija msemmija fl-artikolu 830, iżda biss meta jsir il-ħlas, jew id-depożitu mhux kundizzjonat fil-qorti ħieles minn kull effett ta' mandat ta' sekwestru, ta' l-ammonti dovuti skond is-sentenza magħdudin l-imgħaxijiet u spejjeż tal-qorti.

(2) L-effett ta' dan il-mandat ma jispiċċax lanqas f'każijiet oħra, kemm-il darba, barra mid-depożitu jew mill-garanzija, ma jinħatarx mandatarju regolari jew prokuratur sabiex jirrappreżenta l-bastiment jew biċċa oħra tal-baħar fil-qorti.

Kemm idum iseħħ il-mandat.

869. (1) Mandat li l-effett tiegħu ma jkunx spiċċa għal raġunijiet oħra, jibqa' jseħħ għal sena li tibda għaddejja minn dak in-nhar li jinħareġ, kemm-il darba, f'dan iż-żmien, ma jiġix mogħti lir-rikorrent, fuq rikors tiegħu, it-tiġdid taż-żmien.

(2) It-tiġdid ta' dak iż-żmien jista' jingħata iżjed minn darba waħda, iżda ma jistax jingħata għal żmien itwal minn sena kull darba.

(3) Id-digriet li bih jingħata t-tiġdid taż-żmien għandu jkun fih imsemmi sa liema ġurnata l-mandat għandu jibqa' jseħħ.

(4) Id-digriet li bih jingħata t-tiġdid taż-żmien għandu jkun innotifikat lill-persuni msemmijin fl-artikoli 856 u 857.

(5) Ebda waħda mill-persuni hekk innotifikati ma tinkorri ebda responsabbiltà jekk, wara li jagħlaq iż-żmien hawn fuq imsemmi, oriġinali jew imġedded, u qabel ma jiġi lilha nnotifikat id-digriet tat-tiġdid taż-żmien, taġixxi bħallikieku l-mandat ma baqax iseħħ.

(6) In-nuqqas ta' talba għat-tiġdid taż-żmien, mhux ta' impediment għall-ħruġ ta' mandat ġdid.

Bastimenti li ma jistgħux jiġu miżmuma mis-safar.

870. (1) Ebda mandat ma jista' jiġi maħruġ kontra bastiment jew biċċa tal-baħar mikrijin għal kollox fis-servizz tal-Gvern ta' Malta, jew inkarigati mis-servizz tal-posta jew mill-Gvern ta' Malta jew minn gvern ieħor.

(2) Ebda mandat ma jista' jinħareġ kontra bastiment tal-gwerra.

(3) Mandat ta' impediment ta' bastiment jew biċċa oħra tal-baħar għandu, meta jsir rikors mill-Awtorità Marittima ta' Malta, jitħassar jekk il-qorti tkun sodisfatta li minħabba fix-xorta tal-merkanzija, tul jew *draught* tal-bastiment jew kull ċirkostanza oħra li tolqot is-sigurtà, navigazzjoni jew manuvrar fil-port, ikun jaqbel li l-bastiment jew biċċa oħra tal-baħar għandu jitlaq mill-port mingħajr dewmien.".

Emenda ta' l-artikolu 873 tal-liġi prinċipali.

32C. Minnufih wara s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 873 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(4) Jekk jiġi ppruvat permezz ta' rikors għas-sodisfazzjon tal-Qorti li wara l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni il-persuna inibita issoktat fix-xogħol jew ħatt bi ksur ta' l-ordni tal-Qorti, il-Qorti għandha, mingħajr preġudizzju dwar kull azzjoni lilha kompetenti, fuq talba tar-rikorrent, tikkundanna lill-persuna li kontriha jkun inħareġ il-mandat sabiex tirrimedja dak li ntgħamel bi ksur tiegħu u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrent li jagħmel dawk ix-xogħlijiet kollha rimedjali li l-Qorti tista' tordnalu jagħmel bi spejjeż tal-persuna inibita.

(5) Mandat ta inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur sabiex jiżgura flus dovuti lilu, jew kull pretensjoni oħra li tkun, li tammonta għal mhux anqas minn Lm4,000. L-iskop ta' dak il-mandat huwa sabiex iżomm persuna milli tbiegħ, tittrasferixxi jew tiddisponi *inter vivos* minn proprjetà b'titolu oneruż jew gratwitu: iżda dak il-mandat ma jgħoddx għall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta' proprjetà li jsir fuq xi ordni tal-qorti.

(6) Il-qorti m'għandhiex toħroġ mandat bħal dak jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet u li jekk dak il-mandat ma jinħariġx il-preġudizzju li jinħoloq ma jkollu ebda rimedju għalih:

Iżda meta l-mandat ikun maħsub li jinħareġ kontra awtorità tal-Gvern jew kontra awtorità stabbilita bil-Kostituzzjonijew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjal tagħha, dak il-mandat m'għandux jinħareġ jekk l-awtorità jew il-persuna li kontriha jintalab il-mandat tiddikjara fil-pubbliku quddiem il-qorti li dak li qed jintalab li jiġi miżmum ma jkunx fil-fatt maħsub li jsir.

(7) Il-Qorti tista' għall-ewwel toħroġ dak il-mandat għal żmien qasir taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li jidhrilha li jkunu jenħtieġu.

(8) Meta mandat jinibixxi l-bejgħ, trasferiment jew tneħħija oħra ta' proprjetà immobbli, r-rikors għandu jkun fih il-partikolaritajiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-persuna li jinħareġ kontriha u li huma meħtieġa mill-liġi dwar ir-reġistrazzjoni ta' trasferiment ta' ħaġa immobbli minn dik il-persuna fir-Reġistru Pubbliku. Meta l-mandat jirreferi għal immobbli speċifiċi, dawn għandhom jiġu deskritti fir-rikors bil-mod provdut fl-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku dwar noti ta' iskrizzjoni.

(9) Il-mandat imsemmi fis-subartikolu (8) għandu meta dan jinħareġ u bi spejjeż tar-rikorrent, jiġi notifikat mir-Reġistratur fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur ta' l-Artijiet li għandhom minnufih jiktbuh f'reġistri li jżommu għaldaqshekk. Dawn ir-reġistri għandu jkollhom indiċi u jkun jista' jarahom kulħadd. Dan il-mandat għandu jiġi notifikat ukoll lil kull min hekk jitniżżel għaldaqshekk mir-rikorrent.

(10) Malli ssir ir-reġistrazzjoni tal-mandat kif imsemmi fis-subartikolu (8) mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, kull bejgħ trasferiment jew tneħħija sussegwenti ta' ħwejjeġ immobbli li għalihom ikun jirreferi l-mandat ikun null u bla ebda effett.

(11) Mingħajr ebda preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 836, il-mandat imsemmi fis-subartikolu (8) għandu, kemm-il darba ma jiġix revokat jew ma jibqax iseħħ aktar fi żmien qabel, jibqa' jseħħ għal żmien sitt xhur minn meta tingħata s-sentenza finali favur il-kreditur fil-kawża tiegħu biex jiġbor lura d-debitu jew il-pretensjoni msemmija fis-subartikolu (5); iżda l-qorti tista', wara li jsirilha rikors minn min ikun qed jitlob il-ħruġ tal-mandat f'dak iż-żmien ta' sitt xhur, iġġedded il-validità tal-mandat b'perijodu wieħed ieħor ta' sitt xhur. Għandu jiġi notifikat avviż ta' dak it-tiġdid, bi spejjeż tar-rikorrent, fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa mir-Reġistratur lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur ta' l-Artijiet.".

Enumerazzjoni mill-ġdid ta' l-artikolu 875A tal-liġi prinċipali.

321. L-artikolu 875A tal-liġi prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu 876.

Żieda ta' artikolu 877 ġdid mal-liġi prinċipali.

322. Minnufih wara l-artikolu 876 kif enumerat mill-ġdid tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Mandat biex iwaqqaf persuna milli tieħu persuna ta' taħt l-età barra minn Malta.

877. (1) Mandat ta' inibizzjoni jista' wkoll jinħareġ biex iżomm persuna milli tieħu persuna ta' taħt l-età barra minn Malta.

(2) Il-mandat għandu jiġi notifikat lill-persuna jew persuni li jkollhom, jew li jista' jkollhom, il-kustodja legali jew attwali tal-persuna ta' taħt l-età u jkun jordnalhom biex ma jiħdux, jew iħallu lil xi ħadd jieħu, lil dik il-persuna ta' taħt l-età barra minn Malta.

(3) Il-mandat għandu jiġi wkoll notifikat:

(a) lill-uffiċjal inkarigat mill-ħruġ ta' passaporti b'ordni biex ma joħroġx, u/jew jikkonsenja, passaport li fih ikun hemm imdaħħal il-persuna ta' taħt l-età u biex ma jdaħħalx isem dik il-persuna taħt l-età fil-passaport tar-rappreżentanti legali tagħha jew fil-passaport ta' persuna oħra; u

(b) lill-Kummissarju tal-Pulizija b'ordni biex ma jħallix lil dik il-persuna ta' taħt l-età titlaq minn Malta.

Notifika tal-mandat.

(4) Jekk, qabel in-notifika tal-mandat lill-uffiċjal inkarigat mill-ħruġ tal-passaporti, ikun diġa' inħareġ passaport f'isem il-persuna ta' taħt l-età u/jew isem il-minorenni kien diġà mdaħħal fil-passaport ta' ħaddieħor, dak l-uffiċjal għandu jaġixxi biex jirtira l-passaport li fih tkun imdaħħla dik il-persuna ta' taħt l-età u kull passaport ieħor li fih ikun imdaħħal isem il-persuna ta' taħt l-età, u biex iħassar isem dik il-persuna minn dak il-passaport.

Xi jkun fih il-mandat.

(5) Il-mandat għandu jkun fih isem u kunjom il-persuna ta' taħt l-età u kull partikolarità oħra, inklużi id-data u l-lok tat-twelid u isem il-ġenituri meta dawn ikunu magħrufin, b'mod li min jiġi notifikat bil-mandat ikun jista' jagħraf sew min hi l-persuna ta' taħt l-età.

Disprezz lejn l-awtorità tal-qorti.

(6) Kull min ikun ġie notifikat bil-mandat u, b'mod dirett jew mhux dirett, jieħu l-persuna ta' taħt l-età, jew jippermetti li dik il-persuna tittieħed barra minn Malta, ikun ħati ta' dispezz lejn l-awtorità tal-qorti.

Notifika tad-digriet li jippro-roga l-mandat.

(7) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1), (2), (3), (5) u (6) ta' l-artikolu 869 għandhom ikunu jgħoddu għal dak il-mandat.

(8) Id-digriet li jagħti l-proroga tal-mandat għandu jiġi notifikat lill-persuni msemmija fis-subartikoli (2) u (3) ta' dan l-artikolu.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 894 tal-liġi prinċipali.

323. Minflok l-artikolu 894 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Kif għandha tingħieb il-garanzija jew kif għandha ssir oppożiz-zjoni għaliha.

894. (1) Ħlief meta l-liġi tistabbilixxi proċedura oħra il-garanzija għandha tingħieb b'nota jew b'rikors u fihom għandu jkun hemm l-isem u l-kunjom tal-garanti, il-professjoni, is-sengħa jew stat ieħor tiegħu, u l-lok fejn joqgħod jew numru tal-karta ta' l-identità jew dokument ta' identifikazzjoni uffiċjali ieħor; dawk in-nota jew ir-rikors għandhom jiġu nnotifikati lill-partijiet interessati, illi, fiż-żmien mogħti lilhom mill-qorti, skond iċ-ċirkostanzi ta' kull każ partikolari, għandhom jiddikjaraw jekk jaċċettawx jew jirrifjutawx il-garanti hekk miġjub.

(2) L-oppożizzjoni għall-garanti tista' ssir b'nota jew fit-tweġiba għar-rikors.

(3) Meta l-garanzija tingħieb fi proċeduri b'rikors jew b'ċitazzjoni, il-garanti jista' jiġi msemmi fir-rikors jew fiċ-ċitazzjoni.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 897 tal-liġi prinċipali.

324. Minflok l-artikolu 897 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Kif isir ir-rifjut tal-garanzija.

897. Ir-rifjut tal-garanzija għall-ispejjeż jista' jsir mill-parti kuntrarja fit-tweġiba, jew, fil-każijiet ta' rikonvenzjoni, fir-replika. Dan ir-rifjut tal-garanzija jista' jsir ukoll bi protest, basta li, għal dawk li huma kawżi fil-qorti ta' l-ewwel grad, il-protest jiġi ppreżentat fiż-żmien stabbilit għar-replika.".

Emenda ta' l-artikolu 900 tal-liġi prinċipali.

325. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 900 tal-liġi prinċipali minflok il-kelma "ċitazzjoni" għandha tidħol il-kelma "rikors".

Emenda ta' l-artikolu 901 tal-liġi prinċipali.

326. Fl-artikolu 901 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "fiċ-ċitazzjoni msemmija" għandhom jidħlu l-kliem "fir-rikors imsemmi".

Emenda ta' l-artikolu 904 tal-liġi prinċipali.

327. L-artikolu 904 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "li ma rnexxilux isib garanti tajjeb" għandhom jidħlu l-kliem "li ma rnexxilux iġib dik il-garanzija meħtieġa skond il-liġi"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "taċ-ċitazzjoni li biha" għandhom jidħlu l-kliem "tar-rikors li bih".

Emenda ta' l-artikolu 906 tal-liġi prinċipali.

328. Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 906 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Jekk fil-jum stabbilit għall-kawża kif imsemmi fl-artikolu 152, l-avviż imsemmi fis-subartiklu (2) ta' l-artikolu 152 ma jkunx ġie notifikat lill-parti, lill-avukat jew lill-prokuratur legali tiegħu, u dik in-notifika tkun baqgħet ma saritx għal iktar minn xahar mid-data stabbilita għall-ewwel smiegħ tal-kawża, il-qorti għandha tiddifferixxi dik il-kawża *sine die*.".

Emenda ta' l-artikolu 909 tal-liġi prinċipali.

329. Fl-artikolu 909 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "kull dokument miġjub" u "dawk id-dokumenti," għandhom jidħlu l-kliem "kull dokument jew prova oħra miġjuba" u "dawk id-dokumenti jew provi oħra,".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 911 tal-liġi prinċipali.

330. Minflok l-artikolu 911 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Għajnuna legali bla ħlas.

911. (1) It-talba għall-benefiċċju sabiex wieħed iħarrek jew jiddefendi ruħu bil-benefiċċju ta' għajnuna legali f'kull qorti msemmija fl-artikoli 3 u 4 ta' dan il-Kodiċi u quddiem kull tribunal ieħor fejn il-benefiċċju ta' għajnuna legali bla ħlas huwa mogħti skond il-liġi, għandha ssir b'rikors fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

(2) Iżda, dik it-talba tista' wkoll issir bil-fomm lill-Avukat għal Għajnuna Legali.

(3) Id-digriet li bih jingħata l-benefiċċju ta' l-għajnuna legali għandu jkun jgħodd għall-qrati kollha u għal kull tribunal imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(4) L-Avukat għal Għajnuna Legali għandu jagħti servizz professjonali lil kull min iqis li għandu jedd għall-benefiċċju ta' għajnuna legali, u qabel ma huma jiksbu dan il-benefiċċju, iħejji u jippreżenta kull att ġudizzjarju li jista' jkun ta' xorta urġenti. Għandha tiġi segwita din il-proċedura li ġejja:

(a) l-Avukat għal Għajnuna Legali għandu jippreżenta rikors fil-qorti kompetenti magħmul f'ismu fejn jitlob li jiġi awtorizzat jippreżenta atti ġudizzjarji speċifiċi f'isem persuna jew persuni li jkunu qed jitolbu l-għajnuna legali, billi huwa jqis il-kwistjoni bħala waħda urġenti;

(b) il-qorti kompetenti għandha mbagħad tilqa' dik it-talba sakemm ma jkunx hemm raġunijiet serji għaliex ma għandhiex tagħmel dan;

(ċ) wara li l-atti ġudizzjarji jitħallew jiġu preżentati, l-Avukat għal Għajnuna Legali għandu jimxi skond il-proċedura normali li twassal għall-ħatra ta' avukat u prokuratur legali *ex officio* skond ma hemm provdut f'dan it-Titolu, jew li dawn ma jinħatrux:

Iżda jekk il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sussegwentement teskludi l-benefiċċju għal għajnuna legali, dan ma jġibx in-nullità ta' xi att ġudizzjarju li jkun ġie preżentat b'dak il-benefiċċju iżda għandu biss itemm għaż-żmien ta' wara l-benefiċċju ta' l-għajnuna legali mogħti kif imsemmi qabel, u l-qorti tista' tordna li min ikun tneħħielu dak il-benefiċċju jkollu jħallas l-ispejjeż kollha li jkunu saru.

(5) Għandu jkun hemm Avukat għal Għajnuna Legali li jkun responsabbli għad-Dipartiment għal Għajnuna Legali.

(6) Għall-finijiet ta' dan il-Kodiċi, il-kliem "Avukat għal Għajnuna Legali" ifissru l-Avukat għal Għajnuna Legali u jinkludu lil kull uffiċjal fid-Dipartiment għal Għajnuna Legali maħtur mill-Avukat għal Għajnuna Legali jew kull uffiċjal pubbliku maħtur mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja biex iwettaq għan partikolari jew għadd speċifiku ta' għanijiet li għandhom jitwettqu mill-Avukat għal Għajnuna Legali.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 912 tal-liġi prinċipali.

331. Minflok l-artikolu 912 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Kondizzjonijiet sabiex jingħata l-benefiċċju ta' għajnuna legali.

912. Ebda talba bħal dik imsemmija fl-artikolu 911 ma tintlaqa' sakemm ir-rikorrent ma jaħlifx, meta jsir rikors, quddiem ir-reġistratur, u meta ssir talba bil-fomm, quddiem l-Avukat għal Għajnuna Legali —

(a) illi hu jidhirlu li għandu jedd tajjeb biex iħarrek jew jiddefendi ruħu, jew li jkompli jew ikun parti fi proċedimenti; u

(b) illi, minbarra l-oġġett fil-kawża, hu ma għandu ebda xorta ta' proprjetà li l-valur nett tagħhom jammonta għal mhux aktar minn tlett elef lira Maltija,

jew dik is-somma li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja minn żmien għal ieħor jista' b'ordni fil-Gazzetta jiffissa, bla ma jitqiesu dawk l-oġġetti tad-dar ta' kuljum li huma raġonevolment meħtieġa għall-użu tar-rikorrent u tal-familja tiegħu, u li l-qliegħ tiegħu fis-sena huwa inqas mill-paga minima nazzjonali stabbilita għal persuni li jkunu għalqu t-tmintax-il sena, jew dik is-somma li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja minn żmien għal ieħor jista' b'ordni fil-Gazzetta jiffissa:

Iżda fil-kalkolu tal-valur nett imsemmi, ma għandu jittieħed ebda qies tar-residenza prinċipali tar-rikorrent jew ta' kull proprjetà oħra, immobbli jew mobbli, li dwarha jkun hemm kwistjoni fil-qorti, ukoll jekk dik il-proprjetà l-oħra ma tkunx tagħmel parti mill-kwistjoni li dwarha jkun hemm proċeduri li għalihom ikun qiegħed jintalab il-benefiċċju ta' għajnuna legali:

Iżda wkoll, fil-kalkolu tal-qliegħ iż-żmien ta' komputazzjoni għandu jkun il-perijodu ta' tnax-il xahar li jiġu qabel it-talba għall-benefiċċju ta' għajnuna legali.".

Emenda ta' l-artikolu 914 tal-liġi prinċipali.

332. L-artikolu 914 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:—

"(1) Meta t-talba ssir b'rikors, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tibgħat dan ir-rikors lill-Avukat għal Għajnuna Legali sabiex jeżaminaha sommarjament u jirrapportalha jekk ir-rikorrent għandux raġunijiet tajba biex jibda proċedimenti jew biex jagħmel difiża tiegħu innifsu, u meta t-talba ssir bil-fomm lill-Avukat għal Għajnuna Legali, dan għandu jgħaddi dritt għal dak l-eżami u rapport:

Iżda, dak l-eżami ma jkunx meħtieġ meta t-talba biex jingħata l-benefiċċju ta' għajnuna legali ssir mill-konvenut fil-qorti ta' l-ewwel grad, jew mill-appellat fil-qorti fi grad ta' appell, u dan il-konvenut jew appellat għandu dejjem jingħata li jiddefendi ruħu b'dak il-benefiċċju wara li jieħu l-ġurament preskritt fl-artikolu 912.";

(b) minflok is-subartikolu (3) għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:—

"(3) Meta l-Avukat għal Għajnuna Legali jidhirlu li hu meħtieġ li jisma' xhieda, hu għandu jitlob lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, sabiex dawn ix-xhieda jiġu mħarrkin biex jidhru quddiemu."; u

(ċ) fis-subartikolu (6) tiegħu minflok il-kliem "il-qorti," għandhom jidħlu l-kliem "il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili,".

Emenda ta' l-artikolu 915 tal-liġi prinċipali.

333. Fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 915 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "il-qorti." għandhom jidħlu l-kliem "il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.".

Emenda ta' l-artikolu 916 tal-liġi prinċipali.

334. Fl-artikolu 916 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "lill-qorti," għandhom jidħlu l-kliem "lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili,".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 917 tal-liġi prinċipali.

335. Minflok l-artikolu 917 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Digriet li bih tiġi milqugħa jew miċħuda t-talba għall-għajnuna legali.

917. Meta r-rapport ta' l-Avukat għal Għajnuna Legali jkun favur ir-rikorrent, dan jiġi ammess għall-benefiċċju li jkun talab; iżda jekk ir-rapport ikun kuntrarju, dan għandu jiġi eżaminat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li tagħti liż-żewġ partijiet l-opportunità li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom, qabel ma tiddeċiedi jekk għandhiex taċċetta r-rapport kuntrarju jew li tiċħad ir-rapport u tilqa' t-talba.".

Emenda ta' l-artikolu 918 tal-liġi prinċipali.

336. Fl-artikolu 918 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "Il-qorti" u "din il-parti ma jista' jkollha ebda avukat jew prokuratur legali ieħor:" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili" u "din il-parti jista' jkollha, għal raġuni tajba, titlob lill-qorti permezz ta' l-Avukat għal Għajnuna Legali li tissostitwixxi lill-avukat jew prokuratur legali b'avukat jew prokuratur legali ieħor ta' l-elenku:" rispetivament, u minflok il-kliem "maħtura għaliha qabel kif ġa ingħad" fil-proviso li hemm ma' l-artiklu għandhom jidħlu l-kliem "maħtura għaliha kif ġa ingħad".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 923 tal-liġi prinċipali.

337. Minflok l-artikolu 923 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Meta jista' jitneħħa l-benefiċċju.

923. (1) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha tneħħi dak il-benefiċċju lill-persuna li tkun ingħatat li timxi bil-benefiċċju ta' għajnuna legali meta jiġi ppruvat illi kellha kapital jew qliegħ li kien aktar minn dak stabbilit għall-għoti ta' l-għajnuna legali.

(2) Jekk jiġi pruvat li dik il-persuna xjentement kellha dak il-kapital jew qliegħ meta kienet ingħatat il-benefiċċju ta' l-għajnuna legali jew inkella illi xjentement dik il-persuna kellha dak il-kapital jew qliegħ iktar minn dak stabbilit għall-għoti ta' l-għajnuna legali iżda dan baqa' ma ġiex rappurtat minnha lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din l-istess Qorti tista' tikkundanna lill-parti bħala ħatja ta' disprezz għall-awtorità tal-qorti:

Iżda l-imsemmija Qorti ma għandha tagħmel ebda proċedimenti għal disprezz għall-awtorità tal-qorti meta jkunu jistgħu jinbdew proċedimenti legali għal ġurament falz kontra dik il-persuna, u l-qorti msemmija tkun ordnat li dik il-persuna għandha tiġi minnufih arrestata, u tibgħat kopja ta' l-atti mingħajr dewmien u permezz tar-reġistratur lill-Qorti tal-Maġistrati, sabiex ikunu jistgħu jinbdew proċedimenti skond il-liġi.

(3) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha wkoll tneħħi dak il-beneficċju lil dak ir-rikorrent li jkun qiegħed jillitiga b'mod vessatorju.

(4) Fil-każijiet kollha li fihom ir-rikorrent għall-għajnuna legali ikun tneħħielu dak il-beneficċju, huwa jkun personalment responsabbli għall-ispejjeż kollha tal-proċedimenti li kien ikollu jbati li kieku ma kienx ingħatalu dak il-beneficċju ta' għajnuna legali.".

Emenda ta' l-artikolu 924 tal-liġi prinċipali.

338. Fl-artikolu 924 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "il-qorti" għandhom jidħlu l-kliem "il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 925 tal-liġi prinċipali.

339. Minflok l-artikolu 925 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—

"Dmirijiet ta' avukat jew prokuratur legali.

925. (1) L-avukat jew prokuratur legali assenjat lil min jingħata l-beneficċju ta' l-għajnuna legali għandu:

(a) jaġixxi fl-aħjar interess ta' min ikun ingħata l-beneficċju ta' l-għajnuna legali;

(b) jidher fil-qorti meta tissejjaħ il-kawża ta' min ikun ingħata l-beneficċju ta' l-għajnuna legali;

(ċ) jagħmel is-sottomissjonijiet neċessarji u jippreżenta n-noti meħtieġa, ċitazzjonijiet, noti ta' l-eċċezzjonijiet, avviżi, rikorsi, u kull skrittura oħra hekk kif jenħtieġ skond iċ-ċirkostanzi.

(2) L-avukat jew il-prokuratur legali jibqgħu responsabbli għal kawża lilu assenjata kif imsemmi qabel sakemm din tkun ġiet definittivament konkluża, ukoll jekk ikun skada iż-żmien tal-ħatra tiegħu.".

Tħassir ta' l-artikoli 926, 927 u 928 tal-liġi prinċipali.

340. L-artikoli 926, 927 u 928 tal-liġi prinċipali għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 929 tal-liġi prinċipali.

341. Minflok il-paragrafu (d) ta' l-artikolu 929 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:—

"(d) fl-interess ta' kull soċjetà kummerċjali reġistrata jew Kap. 168. stabbilita taħt l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali jew kull liġi oħra li tissostitwixxi l-istess Ordinanza jew kull għaqda ta' persuni jew organizzazzjoni oħra jekk il-persuna jew il-persuni li jkunu mogħtija r-rappreżentanza tas-soċjetà jew ta' l-għaqda jew ta' l-organizzazzjoni jkunu assenti minn Malta jew jekk ebda persuna jew persuni kif imsemmija, jew biżżejjed persuni ma jkunu mogħtija dik ir-rappreżentanza:".

Emenda ta' l-artikolu 931 tal-liġi prinċipali.

342. Fis-subartikoli (2) u (3) ta' l-artikolu 931 tal-liġi prinċipali minnufih wara l-kliem "Kopja ta' dawn il-bandi" u "kopja tal-bandi" rispettivament għandhom jidħlu l-kliem "flimkien ma' kopja ta' l-iskrittura jew verżjoni qasira tagħha".

Emenda ta' l-artikoli 932 u 934 tal-liġi prinċipali.

343. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 932 u fl-artikolu 934 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "fi żmien erbat ijiem" u "fiż-żmien ta' erbat ijiem" rispettivament għandhom f'kull każ jidħlu l-kliem "fi żmien sitt ijiem".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 936 tal-liġi prinċipali.

344. Minflok l-artikolu 936 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu li ġej:—

"Dmirijiet tal-kuratur.

936. (1) Il-kuraturi għandhom jagħmlu l-ħila tagħhom kollha għad-difiża ta' l-interessi li għalihom ikunu jidhru. Id-dmirijiet tal-kuraturi għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) li jinvestigaw sewwa dwar il-jeddijiet tal-persuni li jirrappreżentaw u li jidentifikaw dawn il-jeddijiet;

(b) li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jittutelaw il-jeddijiet imsemmija qabel;

(ċ) li jikkuntattjaw minnufih lill-persuna jew persuni li jkunu qed jirrappreżentaw, jekk l-indirizz ikun magħruf, u jekk mhux magħruf għandhom jagħmlu dak kollu li jistgħu jagħmlu biex isiru jafu l-indirizzi tagħhom, magħduda l-pubblikazzjoni bl-awtorità tal-qorti ta' avviż f'gazzetta tal-lokal fejn l-aħħar kien magħruf jew kienu magħrufin;

(d) li jgħarrfu lill-persuna jew persuni li jkunu qed jirrappreżentaw b'kull att ġudizzjarju u x'ikun fih;

(e) li jiksbu t-tagħrif kollu meħtieġ sabiex jiddefendu kull interess tal-persuna jew persuni li jkunu jirrappreżentaw;

(f) li jkomplu jittutelaw l-interessi tal-persuna jew persuni li jirrappreżentaw dwar kull ħaġa pendenti minkejja li ż-żmien tal-ħatra taħt l-artikoli 89 jew 90 jista' jkun skada; u

(ġ) li jżommu lill-qorti regolarment mgħarrfa b'kull azzjoni meħuda fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom.

(2) Il-kuraturi għandhom iwieġbu għal kull danni u imgħaxijiet li jista' jkun hemm minħabba t-traskuraġni tagħhom.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 938 tal-liġi prinċipali.

345. Minflok l-artikolu 938 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Ħlas li jmiss lill-kuraturi.

938. Il-kuraturi maħtura mill-elenku għandhom jedd għall-ispejjeż meħtieġa magħmulin minnhom u għall-ħlas tad-drittijiet lilhom spettanti rispettivament li, skond it-Tariffi fl-Iskeda A li hawn ma' dan il-Kodiċi, soltu jmisshom l-avukat u l-prokuratur legali fil-kawża:

Iżda l-qorti tista' fuq talba tal-kuratur tordna li jitħallas ammont proviżorju akkont tiegħu u bil-quddiem lill-kuratur mill-persuna li tkun qegħda titlob il-ħatra tiegħu sabiex minnu jitħallsu l-ispejjeż li l-kuratur jindika li jkun ser jagħmel:

Iżda wkoll meta l-qorti tneħħi kuratur fil-każ ta' mġieba ħażina jew negliġenza skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 96, il-qorti għandha tordna li ebda drittijiet kif imsemmija qabel ma għandhom jitħallsu lill-kuratur, jew li jitħallas biss sehem speċifikat minnhom, mingħajr preġudizzju għal kull dritt ieħor li jkollha l-persuna li kien qed jirrappreżenta għal danni li tkun ġarrbet.".

Sostituzzjoni ta' ta' l-artikolu 945 tal-liġi prinċipali.

346. Minflok l-artikolu 945 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"Dmirijiet tar-reġistratur dwar żbank ta' flus.

945. (1) Meta depożitu jiġi żbankat, kollu jew biċċa minnu, b'akkont jew b'saldu ta' kreditu li jkun ġej minn sentenza, jew minn att pubbliku ieħor, jew minn deċiżjoni ta' arbitri magħmula u iddepożitata kif ingħad fit-Titolu XVI tat-Tielet Ktieb ta' dan il-Kodiċi, ir-reġistratur għandu, fuq talba u bi spejjeż ta' kull min ikollu interess jagħmel nota ta' dak l-iżbank fil-ġenb tas-sentenza jew tad-deċiżjoni ta' l-arbitri, u jibgħat nota ta' dak l-iżbank lin-nutar jew uffiċjal ieħor li jkun irċieva l-att ta' dak il-kreditu jew li tiegħu jkun il-konservatur.

Tnaqqis u tħassir ta' jeddijiet ta' preferenza leġittimi.

(2) Meta il-kreditu msemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu huwa mqiegħed fiż-żgur minn xi wieħed mill-jeddijiet ta' preferenza imsemmija fl-artikolu 1996 tal-Kodiċi Ċivili, kull parti li jkollha interess tista' ġġib fis-seħħ it-tnaqqis jew it-tħassir tar-reġistrazzjoni relattiva bil-mod provdut fl-artikoli 2065 u 2066 tal-Kodiċi imsemmi qabel. In-nota relattiva għandha tiġi ffirmata minn min ikun jeħtieġ li din tiġi reġistrata jew minn avukat, nutar jew prokuratur legali.

X'inhu aktar meħtieġ għar-reġistrazzjoni.

(3) Ikun meħtieġ qabel ma ssir ir-reġistrazzjoni li tintehmeż man-nota ta' tnaqqis jew tħassir kopja awtentikata tan-nota ta' żbank imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.".

Emenda ta' l-artikolu 946 tal-liġi prinċipali.

347. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 946 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "pretensjoni, b'libell jew b'ċitazzjoni, dwar" għandhom jidħlu l-kliem "pretensjoni b'ċitazzjoni dwar".

Tħassir ta' l-artikoli 952 sa 959 tal-liġi prinċipali.

348. L-artikoli 952 sa 959 tal-liġi prinċipali għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 962 tal-liġi prinċipali.

349. Fl-artikolu 962 tal-liġi prinċipali il-kliem "bil-libell jew" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 963 tal-liġi prinċipali.

350. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 963 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "tal-libel," u "tal-petizzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "taċ-ċitazzjoni," u "tar-rikors ta' l-appell" rispettivament.

351. Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 964 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:— Emenda ta' l-artikolu 964 tal-liġi prinċipali.

"(2) Ir-reġistratur għandu jagħmel u jippubblika listi separati tal-kawżi hekk pendenti f'kull waħda mill-Qrati Superjuri, jiġifieri, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-Qorti ta' l-Appell u fil-Qorti Kostituzzjonali. Listi bħal dawn għandhom ukoll isiru u jiġu pubblikati mir-reġistratur fil-każ ta' kawżi pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha superuri.".

352. L-artikolu 965 tal-liġi prinċipali għandu iġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 965 tal-liġi prinċipali.

(a) il-paragrafi (b), (ċ) u (d) tiegħu għandhom jiġu rispettivament enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (ċ), (d) u (e);

(b) minnufih wara l-paragrafu (a) tiegħu għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) jekk meta l-kawża tkun ġiet sospiża b'konsegwenza tal-fatt li l-attur jew l-appellant ma jkunux ġew notifikati bil-jum stabbilit għall-kawża, ebda waħda mill-partijiet ma tkun għamlet l-azzjoni meħtieġa sabiex is-smiegħ tal-kawża jinbeda jew jitkompla bil-preżentata tar-rikors relattiv b'nota mehmuża miegħu fejn tindika l-aħħar indirizz magħruf ta' l-attur jew ta' l-appellant, liema nota għandha tkun konfermata bil-ġurament mir-rikorrent; jew"; u

(ċ) minflok il-kliem "fil-paragrafu (a) jew (b) jew (ċ) ta' hawn fuq," fil-paragrafu (e) kif enumerat mill-ġdid għandhom jidħlu l-kliem "fil-paragrafu (a) jew (b) jew (ċ) jew (d) ta' hawn fuq,".

353. Fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 970 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "l-atti jitqiesu li ġew irtirati mill-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti; iżda ma jingħabru ebda drittijiet tar-reġistru dwar dik il-kawża li ma tkomplietx;" għandhom jidħlu l-kliem "jitqies li l-azzjoni tkun waqfet;". Emenda ta' l-artikolu 970 tal-liġi prinċipali.

354. Fl-artikolu 1000 tal-liġi prinċipali u fin-nota marġinali tiegħu, minflok il-kliem "ma tistax" għandhom jidħlu l-kliem "tista'". Emenda ta' l-artikolu 1000 tal-liġi prinċipali.

355. Minnufih wara l-artikolu 1003 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu 1003A ġdid li ġej:— Żieda ta' l-artikolu 1003A tal-liġi prinċipali.

"Ir-Reġistratur jitqies bħala attur fi proċedimenti għal disprezz.

1003A. F'kull proċediment għal disprezz lejn l-awtorità tal-qorti, ir-Reġistratur għandu jibda, kif jiġi ordnat mill-Qorti, il-proċedimenti meħtieġa u għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi huwa għandu jitqies bħala l-attur.".

356. Minnufih wara l-artikolu 1009 tal-liġi prinċipali għandu jidħol l-artikolu 1009A li ġej: Żieda ta' l-artikolu 1009A ġdid mal-liġi prinċipali.

"Proċeduri b'mezzi elettroniċi.

1009A. Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jagħmel regolamenti li jipprovdu għal jew jippermettu —

(i) l-għemil ta' atti ġudizzjarji permezz ta' tagħmir elettroniku,

(ii) it-trasmissjoni u n-notifika permezz ta' mezzi elettroniċi,

dwar atti ġudizzjarji, proċedimenti tal-qorti, dokumentazzjoni u notifiki, u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak imsemmi qabel, dawk ir-regolamenti jistgħu jipprovdu għal —

(a) l-għamla ta' atti ġudizzjarji li jintgħamlu b'mezzi elettroniċi;

(b) it-trasmissjoni, preżentata u notifika ta' atti, b'tagħmir elettroniku u dwar il-mod kif dawk il-modifiki għandhom jiġu dokumentati bi prova;

(ċ) żamma ta' *records* tal-qorti b'mezzi elettroniċi u l-mod kif dawk ir-*records* għandhom jiġu awtentikati u kif għandhom jinħarġu kopji minnhom u jiġu awtentikati;

(d) id-drittijiet li jistgħu jintalbu għar-rigward ta' l-użu ta' dawk il-mezzi elettroniċi għar-rigward ta' l-għemil, trasmissjoni, preżentata jew notifika ta' atti ġudizzjarji, u għall-għemil ta' kopji ta' *records* tal-qorti; u

(e) kull ħaġa oħra konsegwenzjali jew inċidentali għal dan inklużi dawk id-dispożizzjonijiet transitorji li l-Ministru jistgħu jidhrulu li jkunu meħtieġa jew spedjenti u li għandhom x'jaqsmu ma' dan kollu.".

Emendi ġenerali għal-liġi prinċipali.

357. Fil-liġi prinċipali kull fejn jinsabu:

(a) minflok il-kliem "Qorti tal-Kummerċ" għandhom jidħlu l-kliem "Qorti Ċivili, Prim'Awla,";

(b) minflok il-kliem "Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta" għandhom jidħlu l-kliem "Qorti tal-Maġistrati (Malta)";

(ċ) minflok il-kliem "Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u ta' Kemmuna" għandhom jidħlu l-kliem "Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)";

(d) minflok il-kliem "Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja" għandhom jidħlu l-kliem "Qorti tal-Maġistrati"; u

(e) minflok il-kliem "reġistratur tal-Qrati Superjuri" għandhom jidħlu l-kliem "Reġistratur tal-Qrati".

Emenda ta' l-Iskeda B li tinsab mal-liġi prinċipali.

358. Fil-parti tar-rikors, jiġifieri fl-ewwel faċċata, tal-formula Nru. 12/Nru. 13 li hemm fl-Iskeda B li tinsab mal-liġi prinċipali, minflok il-kliem minn "ġġib magħha d-dokumenti." sa "Prokuratur Legali" għandu jidħol dan li ġej:

"ġġib magħha d-dokumenti msemmija aktar 'l isfel.

Isem u indirizz tal-persuna biex titħarrek b'xhud:

Dokumenti li għandha ġġib magħha:

Jum u ħin li fih għandha tidher u fejn:

Avukat Prokuratur Legali".

Żieda ta' Skeda Ċ ġdida mal-liġi prinċipali.

359. Din l-Iskeda Ċ ġdida li ġejja għandha tiżdied wara l-Iskeda B li hemm mal-liġi prinċipali:

"SKEDA C
(Artikolu 249)

(1) ..... Bank Ltd. jidħol bħala garanti solidali tal-appellant (2) ..... għall-ispejjeż tal-appell fil-kawża (3) ..... sa l-ammont ta' (4) ..... liri Maltin (Lm) u dan għall-fini u skond it-termini tal-artikolu 249 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Cap. 12.

Din il-garanzija tibqa' sseħħ sa sitt xhur minn meta l-imsemmi appell jiġi deċiż, jew jiġi ċedut jew imur dežert u għalhekk tispiċċa jekk ma jkun hemm l-ebda talba bil-miktub dwarha fl-imsemmi żmien ta' sitt xhur.

Qabel ma jagħmel xi ħlas taħt din il-garanzija l-Bank jista' jitlob li jinġieb ċertifikat tar-Reġistratur li juri d-data ta' meta l-appell ikun ġie deċiż, ċedut jew dežert, kif ukoll id-dokumentazzjoni neċessarja għall-prova tat-talba għall-ħlas.

Illum ta' 19

(5) .....
għall- Bank Ltd.

(1) Isem tal-Bank garanti
(2) Dettalji ta' l-appellant
(3) Okkju tal-kawża appellata
(4) Ammont tal-garanzija
(5) Firmatarju għall-Bank".

Emenda tal-liġijiet fl-Iskeda.

360. Il-liġijiet imsemmija fl-Ewwel Kolonna ta' l-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att għandhom iseħħu skond l-emendi magħmulin fit-Tieni Kolonna ta' dik l-Iskeda.

Thassir ta' l-Att dwar Assistenti Ġudizzjarji u Xiehda b'*Affidavit*, Kap. 309.

361. (1) L-Att dwar Assistenti Ġudizzjarji u Xiehda b'*Affidavit* għandu jiġi mħassar.

(2) L-Assistenti Ġudizzjarji maħtura taħt l-Att imħassar bis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom jitqiesu li ġew maħtura taħt il-liġi prinċipali kif emendata b'dan l-Att, u kull *affidavit* jew att ieħor li sar bis-saħħa jew taħt id-dispożizzjonijiet ta' dak l-Att u kull ħaġa magħmula bis-saħħa ta' dak l-Att, għandu jibqa' jgħodd daqslikieku sar bis-saħħa jew taħt id-dispożizzjonijiet tal-liġi prinċipali kif emendata b'dan l-Att.

Dispożizzjonijiet transitorji.

362. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn is-subartikoli ta' dan l-artikolu li ġejjin, id-dispożizzjonijiet tal-liġi prinċipali kif emendati b'dan l-Att u d-dispożizzjonijiet tal-liġijiet imsemmija fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att kif emendati b'dan l-Att, għandhom jgħoddu għall-proċeduri kollha li jkunu pendenti quddiem xi qorti jew tribunal li għalihom jgħoddu dak il-Kodiċi jew dawk il-liġijiet, u li f'dik id-data jkunu għadhom pendenti u ma għaddewx f'ġudikat.

(2) Ebda ħaġa fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma għandha tħassar xi proċedura sew bil-miktub jew bil-fomm li setgħet saret qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att u li kienet valida skond il-liġi kif kienet fis-seħħ fid-data meta dik il-ħaġa tkun saret.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 156, 157 u 158 tal-liġi prinċipali kif emendati b'dan l-Att, dwar is-smiegħ ta' kawżi, id-determinazzjoni ta' punti ta' fatt u ta' liġi, u kif jinġiebu l-provi, għandhom jiġu applikati mill-qrati wkoll rigward kawżi li ġa jinsabu pendenti quddiem il-qrati fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att b'dawk il-modifiki li l-qorti tista' fiċ-ċirkostanzi tqis meħtieġa, u meta kawża tkun qegħda f'dik id-data pendenti quddiem assistent ġudizzjarju jew perit legali għal kull raġuni li tkun, il-qorti għandha għall-finijiet ta' dan is-subartikolu tagħti dawk l-ordnijiet li tista' tqis li huma meħtieġa sabiex tassigura li jekk il-każ jitkompla quddiem il-perit legali jew assistent ġudizzjarju, l-istess proċeduri fl-artikoli 156, 157 u 158 imsemmija għandhom *mutatis mutandis* jiġu applikati mill-perit legali jew mill-assistent ġudizzjarju skond il-każ:

Iżda ma għandu jkun hemm ebda appell minn ordni mogħtija minn qorti taħt dan is-subartikolu ħlief flimkien ma' appell fuq il-meriti tal-kawża.

(4) Mandat maħruġ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandu jibqa' validu minkejja kull ħaġa li tinsab f'dan l-Att, iżda dan għandu biss jiġġedded meta jiskadi jekk dan jista' jinħareġ jew jiġġedded skond ma hemm fil-liġi prinċipali kif jinsab emendat b'dan l-Att:

Iżda mandat ta' impediment tas-safar kontra persuna ma għandux jibqa' jseħħ għal iktar minn xahar kalendarju wieħed wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att.

(5) Qorti li kienet qed tieħu konjizzjoni ta' kawża qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att tibqa' kompetenti li tittratta dak il-każ ukoll jekk dik il-qorti tista', skond il-Kodiċi kif emendat b'dan l-Att, ma tkunx kompetenti *ratione valoris*.

(6) Dawk il-kawżi li mad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att ikunu pendenti quddiem il-Qorti tal-Kummerċ jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza superjuri kummerċjali tagħha, għandhom mad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, jitkomplew quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza superjuri tagħha rispettivament.

(7) L-emendi magħmulin b'dan l-Att fil-Kodiċi Kriminali għandhom ikunu jgħoddu wkoll għal kull proċedimenti pendenti quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att u minkejja kull sentenza fuq dawk il-proċedimenti li tkun għadha ma għaddietx f'ġudikat.

(8) F'kull liġi, kull referenza għall-"Qorti tal-Kummerċ" u għar-"Reġistratur tal-Qrati Superjuri" għandha rispettivament titqies bħala referenza għall-"Prim'Awla tal-Qorti Ċivili" u għar-"Reġistratur tal-Qrati".

(9) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jagħmel regolamenti biex jemenda kull liġi b'mod li kull referenza fiha għall-Qrati, għar-Reġistratur u għal kull uffiċjal tal-qrati li tkun tidher fiha bi qbil mal-kariga tagħhom fil-liġi prinċipali jew f'kull leġislazzjoni oħra kif fis-seħħ minnufih qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, għandha minflokha tidħol referenza li tkun l-istess bħalma l-kariga tagħhom tkun ġiet emendata b'dan l-Att jew bl-Att li jbiddel l-isem tal-Qrati Inferjuri. Kap. 340.

(10) Meta mal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att ikun hemm pendenti quddiem xi qorti każ li jkun ilu hekk pendenti għal żmien għaxar snin, il-qorti għandha tagħti prijorità lis-smigħ ta' dik il-kawża sabiex dak il-każ jiġi deċiż u maqtugħ mhux aktar tard minn sena mill-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.

(11) (a) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 466, 467 u 468 tal-liġi prinċipali kif kienu fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandhom jibqgħu japplikaw dwar kull mandat ta' qbid maħruġ bis-saħħa ta' dawk l-artikoli bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(b) Kull mandat ta' qbid maħruġ fuq talba tal-Kap ta' Dipartiment tal-Gvern bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 466 tal-liġi prinċipali kif kien fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandu jiġi revokat mill-Qorti jekk, wara li jinġieb rikors mid-debitur fi żmien tletin jum mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att jew mill-jum meta d-debitur ġie l-ewwel notifikat b'dak il-mandat jew b'att ġudizzjarju msejjes fuqu u li jkun fih referenzi għalih, skond liema jiġi l-aħħar, il-Qorti tkun sodisfatta li t-talba tal-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern tkun infondata fil-mertu.

(12) Minkejja kull dispożizzjoni tal-liġi prinċipali kif emendata b'dan l-Att, meta l-Qorti tkun appuntat avukat bħala perit biex jisma' x-xhieda u jirrapporta dwar kawża mingħajr ma dan ikun mgħejjun minn espert tekniku u, fil-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att dak ir-rapport ikun għadu ma ġiex preżentat, il-Qorti għandha:

(i) tittermina l-ħatra ta' dak il-perit u tgħaddi biex hi stess tisma' l-kawża kif provdut fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 202, kif introdott bl-artikolu 103 ta' dan l-Att; jew

(ii) tħalli lill-perit fil-ħatra tiegħu f'liema każ għandhom japplikaw għas-smiegħ ta' xhieda quddiem il-perit id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (c) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 202 tal-liġi prinċipali kif introdott bl-artikolu 103 ta' dan l-Att, b'dawk il-modifikazzjonijiet li l-Qorti jidhrilha xierqa skond il-każ, b'dan li l-Qorti għandha tassigura li kemm jista' jkun it-termini stabbiliti fl-istess paragrafu għandhom jiġu rispettati.

SKEDA

(Artikolu 360)

L-Ewwel Kolonna Liġi	It-Tieni Kolonna Emenda Relattiva
Liġi dwar il-Kostituzzjoni u Ġurisdizzjoni tal-Qrati Ekklesjastiċi. (Kap. 1)	Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 tagħha għandu jitħassar.
Kodiċi Kriminali. (Kap. 9)	1. Minflok l-artikolu 369 tal-Kodiċi għandu jidħol dan li ġej:—
	"Xogħol ir-reġistratur. 369. (1) Fil-Qorti tal-Maġistrati, ix-xogħol ta' reġistratur jista' jsir minn uffiċjal imsemmi fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 57 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili hekk kif jista' jiġi assenjat għal dak l-għan mir-Reġistratur.". Kap. 12.
	2. Minflok l-artikolu 496 tal-Kodiċi għandu jidħol dan li ġej:—
	"Xogħol ir-reġistratur fil-Qorti Kriminali. 496. (1) Ix-xogħol ta' reġistratur tal-Qorti Kriminali jista' jsir minn kull uffiċjal imsemmi fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 57 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12. (2) Ix-xogħol ta' marixxal jista' jsir fil-Qorti Kriminali minn uffiċjal eżekuttiv tal-Qrati msemmi fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 67 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.".
	3. Minflok l-artikolu 514 tal-Kodiċi għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—
	"Xogħol ir-reġistratur fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali. 514. (1) Ix-xogħol ta' reġistratur fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali jista' jsir minn kull uffiċjal imsemmi fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 57 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. (2) Ix-xogħol ta' marixxal jista' jsir fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali minn uffiċjal eżekuttiv tal-Qrati msemmi fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 67 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.".

L-Ewwel Kolonna Liġi	It-Tieni Kolonna Emenda Relattiva
	4. Fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 520 tiegħu, minflok il-kliem "109, 113 u 114;" għandhom jidħlu l-kliem "is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 109, l-artikoli 113 u 114;".
	5. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 604 tal-Kodiċi l-kliem "ir-Reġistratur tal-Qrati Inferjuri," għandhom jitħassru.
Kodiċi tal-Kummerċ. (Kap. 13)	Is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 47 tiegħu għandu jitħassar.
Ordinanza dwar l-Eseku-zzjoni ta' Digrieti ta' Manteniment. (Kap. 48)	Fl-artikolu 3 tiegħu minflok il-kliem "lir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri" għandhom jidħlu l-kliem "lir-Reġistratur tal-Qrati".
Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili. (Kap. 55)	Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 110 il-kliem "l-imħallfin tal-Qrati Superjuri," huma mħassra.
Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku. (Kap. 65)	Minflok is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 14 tagħha għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:— "(3) Mid-deċiżjoni ta' l-Awtorità jista' jsir appell lill-Qorti ta' l-Appell. Dak l-appell għandu jsir b'rikors fi żmien erbat ijiem minn meta tingħata s-sentenza. Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-Awtorità li jkollha erbat ijiem biex tagħmel risposta għalih. L-iskritturi fuq appell bħal dak jitqiesu magħluqin bir-risposta ta' l-Awtorità, jew malli jiskadi ż-żmien għal dik ir-risposta.".
Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini. (Kap. 69)	Minflok l-artikolu 36 tagħha għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:— "Għajnuna legali. Kap. 12. 36. Id-dispożizzjonijiet tat-Titolu X tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u kull dispożizzjoni oħra ta' l-istess Kodiċi li għandhom x'jaqsmu mal-benefiċċju ta' l-għajnuna legali jgħoddu għall-partijiet fil-proċedura quddiem il-Bord.".
Ordinanza dwar id-Drittijiet tax-Xhieda. (Kap. 108)	1. Minnufih fi tmiem it-tifsira tal-kelma "xhud" fl-artikolu 2 tagħha għandhom jidħlu l-kliem "iżda ma tinkludix xhud *ex parte* skond l-artikoli 563A u 563B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili". 2. Minnufih wara l-artikolu 10 tagħha għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:— "Il-Ministru jista' jemenda, jissostitwixxi jew iżid ma' l-Iskedi. 11. Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jagħmel regolamenti li bihom jemenda, jissostitwixxi jew iżid ma' l-Iskedi li jinsabu ma' din l-Ordinanza.".

L-Ewwel Kolonna Liġi	It-Tieni Kolonna Emenda Relattiva
Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg. (Kap. 135)	Minflok l-artikolu 21 ta' l-Att għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:—
"Sekwestru jew assenjazzjoni ta' pagi.	21. (1) Pagi li jitħallsu minn prinċipal lil impjegat ma jistgħux jiġu assenjati. (2) Pagi li jitħallsu minn prinċipal lil impjegat ma jistgħux jiġu sekwestrati ħlief skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 381, 382 u 849 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12. (3) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu m'għandhomx ikunu japplikaw meta s-sekwestru jew assenjazzjoni jkunu maħsuba biex jassiguraw il-ħlas ta' manteniment dovut lill-mara, jew lil wild ta' taħt l-età jew lil wild inabilitat jew lil axxendent tal-impjegat.".
Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'. (Kap. 199)	1. Fl-artikolu 16 ta' l-Att minnufih wara l-kliem "Proċedura Ċivili" għandhom jidħlu l-kliem "u ta' kull dispożizzjoni oħra ta' l-istess Kodiċi". 2. Fl-artikolu 16 tiegħu, il-kliem "tat-Titolu X tat-Tielet Ktieb" għandhom jitħassru.
Att dwar l-Immigrazzjoni. (Kap. 217)	Fl-artikolu 17 u fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 22 tiegħu, minflok il-kliem "mandat ta' impediment tas-safar jew minħabba xi mandat ieħor" għandhom rispettivament jidħlu l-kliem "f'xi mandat".
Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta. (Kap. 220)	1. Minflok is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 173 ta' l-Att għandu jidħol dan is-subartikolu li ġej: "(4) Referenza f'dan l-artikolu għar-reġistratur tal-qorti tinkludi referenza għal kull uffiċjal ieħor imsemmi fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 57 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.". 2. Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 174 ta' l-Att, minflok il-kliem "ċivili, kriminali jew kummerċjali" għandhom jidħlu l-kliem "ċivili jew kriminali".
Att dwar l-Awtorità tad-Djar. (Kap. 261)	L-artikolu 21 ta' l-Att għandu jitħassar.
Att dwar Relazzjonijiet Industrijali. (Kap. 266)	Fit-test Ingliż tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 29 ta' l-Att minflok il-kliem "section 743" għandhom jidħlu l-kliem "section 734".

L-Ewwel Kolonna Liġi	It-Tieni Kolonna Emenda Relattiva
Att dwar il-Pensjoni tal-Membri tal-Parlament. (Kap. 280)	Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 8 ta' l-Att minflok il-kliem "fis-subartikolu (2)" għandhom jidħlu l-kliem "fis-subartikolu (3)".
Att dwar ir-Reġistrazzjoni Elettro-Manjetika ta' Proċedimenti. (Kap. 284)	1. Fl-artikolu 2 ta' l-Att, minflok it-tifsira ta' l-espressjoni *"tapes"* għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja: ""*tapes*" tfisser it-*tapes* jew oġġetti oħra li fuqhom ikunu ġew reġistrati proċedimenti b'xi mezzi elettro-manjetiċi u jinkludu wkoll *master tape;*". 2. Minnufih wara l-artikolu 6 ta' l-Att għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:— "Kopji ta' *tapes*." 7. (1) Ir-Reġistratur jista' jagħti kopji ta' l-oriġinali ta' *tapes* mal-ħlas ta' dak id-dritt li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti jistabbilixxi.".
Att dwar il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni. (Kap. 326)	Minflok il-kliem "tas-subartikolu (3)" fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 9 ta' l-Att għandhom jidħlu l-kliem "tas-subartikoli (3) sa (6)".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-seduta Nru. 448 tas-26 ta' Lulju, 1995.